# BULLETTIN

# TA' L-ARĊIDJOĊESI

# U

# LITURĠIJA TAL-KELMA

**Nru. 66** **Sajf 1990**

## WERREJ

Ittra tal-Papa lis-saċerdoti għal Ħamis ix-Xirka ..... 397
Messaġġ tal-Papa għal Jum il-Komunikazzjonijiet Soċjali ..... 401
Messaġġ tal-Papa għall-Ġurnata Missjunarja ..... 404
Punti ewlenin tad-diskors tal-Papa lill-Presidenti tal-Konferenzi Episkopali ta' l-Ewropa ..... 407
Why study the Fathers ..... 408
Istruzzjoni dwar il-vokazzjoni ekklesjali tat-teologu ..... 419
Pastorali ta' l-Isqfijiet Randan 1990 ..... 423
Messaġġ ta' l-Arċisqof għal Jum il-Ħajja ..... 426
Quddiesa tal-Ġurnalisti – Messaġġ ta' l-Arċisqof ..... 427
Festa tal-Kandlora – Messaġġ ta' l-Arċisqof ..... 430
Ċirkolarijiet tal-Kurja ..... 433
Nomini ġodda ..... 443
Rapport dwar it-Tribunal Ekklesjastiku 1989 ..... 444
God and the Trinity in the Fathers III ..... 448
Ħutna fis-saċerdozju li mietu fl-1989 ..... 481
Eżempju ta' omeliji ..... 484
Rapport Pjan Pastorali 1989 ..... 509
Werrej Ġenerali ..... 528

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U
LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 66 - Sajf 1990

# ITTRA TAL-QDUSIJA TIEGĦU IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II LIS-SAĊERDOTI FL-OKKAŻJONI TA' ĦAMIS IX-XIRKA 1990

## 1. Veni Creator Spiritus.

B'dan il-kliem talbet il-Knisja f'jum l-ordinazzjoni saċerdotali tagħna. Illum, aħna u nagħtu bidu għat-Tlett ijiem mqaddsa ta' l-Għid fis-sena tal-Mulej 1990, flimkien qegħdin infakkru jum l-ordinazzjoni tagħna. Sejrin fiċ-Ċenaklu ma' Kristu u l-Appostli biex niċċelebraw l-Ewkaristija *in cena Domini* u nsibu mill-ġdid l-għerq li jorbot l-Ewkaristija ta' l-Għid tal-Mulej *mas-saċerdożju sagramentali tagħna, li wiritna minn għand l-Appostli.* "Billi Ġesù kien jaf li waslet is-siegħa tiegħu biex igħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar" (Ġw 13,1).

## Veni Creator Spiritus.

F'dan il-jum ta' Ħamis ix-Xirka, aħna u mmorru bil-ħsieb għall-bidu tas-saċerdożju tal-Patt il-ġdid u għal dejjem, kull wieħed minna żgur jiftakar f'dak il-jum li, fil-ħajja personali ta' kull wieħed minna, hu l-bidu tas-saċerdozju sagramentali tagħna, li hu qadi fil-Knisja ta' Kristu. *Leħen il-Knisja jitlob il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu* f' dak il-jum hekk importanti fil-ħajja ta' kull wieħed minna, ifakkarna fil-wegħda li Kristu kien għamel fiċ-Ċenaklu: "Jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor, biex jibqa' dejjem magħkom, l-Ispirtu tal-verità" (Ġw 14,16-17). Id-Difensur, l-Ispirtu s-Santu Paraklitu! Il-Knisja taf żgur li hu jinsab fiha bil-preżenza tiegħu li tifdi u tqaddes. Huwa l-Ispirtu li "jagħti l-ħajja" (Ġw 6,63), l-Ispirtu *"tal-verità,* li ġej mill-Missier ... li se nibgħatilkom mingħand il-Missier" (ara Ġw 15,26), huwa dak li tana tnissil f'ħajja ġdida li tissejjaħ u hi tassew is-saċerdożju ministerjali ta' Kristu. Hu jgħidilna; *"Jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom"* (Ġw 16,140) Hekk ġara. L-Ispirtu tal-verità, l-Ispirtu s-Santu Paraklitu, "ħa" mis-saċerdozju waħdieni li hu fi Kristu u wrieħulna bħala l-mogħdija tas-sejħa tagħna u ta' ħajjitna. Kien dak in-nhar li kull wieħed minna ra lilu nnifsu, fis-saċerdożju ta' Kristu fiċ-Ċenaklu, bħala ministru ta' l-Ewkaristija, u aħna, aħna u nagħarfu lilna nfusna b'dan il-mod, bdejna mexjin minn din il-mogħdrija. Kien *dak in-nhar* li kull wieħed minna, bil-qawwa tas-sagrament, ra dan is-saċerdozju kif seħħ fih innifsu, u ra 'l

ruħu immarkata b' siġill li ma jitħassar qatt: "Int qassis għal dejjem skond l-ordni ta' Melkisedek" (Lh 5,60).

2. Dan kollu narawh quddiemna kull sena fl-*anniversarju ta' l-ordinazzjoni tagħna,* imma nerġgħu narawh ukoll *nhar Ħamis ix-Xirka;* għaliex illum, fil-liturġija ta' filgħodu – il-Quddiesa tal-Griżma – ninġabru flimkien fil-presbiterji tagħna madwar l-isqfijiet tagħna *biex inkebbsu fina mill-ġdid il-grazzja sagramentali ta' l-Ordni.* Ninġabru flimkien biex inġeddu, quddiem il-poplu saċerdotali tal-Patt il-ġdid, dawk il-wegħdiet li minn dak in-nhar ta' l-ordinazzjoni tagħna fuqhom inbena l-karattru tal-ministeru tagħna fil-Knisja. U, aħna u nġeddu dawn il-wegħdiet, insejħu l-Ispirtu tal-verità, l-Ispirtu Paraklitu biex jagħtina s-setgħa li ssalva u tqaddes bil-kliem li l-Knisja ttenni fl-innu tagħha lill-Ispirtu s-Santu:

*Mentes tuorum visita,*
*imple superna gratia,*
*quae tu creasti pectora.*

Iva! Ejjew illum nifthu qlubna – dawk qlubna li ġew maħluqa mill-ġdid bil-qawwa ta' Alla. Ħoloqhom mill-ġdid bil-grazzja tal-vokazzjoni saċerdotali, u fihom għadu jaħdem bla heda. Kull jum joħloq; joħloq fina, dejjem mill-ġdid dak li hu l-qofol tas-saċerdożju tagħna, li jagħti lil kull wieħed minna l-identità sħiħa tagħna u juri l-verità tal-qadi saċerdotali tagħna, li jagħtina l-ħila li "imorru u nagħmlu l-frott u l-frott tagħna jibqa'" (ara Ġw 15,16).

Huwa hu, l-Ispirtu tal-Missier u ta' l-Iben li jagħtina l-ħila *nsibu mill-ġdid u b'mod aktar fil-fond il-misteru tal-ħbiberija* li għaliha Kristu l-Mulej sejħilna fiċ-Ċenaklu: "Ma nsejħilkomx aktar qaddejja ... sejjaħtilkom ħbieb" (Ġw 15,15); għaliex waqt li l-qaddej ma jafx x'ikun qiegħed jagħmel sidu, il-ħabib ikun midħla tal-ħsibijiet moħbija ta' sidu. Il-qaddej jista' jiġi biss ordnat li jagħmel ix-xogħol tiegħu. Il-ħabib jifraħ għax ġie magħżul minn dak li ried jafdalu lilu nnifsu – u li hu wkoll jafdalu lilu nnifsu kollu kemm hu.

Ejjew mela nitolbu llum lill-Ispirtu s-Santu biex jibqa' dejjem iżur ħsibijietna u qlubna. *Iż-żjarat tiegħu huma għal kollox meħtieġa biex nibqgħu ħbieb ta' Kristu;* huma wkoll garanzija għalina ta' għarfien dejjem aktar fil-fond, ta' għarfien li dejjem aktar iqanqalna – l-għarfien ta' l-Imgħallem u s-Sid tagħna. Aħna għandna sehem f'dan il-misteru b'mod tassew singulari, għaliex *aħna l-ħabbara* u, fuq kollox, *l-amministraturi ta' dan il-misteru.* Dan il-misteru jimliena u, permezz tagħna, bħad-dielja, inibbet il-friegħi tal-ħajja divina. Kemm hu għalhekk ta' min jixtieq u ż-żmien tal-miġja ta' l-Ispirtu "li jagħti l-ħajja"! Kemm irid ikun marbut miegħu s-sacerdożju tagħna biex "nibqgħu fid-dielja, li hu Kristu" (ara Ġw 15,5).

## 3. Veni, Creator Spiritus!

*Minn hawn u ftit xhur oħra il-kliem ta' dan l-innu liturġiku se jiftaħ il-laqgħa tas-Sinodu ta' l-isqfijiet, li hu dwar is-saċerdożju u dwar it-thejjija u l-formazzjoni dejjem sejra tas-saċerdoti fil-Knisja.* Dan is-suġġett deher fix-xefaq tas-Sinodu ta' l-isqfijiet ta' tliett snin ilu, fl-1987. Frott tal-ħidma ta' dik is-sessjoni tas-Sinodu kienet l-Eżortazzjoni Apostolika *Christifideles laici,* li f'ħafna postijiet ġiet milqugħa b'sodisfazzjoni kbir.

Kien suġġett li ħtieġlu jiġi mistħarreġ sewwa, u l-ħidma tas-Sinodu, bl-għajnuna

kbira ta' lajċi kattoliċi – irġiel u nisa mill-kontinenti kollha - kienet ta' siwi kbir fl-istħarriġ tal-problemi dwar l-appostolat fil-Knisja. Ta' min igħid ukoll li d-dokument *Mulieris dignitatem* li b'xi mod temm is-Sena Marjana, ġie ispirat mis-Sinodu wkoll.

Iżda sa minn dak iż-żmien beda jidher fuq ix-xefaq tal-ħidma li kienet saret *is-saċerdożju u l-formazzjoni tas-saċerdoti* "Mingħajr saċerdoti - li jkunu kapaċi jsejħu l-lajċi ħa jagħtu sehemhom fil-Knisja u fid-dinja, u jkunu jistgħu jgħinu fit-trawwiem tal-lajċi għall-appostolat u jagħtuhom l-għajnuna li jeħtieġhu fil-vokazzjoni iebsa tagħhom - fil-ħajja tal-Knisja ikun hemm nieqsa xhieda għal kollox meħtieġa." Hekk tkellem rappreżentant tal-lajċi – bniedem espert u ta' ġieh kbir – dwar dak li kellu jkun is-suġġet tal-laqgħa li tmiss tas-Sinodu ta' l-isqfijiet tad-dinja kollha. U ma kienx waħdu li tkellem fuq dan. L-istess ħtieġa jħossha l-Poplu t'Alla kemm f' dawn il-pajjiżi fejn il-Kristjaneżimu u l-Knisja ilhom hemm mijiet ta' snin kemm fil-pajjiżi tal-missjoni fejn il-Knisja u l-Kristjaneżimu qegħdin jagħmlu l-egħruq. Għalkemm fl-ewwel snin wara l-Konċilju f'dan il-qasam kienet intilfet xi ftit il-boxxla, kemm fost il-lajċi u kemm fost ir-ragħajja ta' l-erwieħ, illum kulħadd jifhem sewwa kemm hemm malajr u bla telf ta' żmien ħtieġa kbira ta' saċerdoti.

Dwar din il-kwistjoni hemm impliċitament ħtieġa kbira wkoll li bl-attenzjoni kollha jitqies mill-ġdid *it-tagħlim tal-Konċilju dwar ir-relazzjoni bejn "is-saċerdożju tal-fidili"* li hu frott tal-fatt li bil-magħmudija wieħed verament jissieħeb fil-missjoni saċerdotali ta' Kristu, u s- *"saċerdożju ministerjali"*, li fi gradi differenti għandhom sehem fih l-isqfijiet, is-saċerdoti u d-djakni (ara *Lumen gentium*, 10 u 280). Din ir-relazzjoni taqbel ma' l-istruttura tal-knisja bħala kommunità. *Is-saċerdożju* m'huwiex xi istituzzjoni li nsibuha "ħdejn" jew "il fuq" mill-lajċi. Is-saċerdożju ta' l-isqfijiet u tas-saċerdoti, u l-ministeru tad-djakni *huwa "għal" l-lajċi*, u huwa proprju għalhekk li għandu karattur "ministerjali", jiġifieri karattru "tal-qadi". Barra dan juri wkoll l-impatura tas-"saċerdozju battiżimali" jiġifieri tas-saċerdożju tal-fidili. Juri l-importanza ta' dan is-saċerdożju u fl-istess ħin igħinu jseħħ fil-ħajja sagramentali.

B'hekk naraw kif *is-saċerdożju u l-formazzjoni tas-saċerdoti* joħroġ mill-qalba ta' kull ma ġie diskuss fl-aħħar Sinodu ta' l-isqfijiet. Naraw ukoll kif is-saċerdożju u l-formazzjoni tas-saċerdoti, fid-dawl ta' dan, huwa suġġett li jixraqlu u *jeħtieġlu* jiġi studjat *bla telf ta' żmien.*

4. Jixraq għalhekk li t-Tlett ijiem mqaddsa ta' l-Għid ta' din is-sena, u , b'mod speċjali Ħamis ix-Xirka, ikunu ġranet speċjali ta' thejjija ghas-Sinodu ta' l-isqfijiet li se jsir fil-ħarifa. Tul dan iż-zmien ta' thejjija, li beda sentejn ilu, saċerdoti djoċesani u reliġjużi ġew mistiedna jitkellmu u jagħmlu osservazzjonijiet suġġerimenti u konklużjonijiet. Għalkemm is-suġġett jinteressa l-Knisja kollha, madankollu s-saċerdoti tad-dinja kollha huma dawk li l-ewwel u qabel kulħadd li għandhom id-dritt li jqisu dan is-Sinodu bħala s-"Sinodu tagħhom": *res nostra agitur!*

U għaliex il-ħaġa hi fl-istess ħin *res sacra*, kien jixraq li t-thejjija ghas-Sinodu ma tkunx biss bdil ta' ħsibijiet, esperjenzi u suġġerimenti, imma li jkollha wkoll sura mqaddsa. *Ħafna talb hu meħtieġ* bi thejjija għas-Sinodu; ħafna jiddependi mix-xogħol tas-Sinodu biex jitkompla l-

proċess ta' tiġdid mibdi mill-Konċilju Vatikan II. F' dan il-qasam hemm ħafna x'jiddependi mill-"ħaddiema" li "il-Mulej jibgħat fil-ħsad tiegħu" (ara Mt. 9, 38). Forsi llum, aħna u noqorbu lejn it-tielet elf sena wara Kristu, qegħdin naraw aktar fil-fond kemm hu kbir il-ħsad u kemm għandu diffikultajiet: *Il-ħsad kbir;* imma qegħdin naraw ukoll x'nuqqas hemm ta' ħaddiema: *Il-ħaddiema ftit"* (Mt 9,37). "Ftit" mhux biss fil-għadd, imma wkoll fil-kwalità. Għalhekk il-ħtieġa ta' formazzjoni tajba! Għalhekk ukoll kliem l-Imgħallem: *Itolbu mela lil Sid il-ħsad* biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu (Mt 9,38).

Is-Sinodu li għalih qegħdin inhejju ruħna jeħtieġ it-talb. Ix-xogħol kollu tas-Sinodu jrid jiġi 'l quddiem f'ambjent ta' talb magħmul minn dawk kollha li jieħdu sehem fih. Iżda dan m'huwiex biżżejjed. Ix-xogħol tas-Sinodu jrid ikun imsieħeb mit-talb tas-saċerdoti kollha u tal-Knisja kollha. Minn xi ġimgħat 'l hawn, il-ħsieb tiegħi waqt l-Angelus tal-Ħadd kien dejjem li nħajjar għal dan it-talb.

5. Għalhekk *Ħamis ix-Xirka 1990* – id-*dies sacerdotalis* tal-knisja kollha – għandu *tifsira fundamentali* għat-tħejjija kollha tas-Sinodu. Mill-lum 'il quddiem irridu bla heda nsejħu l-Ispirtu s-Santu, li jagħti l-ħajja: *Veni, Creator spiritus!* Ebda żmien ieħor ma jgħinna nifhmu fil-fond il-verità sħiħa tas-saċerdożju ta' Kristu. Hu li "daħal darba għal dejjem fis-santwarju ... bis-saħħa ta' demmu stess, u hekk kiseb fidwa għal dejjem" (Lh 9,12), hu li hu l-qassis tal-Patt il-ġdid u għal dejjem, fl-istess ħin "ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja u ħabbhom għall-aħħar" (ara Ġw 13,1). U l-qjies ta' din l-imħabba *huwa d-don li ta waqt l-Aħħar Ikla tiegħu mad-dixxipli qabel bata: l-Ewkaristija u s-saċerdożju.*

Miġburin flimkien madwar dan id-don permezz tal-liturġija ta' llum, b'ħarsa 'l quddiem lejn is-Sinodu li ġej dwar is-saċerdożju, ejjew inħallu l-Ispirtu s-Santu jaħdem fina, biex il-missjoni tal-Knisja tkompli sejra 'l quddiem *sa ma tilħaq il-milja ta' Kristu* (ara Ef 4,13). Ħa jkollna l-grazzja li nifhmu dejjem aktar aħjar "l-imħabba ta' Kristu li tisboq kull għerf!" (Ef 3,19). Bih u fih, jalla fil-qadi saċerdotali tagħna, nimtlew bil-milja kollha ta' Alla (*ibid.*)

Lil ħuti kollha fis-saċerdożju ta' Kristu, bil-barka appostolika tiegħi, nixtieq nżgurahom bil-ġieħ u l-imħabba li għandi għalihom.

Mill-Vatikan, illum 12 ta' April, Ħamis ix-Xirka tas-sena 1990, fit-tnax-il sena tal-Pontifikat.

**Ioannes Paulus pp II**

# MESSAĠĠ TAL-PAPA GĦALL-JUM IL-KOMUNIKAZZJONIJIET SOĊJALI, 1990

Ħuti u ħbiebi egħżież,

F'waħda mit-Talbiet Ewkaristiċi tagħha l-Knisja tgħid dan il-kliem lil Alla: "Ħlaqt il-bniedem xbieha tiegħek, fdajtlu f'idejh id-dinja kollha biex jieħu ħsiebha, ħalli jaqdi lilek waħdek, Ħallieq tiegħu, u jsaltan fuq il-ħlejjaq kollha" (Talba Ewkaristika IV).

Għall-bniedem, raġel jew mara, maħluq u mqabbad minn Alla, kull ġurnata ta' xogħol għandha tifsira kbira u tal-għaġeb. Il-fehmiet, il-ħidmiet u l-intrapriżi tal-bnedmin, żgħar u ordinarji kemm huma, Alla li ħalaq kollox jużahom biex iġedded id-dinja, iwassalha għas-salvazzjoni, jagħmilha strument aktar perfett tas-sebħ u l-glorja tiegħu.

Mal-ħamsa u għoxrin sena ilu, l-isqfijiet, fit-tieni Konċilju Vatikan, huma u jaħsbu dwar il-Knisja fid-dinja ta' llum, għallmu li l-bnedmin huma u jaqdu l-familji u l-komunitajiet tagħhom, bix-xogħol tagħhom tas-soltu kull jum, għandhom id-dritt iqiesu l-ħidmiet tagħhom bħallikieku "qegħdin ikomplu l-ħidma tal-Ħallieq, bħala s-sehem tagħhom ħa jseħħ il-pjan ta' Alla għad-dinja" (*Gaudium et Spes,* 5) L-isqfijiet għarfu li l-isviluppi kbar li kienu qed iseħħu fit-teknoloġija tal-komunikazzjonijiet, b'mod speċjali, kienu se joħolqu għadd ta' reazzjonijiet, waħda wara l-oħra, b'konsegwenzi li ħadd ma seta' jobsorhom.

L-isqfijiet tal-Konċilju ma kellhomx ħsieb igħidu li l-Knisja għandha żżomm ruħha 'l bogħod u maqtugħa minn dak kollu li jkun jigri fid-dinja, iżda kienu qed jaraw il-Knisja fil-qofol tal-progress u l-isvilupp tal-bniedem, hija u taqsam mal-bnedmin kollha l-esperjenzi tagħhom, u tipprova tifhimhom u tfissirhom fid-dawl tal-fidi. Il-poplu fidil ta' Alla, skond l-isqfijiet, għandu jagħmel użu tajjeb mill-iskoperti ġodda u mit-teknoloġija, ħa joħolqu l-ġid għall-bnedmin kollha u jwasslu għas-sbuħija tiegħu l-pjan ta' Alla għad-dinja.

Dan l-għarfien tat-tibdiliet kbar li kienu qegħdin iseħħu, l-ftuħ għal dawn l-iżviluppi ġodda deher tassew f'waqtu fis-snin li ġew wara, għaliex it-tibdil u l-iżviluppi baqgħu jseħħu dejjem aktar bil-għaġla. Illum, biex insemmu eżempju, ħadd ma għadu jaħseb jew jitkellem dwar komunikazzjonijiet soċjali biss bħala strumenti u teknoloġiji; illum il-komunikazzjonijiet soċjali huma parti mill-kultura tad-dinja li dejjem sejra 'l quddiem, b'implikazzjonijiet li għadna m'aħniex nifhmuhom sewwa, u bil-kemm għadna sibna xi ħaġa minn dak kollu li jistgħu jagħtu.

Fuq dan irridu naħsbu f'dan 24 Jum Dinji tal-Komunikazzjonijiet Soċjali.

Ma' kull jum li jgħaddi, kull ma kienu jaħsbu fl-imgħoddi li għad jista' jseħħ, illum qiegħed iseħħ tassew. Dak iż-żmien kienu jaħsbu li għad jasal żmien li nies imbegħdin fuq li mbegħdin minn xulxin jsitgħu jżommu djalogu bejniethom, jaqsmu bejniethom il-fehmiet tagħhom u

t-tamiet tagħhom, u jkunu jafu u jifhmu dejjem aktar lil xulxin, u hekk isaħħu bejniethom rabta ta' aħwa 'l hemm minn ħitan, li sa ftit ilu ħadd ma kien jaħseb li se jiġu megħluba (*Communio et progressio* 181, 182).

Permezz ta' telekomunikazzjonijiet bil-kompjuter u permezz ta' dak li hu magħruf bħala 'computer participation system', il-Knisja llum għandha mezzi oħra biex taqdi l-missjoni tagħha. Sistemi li jhaffu l-komunikazzjoni u d-djalogu bejn il-membri tal-Knisja jistgħu jsaħħu l-għaqda bejniethom. Il-ħeffa kbira li biha jasal it-tagħrif kollu, tkabbar id-djalogu tal-Knisja mad-dinja ta' llum. Fid-dinja l-ġdida tal-kompjuters, il-Knisja tista' aktar malajr tagħti tagħrif lid-dinja dwar it-twemmin tagħha u tagħti raġuni tal-qagħda tagħha dwar xi problemi jew xi ġrajja. Il-Knisja tista' tkun taf aħjar x'jaħsbu n-nies, u għalhekk tkun tista' tiddiskuti mad-dinja madwarha, u hekk timpenja ruħha minnufih ħa tfittex ma' kulħadd soluzzjoni għal ħafna problemi kbar tal-bniedem ta' llum (*Communio et progresico* 114ss).

Ħaġa ċara li l-Knisja għandha tagħmel użu mir-riżorsi ġodda li qed jippruvdulha l-iskoperti tal-bniedem fit-teknoloġija tal-kompjuter u tas-satelliti biex taqdi d-dmir tagħha għax-xandir ta' l-Evanġelju. Il-messaġġ l-aktar vitali u l-aktar urġenti li Knisja trid tagħti lid-dinja hu dwar Kristu u t-triq tas-salvazzjoni tiegħu. Din hi verità li l-Knisja trid tħabbar lill-bnedmin ta' kull żmien, hija u tistedinhom iħaddnu l-Evanġelju b'imħabba, dejjem żgura li "il-verità trid tiġi milqugħa bis-saħħa tagħha stess, u trid tirbaħ il-fehma ta' dak li jkun bil-ħlewwa u l-qawwa tagħha" (*Dignitatis humanae*, 1).

Kif nitgħallmu mill-għerf u l-għarfien taż-żminijiet l-imgħoddija, "Alla kellem lill-bniedem skond il-kultura proprja ta' kull żmien. Hekk ukoll il-Knisja, li tul iż-żminijiet sabet ruħha f'ħafna qagħdiet differenti, għamlet użu mir-riżorsi ta' ħafna kulturi biex tħabbar u xxandar u tfisser il-bxara t-tajba ta' Kristu" (*Gaudium et Spes,* 58)" L-ewwel tħabbira ta' l-Evanġelju, il-katekeżi, it-tagħlim aktar fil-fond tal-fidi, ma jistgħux jgħaddu mingħajr il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali ... Il-Knisja tkun ħatja quddiem Alla jekk ma tużax dawn il-mezzi qawwija li l-ħila tal-bniedem qed tagħmilhom dejjem aktar perfetti. Hi bihom li l-Knisja tħabbar 'minn fuq il-bjut' il-bxara t-tajba li ġiet fdata lilha (*Evangelii nuntiandi,* 45).

Żgur li għandna nuru ħajr lit-teknoloġija ta' llum għax waslitna biex naħżnu ħafna tagħrif fi strumenti artifiċjali li ħalaq il-bniedem bid-dehen tiegħu, u hekk jista' jkollna minnufih f'idejna ħafna tagħrif dwar l-għerf li hu l-wirt tal-bnedmin kollha, dwar it-tagħlim u t-tradizzjoni tal-Knisja, il-kliem tal-Kotba Mqaddsa, it-tagħlim ta' l-imgħallmin kbar fl-ispiritwalità, l-istorja u tat-tradizzjonijiet ta' kull Knisja tal-post, l-Ordnijiet reliġjużi u l-istituti sekolari, l-fehmiet u ta' l-esperjenzi ta' dawk li taw bidu jew ġeddu xi sura ta' ħajja fil-Knisja u hekk kienu dejjem xhieda li fostna jinsab dejjem Missier li jħobbna li mill-ħażna tiegħu joħroġ sew il-ġdid u sew il-qadim (Mt 13,52)

Iż-żgħażagħ qegħdin jadattaw ruħhom malajr għall-kultura tal-kompjuter u għal "lingwaġġ" tagħha. Dan għandu jkun ta' sodisfazzjon għalina. Ħa "nafdaw liż-żgħażagħ (**Communio et progressio, 70**). Vantaġġ għalihom li qegħdin jikbru

flimkien ma' dawn l-istrumenti ġodda għall-djalogu aktar wiesgħa u aktar sħiħ ma' żgħażagħ ta' razez u ta' klassijiet differenti minnhom, li qegħdin igħixu f'din id-dinja "li dejjem aktar qiegħda tiċkien". Huma jridu jsibu kif jużaw dawn il-mezzi għall-ħażna u l-bdil ta' tagħrif, biex ikun hemm ġustizzja akbar kullimkien, aktar rispett għad-drittijiet tal-bniedem, żvilupp xieraq għal kull individwu u għal kull poplu, u l-libertajiet kollha meħtieġa għall-iżvilupp sħiħ tal-ħajja tal-bniedem.

Kemm jekk żgħażagħ u kemm jekk xjuħ, ħa nilqgħu l-isfida li qed tiġina minn dawn l-iskoperti u teknoloġiji ġodda, billi nagħtuhom dik id-dehra morali li għandha l-egħruq tagħha fil-fidi tagħna, fir-rispett li għandna għall-persuna tal-bniedem, u fl-impenn tagħna li nbiddlu d-dinja skond il-pjan ta' Alla. F'dan il-jum tal-Komunikazzjonijiet Soċjali ejjew nitolbu għall-għerf meħtieġ biex nużaw tajjeb kull ma jista' jagħtina "żmien il-kompjuters", ħa naqdu s-sejħa umana u traxxendentali tal-bniedem, u hekk insebħu l-Missier li minnu tiġina kull għotja perfetta.

**Mill-Vatikan, 24 ta' Jannar, 1990.**

**Ioannes Paulus pp II**

# MESSAĠĠ TAL-PAPA
# GĦALL-ĠURNATA MISSJUNARJA, 1990

Ħuti egħżież,

Din is-sena l-Ġurnata Missjunarja se tiġi fiż-żmien li fih qiegħed jiltaqa' s-Sinodu ta' l-isqfijiet biex jiddiskuti l-formazzjoni tas-saċerdoti fid-dinja ta' llum. Żgur kulħadd jagħraf l-importanza ta' dan is-suġġett għall-Knisja kollha u għall-missjoni tagħha għax-xandir ta' l-Evanġelju.

## Id-dmir missjunarju tas-saċerdoti

Il-ħsieb tax-xandir ta' l-Evanġelju hu l-ewwelnett dmir tal-kulleġġ ta' l-isqfijiet f'xirka waħda mas-suċċessur ta' San Pietru u taħt l-awtorità tiegħu; magħhom b'mod speċjali jissieħbu s-saċerdoti li "huma u jaqdu l-missjoni ta' Kristu, Ragħaj u Ras tal-Knisja, jiġbru flimkien il-familja kollha ta' Alla", waqt li "jagħmlu tidher il-Knisja universali fil-post fejn ikunu" (**Lumen gentium, n. 28**).

Id-don spiritwali ta' l-Ordinazzjoni "tħejjihom għal missjoni ta' salvazzjoni ta' kobor bla qjies fid-dinja kollha, 'sa truf l-art', għaliex il-ministeru li jrid jagħmel kull saċerdot huwa parti mill-missjoni universali li l-Mulej ried iħalli f'idejn l-Appostli" (**Presbyterorum Ordinis, n.10**). Għalhekk is-saċerdoti kollha "għandhom inkunu konvinti, u konvinti sewwa, li ħajjithom hi konsagrata wkoll għas-servizz tal-missjonijiet" (**Ad Gentes, n. 39**): kull saċerdot hu missjunarju minħabba n-natura tas-saċerdożju tiegħu u tal-vokazzjoni tiegħu. Kif kont ktibt fl-1979, fl-ewwel ittra tiegħi għall-Ħamis ix-Xirka, "il-vokazzjoni pastorali tas-saċerdoti hi vokazzjoni kbira, u l-Konċilju jgħallimna li hi vokazzjoni universali; tħaddan il-knisja kollha u għalhekk hi wkoll vokazzjoni missjunarja". Hekk ukoll, fid-diskors li kont għamilt f'April tas-sena 1989 lill-membri tal-Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli, wara li fakkart li "kull saċerdot bil-mod tiegħu **hu missjunarju għad-dinja,**" stedint lis-saċerdoti kollha tal-Knisja biex "ikunu dejjem lesti jwieġbu bil-fatti għas-sejħa ta' l-Ispirtu s-Santu u ta' l-isqof tagħhom ħalli jmorru jxandru l-Evanġelju 'l bogħod minn pajjiżhom."

Fil-messaġġ tiegħi ta' din is-sena rrid nisħaq fuq l-importanza ta' aspett ieħor tal-ħidma missjunarja llum, aspett li jolqot mill-qrib il-knejjes antiki u l-knejjes ġodda: ix-xandir ta' l-Evanġelju lil dawk li ma humiex insara u qegħdin igħixu f'xi djoċesi jew f'xi parroċċa hu dmir ewlieni tar-ragħaj ta' dik id-djoċesi jew dik il-parroċċa. Għalhekk is-saċerdoti kollha jridu jimpenjaw ruħhom personalment u jsieħbu magħhom lill-insara tagħhom ħa jxandru l-Evanġelju lil dawk li għandhom jinsabu barra mix-xirka tal-Knisja.

Il-kotra l-kbira tas-saċerdoti jgħixu d-dimensjoni missjunarja tal-vokazzjoni tagħhom fi knisja partikulari sew jekk iridu jieħdu ħsieb tal-qagħda missjunarja fil-knisja tagħhom, u sew jekk huma msejħin biex igħallmu u jħeġġu l-komunitajiet tagħhom biex jissieħbu fil-ħidma missjunarja universali tal-Knisja.

## Ragħajja ta' komunitajiet imħejjijin għall-ħidma u għall-karità universali

L-edukazzjoni fl-ispirtu missjunarju ta' dawk li għada se jkunu saċerdoti, titlob li s-saċerdot, ikun fejn ikun, iħoss li hu kappillan tad-dinja għall-qadi tal-Knisja missjunarja, u jara li l-ħidma kollha tiegħu jkollha dan il-għan. Hu msejjaħ biex iqajjem kuxjenza missjunarja fl-insara kollha, u din hi responsabbiltà kollha kemm hi tiegħu.

Hu d-digriet **Ad Gentes (ara n.39)** – u nieħu pjaċir infakkar dan id-digriet egħluq il-25 sena minn mindu ġie promulat – hu d-digriet **Ad Gentes** li juri b'mod l-aktar ċar lis-saċerdoti x'għandhom jagħmlu biex iqanqlu fi qlub l-insara mħabba għall-missjonijiet; iqanqlu u jżommu sħiħ fost l-insara interess ħaj għax-xandir ta' l-Evanġelju fid-dinja; jinsistu mal-familji nsara fuq il-ħtieġa u l-ġieħ li jgħożżu vokazzjoni missjunarja f'uliedhom subien jew bniet; iżommu ħajja fiż-żgħażagħ il-ħeġġa għall-missjonijiet, biex minn fosthom joħorġu dawk li għada jkunu ħabbara ta' l-Evanġelju; igħallmu lil kulħadd jitlob għall-missjonijiet u jitolbuhom ukoll jagħtu għajnuna materjali lill-missjonijiet u hekk ikunu qishom tallaba għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ.

Iżda biex wieħed ikollu qalb jagħmel ħidma hekk kbira **jeħtieġlu formazzjoni missjunarja soda ħafna,** u biex dan ikun wieħed irid jibda mis-Seminarju, tul iż-żmien tat-tħejjija ta' dawk li għada se jkunu saċerdoti. Hu mportanti ħafna li fil-programm ta' l-istudju tat-teoloġija, il-missjoloġija tingħata importanza xierqa; imħejjin b'dan il-mod is-saċerdoti jkunu jistgħu mbagħad iqanqlu mpenn missjunarju veru fi ħdan il-komunitajiet insara. Hi ħaġa mixtieqa wkoll li s-saċerdoti kollha, bħala presbiterju wieħed ma' l-isqof, ikollhom xi okkażżjonijiet li jiltaqgħu flimkien biex jaħsbu fuq il-vokazzjoni missjunarja tagħhom f'kungressi, irtiri, u ġranet ta' laqgħat spiritwali li jkollhom bħala għan ewlieni l-ħidma missjunarja.

Barra l-inizjativi li jistgħu joħolqu l-isqfijiet ħa jagħtu lis-saċerdoti tagħhom formazzjoni missjunarja dejjiema, ma għandniex ninsew li għall-insara kollha hemm mezzi mill-aħjar biex iqajmu fihom spirtu missjunarju veru; dawn huma l-Unjoni Missjunarja Pontifiċja tal-Kleru u tar-Reliġjużi, l-Opri Pontifiċji Missjunarji tal-Propagazzjoni tal-fidi, ta' San Pietru Appostlu u tas-Santa Infanzja. Kull waħda minn dawn l-Opri għandha l-qasam proprju tagħha favur l-għajnuna missjunarja u kollha huma impenjati biex iwasslu lill-insara kollha ħa jissieħbu b'mod attiv fil-ħidma missjunarja.

Dwar **l-Unjoni Missjunarja Pontifiċja** imwaqqfa mill-Ven. Pawlu Manna, bil-qawwa kollha nirrikmandaha, kif irrikmandawha l-Papiet ta' qabli, bħala mezz ta' xhieda u ta' mħabba għall-missjonijiet, għalhekk nixtieq inwettaq – u s-Sinodu li ġej se jagħtini l-okkażjoni – dak li l-Papa Pawlu VI kiteb fl-Ittra Appostolika **Graves et Increscentes** ta' Settembru tas-sena 1976: "L-Unjoni Missjunarja għandha titqies bħala 'r-ruħ' ta' l-Opri Missjunarji Pontifiċji ... għax tgħinhom biex ikunu skola ta' formazzjoni missjunarja, ikunu magħrufin sewwa, u jkollhom l-għajnuna kollha li jeħtieġu għall-inizjativi u għall-għanjiet tagħhom."

Il-Ġurnata Missjunarja trid tkun għal kulħadd kull sena ġurnata importanti ħafna, l-ewwelnett għall-Opri Pontifiċji Missjunarji, li huma l-istrument ewlieni tas-suċċessur ta' San Pietru u tal-kulleġġ ta' l-isqfijiet għax-xandir ta' l-Evanġelju.

Nixtieq ifakkar ukoll li l-Ġurnata Missjunarja bdiet fuq talba espliċita ta' l-Opra għall-Propagazzjoni tal-Fidi, talba li l-Papa Piju XI laqa' bil-qalb kollha fl-1926. Lil din l-Opra jintbagħtu l-offerti ta' l-insara li nhar il-Ġurnata Missjunarja jinġabru mid-dinja kollha, u minn dawn l-offerti l-knejjes żgħażagħ jirċievu għajnuna kbira għall-ħidmiet kollha tagħhom: mill-formazzjoni tas-seminaristi għal dik tal-katekisti, mill-bini tal-knejjes u tas-Seminarji għall-ħobża ta' kull jum tal-missjunarji.

Il-ħtiġijiet li għalihom iridu jaħsbu l-missjunarji, huma kbar ħafna, u għalhekk l-offerti ta' dawk li jistgħu jgħinuhom iridu jkunu ġenerużi u ma jonqsu qatt. Kif ma nilqgħux minnufih u bil-ferħ l-appelli tagħhom, xhieda tal-qawwa taż-żogħżija tal-Knisja? Fost il-ħafna suriet ta' solidarjetà fost il-bnedmin, l-karità missjunarja bħala karatterstika tagħha għandha qawwa kbira ta' tama li timliena bil-kuraġġ: il-missjonijiet huma l-ġejjieni tal-Knisja.

## Il-missjoni tal-Knisja f'Għid il-Ħamsin lejn it-tielet elf sena wara Kristu

Qed nibgħat dan il-messaġġ tiegħi nhar is-solennità ta' Għid il-Ħamsin, meta, bil-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli, bdiet il-missjoni tal-Knisja fid-dinja. Din il-ħidma tal-Knisja għax-xandir ta' l-Evanġelju issa ilha sejra ma' l-elfejn sena, issa tirnexxi u issa tiltaqa' ma' ħafna diffikultajiet, issa milqugħa u iss rifjutata; iżda t-tħabbira ta' l-Evanġelju ssir dejjem bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, għax hij jixxandar l-Evanġelju (ara **Evanġelii nuntiandi, n. 75**) Fiż-żjajjar pastorali lill-knejjes żgħażagħ, li ili nagħmel sa mill-bidu tal-qadi tiegħi bħala Ragħaj universali, stajt nara x'egħġubijiet iseħħu bil-fidi fi Kristu u bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu fi ħdan il-komunitajiet li nħolqu bit-tħabbir tal-missjunarji, xi kull tant imwettaq ukoll bil-martirju. Fil-pajjiżi ta' l-Afrika wkoll, li jien żort f'Jannar li għadda, laqtitni ħafna l-qawwa tal-ħajja tal-fidi nisranija f'dawk il-pajjiżi, flimkien mal-faqar kbir li qed iġarrbu. Inħoss għalhekk li hu dmir tiegħi li ntenni l-appell li għamilt lill-pajjiżi għonja u lill-Organizzazzjonijiet internazzjonali biex, b'solidarjetà mill-aqwa, jgħinu fil-ħtiġijiet dejjem jikbru ta' dawn il-pajjiżi, u tal-pajjiżi kollha ta' l-Afrika.

Il-mixi missjunarju tal-Knisja fuq l-għatba tat-tielet elf sena wara Kristu, hu mixi mimli tamiet kbar minkejja t-tiġrib u d-diffikultajiet li għadni kemm semmejt. Il-ħsieb ta' "Avvent missjunarju ġdid" għall-Knisja għandu jwassalna biex naraw sewwa x'inhuwa l-qofol tal-ħidma missjunarja u biex inkattru f'kulħadd spirtu missjunarju u appostoliku aktar qawwi u aktar magħruf. Inħeġġeġ lil kulħadd biex jitlob lil sid il-ħsad ħa jibgħat ħafna ħaddiema jħabbru l-bxara t-tajba tas-salvazzjoni fi Kristu. Din l-istedina nagħmilha b'mod speċjali; liż-żgħażagħ, ħa jiftħu qalbhom għall-vokazzjoni missjunarja għax-xandir ta' l-Evanġelju.

L-aħħar ħsieb tiegħi hu kontemplazzjoni u talba lill-Verġni Mqaddsa Marija. Lejha, Sultana tal-Missjonijiet, nerfa' ħsibijieti b'din it-talba:

**Int, O Verġni Marija, fit-tieġ ta' Kana minn għand Ibnek Ġesù tlabt u qlajt minn għandu l-ewwel miraklu tiegħu; int kont ħdejh meta fuq is-Salib offra lilu nnifsu għas-salvazzjoni tagħna; int kont fiċ-Ċenaklu mad-dixxipli titlob flimkien magħhom huma u jistennew il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu; int sa**

**mill-bidu ssehibt mal-missjunarji fil-mixi qalbieni taghhom; aghmel li llum u dejjem uliedek kollha, irġiel u nisa, ikunu jixbhuk fil-herqa u s-solidarjetà ghall-missjunarji ta' żminijietna.**

F'isem din l-Omm ta' mhabba kbira, nibghat lilkom, ilkoll, huti egħżież il-barka appostolika bhala barka ta' faraġ ghal kulhadd.

Mill-Vatikan, nhar it-2 ta' Ġunju, solennità ta' Għid il-Ħamis, tas-sena 1990, it-tnax-il sena tal-pontifikat.

**Ioannes Paulus pp II.**

# IL-PUNTI EWLENIN TAD-DISKORS TAL-PAPA

## LILL-PRESIDENTI TAL-KONFERENZI EPISKOPALI TA' L-EWROPA KOLLHA MISTEDNIN BIEX JILTAQGHU MAL-PAPA HA JHEJJU SINODU SPEĊJALI TA' L-ISQFIJIET TA' L-EWROPA WARA T-TIBDILIET KBAR LI SEHHU FL-EWROPA F'DAWN L-AHHAR XHUR.

## 6 ta' Ġunju 1990

1. Il-Knisja ghandha fiha nfisha dinamiżmu ta' xirka u ta' ghaqda li juri lilu nnifsu f'aktar minn livell wiehed, ghaqda li hu tishib u rifless ta' dik ix-xirka qaddisa li hu Alla wiehed mil-misteru tat-Trinità Qaddisa.

2. Is-Sinodu ta' l-isqfijiet hu istituzzjoni speċjali li biha dan id-dinamiżmu ta' xirka u ta' ghaqda jikseb dehra kolleġġjali huwa u jsehh.

3. Dak li ġara f'dawn l-ahhar snin, u aktar u aktar f'dawn l-ahhar xhur fil-pajjiżi ta' l-Ewropa tan-nofs u ta' l-Ewropa tal-lvant juri hruġ minn qaghda ta' ċahda ftit jew wisq radikali tad-drittijiet personali tal-bniedem, u l-aktar tad-dritt ghal-libertà reliġjuża u ta' l-istess libertà tal-kuxjenza.

4. Hemm żewġ mistoqsijiet prinċipali li rridu naghmlu, wahda dwar l-imghoddi u li hija din: X'doni speċjali se jaghtu l-knejjes li kien jinsabu 'l hemm mill-purtiera tal-hadid fil-lvant lill-knejjes ta' l-Ewropa tal-punent, u dawn, min-naha taghhom, x' doni speċjali jistghu jaghtu lill-knejjes tal-lvant? X'siwi ghandhom l-esperjenzi li ghaddew minnhom? It-tieni mistoqsija hi dwar il-ġejjieni: Kif se nisviluppaw dawn id-doni moghtijin lil xulxin?

5. L-Ewropa kellha sehem mill-aqwa, sehem ewlieni, fix-xandir ta' l-Evanġelju fid-dinja.

6. L-iżvilupp tal-kultura ta' l-Ewropa, minn dehra teoċentrika tas-soċjetà fejn Alla kien iċ-ċentru tal-hajja kollha tal-bniedem, ghall-materjaliżmu marxista, ghall-immanentiżmu, u ghall-awtonomija ta' l-etika.

7. Iżda t-twemmin nisrani ghadu preżenti fl-Ewropa.

8. 1989: ir-reliġjon u l-Knisja dehru li kienu fost il-fatturi ewlenin li ġabu l-helsien tal-bniedem minn sisitema ta' jasar shih.

9. L-insara min-naha taghhom iridu jahsbu sewwa u jistaqsu lil xulxin jekk u kemm ġew mahnuqa d-drittijiet tal-Knisja ghax xi kull tant kien hemm nuqqas fix-xandir ta' l-Evanġelju.

10. Ishru u itolbu u fittxu l-interċessjoni tal-Qaddisin Patruni ta' l-Ewropa.

**An extract from the Instruction on the Study of the Fathers of the Church in hte Formation of Priests issued by the Congregation for Catholic Education or November 10, 1989.**

# II
# WHY STUDY THE FATHERS

Obviously, patristic studies will attain the necessary scientific level and bear the desired fruits only if they are cultivated seriously and lovingly. Experience teaches that the Fathers reveal their doctrinal and spiritual riches only to those who make the effort of entering into their depths through continuous and regular familiarity with them. Therefore, real commitment is required on the part of professors and students because:

1) The Fathers are privileged witnesses of Tradition;

2) They have passed down to us a theological method that is both enlightened and reliable;

3) Their writings offer cultural, spiritual and apostolic richness that makes them great teachers of the Church yesterday and today.

## 1. Privileged witnesses to tradition

In first place among the various qualitites and roles that the documents of the Magisterium attribute to the Fathers is the fact that they are privileged witnesses to Tradition. In the flow of living Tradition that continues from the beginning of Christianity over the centuries up to our present time, they occupy an entirely special place which makes them stand out compared with other protagonists of the history of the Church. They laid down the first basic structures of the Church together with doctrinal and pastoral positions that remain valid for all times.

a) In our Christian mind, the Fathers are always linked to Tradition, having been both its protagonists and its witnesses. They are closer to the sources in their purity. Some of them were witnesses to the apostolic Tradition, the source from which Tradition itself is drawn. The Fathers of the first centuries especially can be considered authors and exponents of a "founding" tradition which was preserved and continuously elucidated in subsequent ages. In any case, the Fathers have transmitted what they received, "they have taught the Church what they have learned in her". [19] "What they found in the Church they kept; what they learned they taught; what they learned from their Fathers they transmitted to their children". [20]

b) Historically, the ages of the Fathers is the period of some important firsts in the ecclesial order. It was they who set "the entire canon of the Sacred Books", [21] composed the basic professions of faith ("regulae fidei"), defined the deposit of faith in response to heresies and contemporary culture thus giving rise to theo-

logy. Furthermore, it was again they who laid the foundations of canonical discipline ("statuta patrum", "traditiones patrum"), and created the first forms of liturgy that remain asn obligatory reference point for all subsequent liturgical reforms. In this way, the Fathers gave the first conscious and reflective response to the divine Scriptures and formulated it, not so much as an abstract theory, but as daily pastoral practice of experience and teaching in the heart of the liturgical assemblies gathered together to profess the faith and celebrate the worship of the Risen Lord. They were in this way the authors of the first great Christian catechesis.

c) Tradition, to which the Fathers are witnesses, is a living Tradition that demonstrates unity in variety and continuity in progress. This is seen in the plurality of liturgical families, and in the spiritual, disciplinary and exegetic-theological traditions that existed in the first centuries (e.g., the schools of Alexandria and of Antioch). They were differing traditions, but all were united and rooted in the firm and unchangeable common foundation of the faith.

d) Tradition, therefore, as it was known and lived by the Fathers, is not like a monolithic, immovable and sclerotic block, but a multi-form organism pulsating with life. It is a practice of life and doctrine that experiences, on the one hand, even uncertainties, tensions, research made by trial and hesitancy and, on the other, timely and courageous decisions of great originality and decisive importance. To follow the living Tradition of the Fathers does not mean hanging on to the past as such, but adhering to the line of faith with an enthusiastic sense of security and freedom, while maintaining a constant fidelity towards that which is foundational: the essential, the enduring, the unchanging fidelity "usque ad sanguinis effusionem" to dogma and those moral and disciplinary principles that demonstrate their irreplaceable function and their fecundity precisely at the times when new things are making headway.

e) The Fathers are thus witnesses and guarantors of an authentic Catholic Tradition and hence their authority in theological questions has been very great and always remains so. When, it has been necessary to denounce the deviation of certain schools of thought, the Church has always referred to the Fathers as a guarantee of truth. Various Councils, for instance the Councils of Chalcedon and Trent, begin their solemn declarations with reference to the patristic Tradition by using the formula: "In following the Holy Fathers... etc" References are made to them also even in question which had already been resolved through recourse to Sacred Scripture.

In the Council of Trent [22] and in the First Vatican Council [23] the principle was explicitly enunciated that the unanimous consent of the Fathers constitutes a certain rule for interpreting Scripture. This principle of Tradition as normative – formulated by St. Vincent of Lerins [24] and earlier still by St. Augustine – has always been followed in the history of the Church.

f) The examples and teaching of the Fathers, witnesses to Tradition, were particularly valued and put to good use by the Second Vatican Council. Due precisely to them, the Council was able to achieve a keener understanding of the Church herself and to identify the sure path particularly for liturgical renewal, for fruitful ecumenical dialogue and for the encounter with non-Christian

religions by making the ancient principle of unity in diversity and of progress in the continuity of Tradition bear fruit in present day circumstances.

## 2. Theological Method

The delicate process of grafting Christianity onto the world of ancient culture and the need to define the contents of the Christian mystery compared to pagan culture and heresies stimulated the Fathers to deepen the faith and illustrate it rationally with the aid of the best categories of thought in the philosophies of their times, especially in the refined Hellenistic philosophy. One of their most important tasks was to give birth to theological science and define some coordinates and norms of procedure at its service which revealed themselves to be valid and fruitful even for future centuries, as St. Thomas Aquinas would show in his work, in complete fidelity to the doctrine of the Fathers.

In this activity as theologians, some particular attitudes and points are outlined in the Fathers which are of great interest, and which must be kept in mind today in sacred studies:

a) a constant recourse to Sacred Scripture and the meaning of Tradition;

b) awareness of Christian originality while recognizing the truths contained in pagan culture;

c) defense of the faith as the supreme good and continuously deepening understanding of the content of Revelation;

d) the sense of mystery and the experience of the divine.

### 1) *Recourse to Sacred Scripture, Sense of Tradition*

1. The Fathers are primarily and essentially commentators of Sacred Scripture: "divinorum librorum tractatores". [25] In this task, from our present-day point of view, their method presents certain undeniable limits. They did not know, and could not have known about the resources of a philological, historical and anthropological-cultural order, nor the input of research, documentation and scientific elaboration that are available to modern exegesis, and therefore, a part of their work is to be considered timeworn. Nonetheless, their merits for a better understanding of the Sacred Books are uncalculable. They are still true teachers for us and superior in many ways to the exegetes of the Middle Ages and the modern era due to "a sort of sweet intuition about heavenly things through an admirable penetration of spirit, whereby they go farther into the depths of the divine word". [26] The example of the Fathers can indeed teach modern exegesis a truly religious approach to Sacred Scripture as well as an interpretation that constantly adheres to the criterion of communion with the experience of the Church proceeding through history under the guidance of the Holy Spirit. When these two interpretative principles – religious and specifically Catholic – are neglected or forgotten, modern exegetical studies often result in being impoverished and distorted.

For the Fathers, Sacred Scripture was the object of unconditioned veneration, the foundation of the faith, the constant subject of preaching, nourishment of devotion, the soul of theology. They always maintained its divine origin, lack of error, normativity, and inexhaustible wealth of vigor for spirituality and doctrine. It is sufficient to recall what St. Irenaeus wrote about the Scriptures: they "are perfect because they are dictated by

the Word of God and his Spirit", [27] and that the four Gospels are "the foundation and pillar of our faith". [28]

2. Theology was born out of the exegetic activity of the Fathers, "in medio Ecclesiae", and especially in the liturgical assemblies in contact with the spiritual needs of the People of God. That exegesis in which spiritual life is blended with rational theological reflection always aims at the essentials, while being faithful to the entire sacred deposit of the faith. It is entirely centered on the mystery of Christ to whom all the individual truths are referred in a wonderful synthesis. Rather than getting lost in numerous marginal problems, the Fathers seek to embrace the totality of the Christian mystery by following the basic movement of Revelation and of the economy of salvation that goes from God through Christ to the Church, sacrament of union with God and dispenser of divine grace in order to return to God. Thanks to this insight, due to their lively sense of ecclesial communion, to their proximity to Christian origins and familiarity with Scipture, the Fathers look at the whole in its center and make this whole present in each of its parts, reconnecting each outer question with itself. Following the Fathers in their theological itinerary means, therefore, grasping, more easily the essential nucleus of our faith and the "specificum" of our Christian identity.

3. The veneration and fidelity of the Fathers regarding the Sacred Books may be compared to their veneration and fidelity to Tradition. They do not consider themselves masters but servants of the Sacred Scriptures since they received them from the Church, read and commented on them in and for the Church, according to the rule of faith proposed and illustrated by ecclesiastical and apostolic Tradition. St. Irenaeus the great lover of the Sacred Books, maintains that whoever wishes to know the truth must look at the Tradition of the Apostles. [29] He adds thatm even if the Apostles had not left us Scripture, Tradition would have been enough for our instruction and salvation. [30] Origen himself, who studied the Scriptures with so much love and passion, and worked so much for their comprehension, openly states that only those must be believed as truths of faith that in no way depart from "eccelsiastical and apostolic Tradition", [31] thereby making Tradition the interpretative norm of Scripture. Later, St. Augustine, who found his "delight" in meditating on Scripture, [32] stated this marvelously luminous and sound principle that again refers to Tradition: "I would not believe in the Gospel if the authority of the Catholic Church had not led me to do so". [33]

4. Therefore, when the Second Vatican Council stated the "Sacred Tradition and Sacred Scripture form one sacred deposit of the word of God, which is entrusted to the Church," [34] it merely confirmed an ancient theological principle that was practised and professed by the Fathers. This principle, that enlightened and guided their whole exegetic and pastoral activity, certainly remains valid for theologians and pastors of souls today. From this it follows concretely that the return to Sacred Scripture, which is one of the major characteristics of the life of the Church in the present, must be accompanied by the return to Tradition attested to by patristic writings if the desired fruits are to be produced.

**b) *Christian Originality and Inculturation***

1. Another important and very apposite characteristic of the Fathers' theological method is that it sheds light on understanding "by what means the faith can be explained in terms of the philosophy and wisdom of the peoples". [35] They have in fact drawn the clear awareness of Christian originality from Scripture and Tradition: that is, the firm conviction that Christian teaching contains an essential nucleus of revealed truths that constitute the norm for judging human wisdom and distinguishing truth from error. If such a conviction led some of them to reject the contribution of this wisdom and consider philosophers almost as the "patriarchs of the heretics", it did not stop the majority of them from accepting this contribution with interest and gratitude, as proceeding from the one source of wisdom which is the Word. In this regard, let it suffice to recall St. Justin Martyr, Clement of Alexandria, Origen, St. Gregory of Nyssa and, in a special way, St. Augustine. In his work "De doctrina christiana", he outlined a program for this activity: "If they who are called philosophers have said true things in harmony with our faith ... not only should they not cause fear, but ... they should be claimed for our use ... Is this not precisely what many of our good faithful have done? Cyprian ... Lactantius ... Vittorinus ... Optatus, Hilary, to speak only of the dead, and a countless number of Greeks". [36]

2. To this study of assimilation, another is added, no less important and inseparable from it, which we could call dissimilation. Being anchored to the norm of faith, the Fathers accepted many contributions from Greco-Roman philosphy, but athey rejected its grave errors and especially avoided the danger of syncretism which was so widespread in the then-prevailing Hellenistic culture. They also avoided rationalism that risked reducing faith to only the aspects that were accepted by Hellenist rationality. "Against their great errors", St. Augustine writes, "Christian doctrine must be defended." [37]

3. Thanks to this careful discernment of values and the limits hidden in the various forms of ancient culture, new paths were opened up towards the truth and new possibilities for announcing the Gospel were seized. Taught by Greek, Latin and Syriac Fathers, the Church "learned early in its history to express the Christian message in the concepts and language of different peoples and tried to clarify it in the light of the wisom of their philosphers: it was an attempt to adapt the Gospel to the understanding of all men and the requirements of the learned". [38] In other words, the Fathers, being aware of the universal value of revelation, began the great task of Christian inculturation, as it is usually called today. They become the example of a rich encounter between faith and culture, faith and reason, which continues to be a guide for the Church of all ages that is committed to preaching the Gospel to people of such different cultures and working in their midst.

As we can see, due to those attitudes of the Fathers, the Church shows herself to be, from the beginning "missionary by nature" [39] even on the level of thought and culture. Therefore, the Second Vatican Council psrescribes that "this kind of adaptation and preaching of the revealed Word must ever be the law of all evangelization." [40]

c) ***Defense of the Faith, Dogmatic Progress***

1. Within the Church, the encounter of reason with faith has given rise to many and long controversies regarding the major themes of Trinitarian, Christological, ecclesiological, anthropological and eschatological dogma. On such occasions, in defending the truths that touch on the very essence of faith, the Fathers were the authors of a great advance in the understanding of dogmatic content, and rendered a valuable service to the progress of theology. Their apologetic "munus", exercised with a conscious pastoral concern for the spiritual good of the faithful, was a providential means for making the entire body of the Church grow. As St. Augustine said regarding the increase of heretics: "God has allowed them to spread so that we would not nourish ourselves only with milk and stay in a state of rude childhood", [41] because "the need to defend the truths of the faith from the questions raised astutely and disturbingly by heretics, led to the truths being examined more diligently, understood more clearly and preached more insistently so that the raising of a question by an adversary became the occasion for an advance in learning." [42]

2. In this way the Fathers became the initiators of rational procedure applied to the data of Revelation, enlightened promoters of that "intellectus fidei" that belongs to the essence of every authentic theology. It was their providential task not only to defend Christianity, but also to re-think it in the Greco-Roman cultural environment; to find new formulas for expressing an ancient doctrine; non-Biblical forms for a Biblical doctrine; to present, in a word, the faith in the form of human discourse that is fully Catholic and capable of expressing the divine content of revelation by always safeguarding its identity and transcendence. Numerous concepts introduced by them into Trinitarian and Christological theology (e.g., ousia, hypostasis, physis, agenesia, genesis, ekporeusis, etc.) have played a decisive role in the history of the Councils, and have entered into dogmatic formulas and become parts of our normal theological terminology.

3. The dogmatic progress that was accomplished by the Fathers, not as a purely intellectual abstract project but mostly in homilies in the midst of liturgical and pastoral activity, constitutes an excellent example of renewal in the continuity of Tradition. For them "the Catholic faith coming from the doctrine of the Apostles ... and received through a series of successions" was "to be transmitted whole to their descendents". 43 Therefore, it was treated by them with the maximum respect in complete fidelity to its Biblical basis and, at the same time, with an appropriate openness of spirit toward new needs and new cultural circumstances: the two characteristics of the living tradition of the Church.

4. These first sketches of theology handed down to us by the Fathers point out some of their typical basic attitudes toward the data revealed that can be considered of permanent value and hence valid for the Church today. It is a foundation laid once and for all to which every later theologian must make reference and, if necessary, return. It is a heritage that is not exclusive to any particular church, but one that is very dear to all Christians. It goes back, in fact, to the times precee-

ding the division between the Christian East and West, and transmits common treasures of spirituality and doctrine. It is a rich table around which theologians of various denominations can always meet. The Fathers are Fathers both of Eastern Orthodoxy and of Latin Catholic theology, of the theology of Protestants and of Anglicans, the common object of study and veneration.

**d) *Sense of Mystery, Experience of the Divine***

1. It the Fathers have given proof on so many occasions of their responsibility as thinkers and seekers with regard to Revelation following, it can be said, the program of 'credo ut intelligam' and of the "intelligo ut credam", they have always done so as truly believing authentic men of the Church, without compromising the purity or, as St. Augustine said, the "virginity" [44] of the faith. As "theologians", they did not make use of the resources of reason only, but, more properly, also of the religious resources gained through their affective existential knowledge, anchored in intimate union with Christ, nourished by prayer and sustained by grace and the gifts of the Holy Spirit. In their attitudes as theologians and pastors, they showed to a marked degree their deep sense of mystery and their experience of the divine that protected them from the ever recurring temptations both of exaggerated rationalism or of a flat and resigned fideism.

2. The first thing that strikes us in their theology is the living sense of the transcendence of the divine Truth contained in Revelation. Differing from many other ancient and modern thinkers, they give proof of great humility before the mystery of God contained in Sacred Scripture on which they, in their modesty, prefer to be mere commentators who are careful not to add anything to it that might alter its authenticity. It can be said that this attitude of respect and humility is non other than lively awareness of the insuperable limits that the human intellect experiences in the face of divine transcendence. It is enough to recall here, in addition to the homilies of St. John Chrysostom, on the *Incomprehensibility of God,* what St. Cyril, Bishop of Jerusalem, writes in addressing himself to catechumens "When it is a question of God, it is a great knowledge to confess ignorance". [45] Like him, the Bishop of Hippo, St. Augustine, would later say to his people: "a faithful ignorance is preferable to a foolhardy knowledge". [46] Before them St. Irenaeus had stated that the generation of the Word is *indescribable,* and that those who presume to explain it "have lost the use of their reason". [47]

3. Given this lively spiritual sense, the image of themselves that the Fathers offer us is that of men who are not only learning but, above all, are experiencing divine things, as Dionysius the Pseudo-Aeropagite said about his teacher Hierotheos: "non solum discens sed et patiens divina". [48] Most of the time they are specialists in the supernatural life who communicate what they have seen and experienced in their contemplation of divine things, what they have known through the path of love, "per quandam connaturalitatem", as St. Thomas Aquinas said. [49] In their way of expressing themselves the savoury accent of the mystics is often perceptible, revealing a great familiarity with God, a lived expe-

rience of the mystery of Christ and the Church, and in constant contact with all the genuine sources of the interior life considered by them as fundamental to Christian life. It can be said that, along the lines of the Augustinian "intellectum valde ama", [50] the Fathers certainly appreciate the usefulness of speculation, but they know it is not enough. In the same intellectual effort to understand their own faith, they practise love that, by making friends between the two, [51] becomes by its very nature the source of new understanding. In fact, "no good is perfectly known if it is not perfectly loved". [52]

4. These methodological principles, which were first practically followed and lived before they were expressly enunciated, were also the object of the Fathers' explicit reflections. In this regard, it is sufficient to refer to St. Gregory Nazianzen. In the first of his five famous theological orations dedicated to the way to do theology, he deals with the need for moderation, humility, inner purification and prayer. St. Augustine does the same when he recalls the place faith has in the life of the Church and, in speaking abouth the role that theologians play in her, he writes that they are to be "piously learned and truly spiritual". [53] He gives an example of this himself when he writes the De Trinitate aimed at responding "to the garrulous reasoners" who "in despising the humble beginnings of the faith, let themselves be led astray by an immature and perverse love of reason". [54]

For all these reasons, the theological activity of the Fathers is still relevant for us now. They continue to be teachers for theologians, representatives of an important, decisive and indelible period in the theology of the Church. They are exemplary in the way in which they carried out their theological activity. They are authoritative sources and irreplaceable witnesses through their reflection and meditation to the revealed data.

### 3. Cultural, Spiritual and Apostolic Wealth

In addition to their theological profoundity, the patristic writings are also distinguished for the great cultural, spiritual and pastoral values they contain. Therefore, after Sacred Scripture, they are one of the principal sources of priestly formation and a "fruitful nourishment" that accompanies priests for their whole lives, as is recommended in the Decree *Presbyterorum Ordinis* (n. 19).

a) In addition to contributing to the literary heritage of their respective nations, the Latin, Greek, Syriac and Armenian Fathers, although each in a different way and to a different degree, are classics of Christian culture. They founded and built upon that culture, and it bears the indelible mark of their paternity forever. Different from national literatures that express and mould the genius of individual peoples, the cultural heritage of the Fathers is truly "catholic", universal, because it teaches us how to become and behave like righteous men and women and authentic Christians. Due to their lively sense of the supernatural and their discernment of human values in relation to that which is specifically Christian, their works have been in past centuries an excellent instrument in the formation of entire generations of priests, and remain indispensable for the Church today.

b) It is very noteworthy that many Fathers had an excellent preparation in the disciplines of ancient Greek and Roman culture. From it they borrowed lofty civil and spiritual valures and enriched their treatises, catecheses and preaching with them. By imprinting the Christian stamp on the ancient, classical "humanitas", they were the first to make a bridge between the Gospel and secular cultures, thus outlining for the Church a rich and engaging cultural program that profoundly influenced subsequent ages and, in particular, the whole spiritual, intellectual and social life of the Middle Ages.[55] Thanks to their teaching, many Chritians during the first centuries had access to the various spheres of public life (schools, administration, politics). Christianity could also make the best use of what was valid in the ancient world, purify what was less perfect, and contributes to the creation of a new culture and civilization inspired by the Gospel. Therefore, for future priests, going back to the Fathers means nourshing themselves from the very roots of Christian culture, and understanding better their own cultural tasks in today's world.

c) With regard to the spirituality of the Fathers, it has already been pointed out in a preceding paragraph how their entire theology was eminently religious, a real "sacred science" which, while it enlightens the mind, edifies and warms the heart. In addition to theological elements and aspects as such, it is appropriate to emphasize the moral behaviour and attitudes that result from their works. They are like fundamental coefficients of the preogressive and often silent rising of evangelical leaven in pagan society which later remained impressed forever on the mind and very countenance of the Church. Many of the Fathers were "converts": the sense of newness of Christian life was joined to the certainty of the faith in them. From this, in the Christian communities of their times, sprang an "explosive vitality", a missionary fervour and a climate of love that inspired souls to the heroism of daily personal and social life, especially through the practice of works of mercy, alms-giving, care of the sick, widows, orphans, respect for women and every human person, the education of their children, respect for life in its origins, conjugal fidelity, respect and generosity in the treatment of slaves, freedom and responsibility before the public powers, defense and support of the poor and oppressed, and with all the forms of evangelical witness required by the circumstances of time and place even to the supreme sacrifice of martyrdom. Through their conduct inspired by the teachings of the Fathers, Christians distinguished themselves from the surrounding pagan world and expressed their new life sprung forth from Christ by embracing the ascetic ideals of virginity "propter regnum coelorum," detachment from earthly goods, penance, hermit or community monastic life, along the lines of the "evangelical counsels", and in vigilant expectation of Christ's coming. Also many forms of private devotion (such as family prayer, daily prayers, the practice of fasting) and community devotion (e.g., celebration of Sunday and the principal liturgical feasts such as participation in the saving events, veneration of the Blessed Virgin Mary, vigils, agàpe, etc.) date back to the patristic era and obtain their precise theological-spiritual meaning from the teaching of the Fathers.

Therefore, it is clear that seminarians,

regular familiarity with the work of the Fathers can only strencthen their spiritual and liturgical life by shedding a particular light on their vocation, and rooting it in the long tradition of the Church bringing it into direct communication with its origins in their wealth and purity. At the same time, it will help them to discover the unity and totality of the human person: to recognize and follow that higher ideal of humanity that is unified and integrated into the harmonious development of natural and supernatural values which is the model of Christian anthropology.

d) Another reason for the fascination with, and interest in the works of the Fathers is that they are very pastoral: that is, they were composed for pastoral purposes. Their writings are either catecheses and homilies, rebuttals of heresy, responses to enquiries, spiritual exhortations, or manuals for instructing the faithful. from this it can be seen how the Fathers felt involved in the pastoral problems of their times. They exercised their office as teachers and pastors and sought first of all to keep the People of God united in the faith, in divine worship, morals and discipline. Many times they proceeded in a collegial way, exchanging back and forth letters of a doctrinal and pastoral nature for the purpose of promoting a common line of conduct. They were concerned with the spiritual good not only of their particular Churches but of the whole Church. Some of them became defenders of orthodoxy and points of reference for other bishops in the Catholic world (e.g. Athanasius in the anti-Arian struggles, Augustine against the Pelagians) thus personifying in some way the living mind of the Church.

e) Furthermore, in their pastoral action the Fathers offered observers a broad range of the most varied cultural and social subject matter of their times, but always framed their thoughts in entirely supernatural coordinates. They are interested in the integrity of the faith, the basis of justification, so that it will flourish in charity, bond of perfection, and so that charity will create the new man and the new history. Everything in their pastoral action and teaching is brought back to charity, and charity to Christ, the universal way of salvation. [56] All of them refer to Christ, the recapitulation of all things (Irenaeus), our deifier (Athanansius), founder and king of the city of God which is the company of the elect (Augustine). In their historical, theological and eschatological perspective, the Church is *Christus totus* that "runs along and in running makes jer pilgrimage amidst the persecutions of the world and the consolations from God, from the time of Abel, the first just one killed by his wicked brother, until the consummation of time". [57] If we want to summarize the reasons that lead to studying the works of the Fathers, we can say that they have been, after the Apostles, as St. Augustine rightly said, the planters, irrigators, builders, pastors, feeders of the Church which has been able to grow due to their vigilant and tireless service. [58] In order for the Church to continue growing, it is necessary to know their doctrine and works thoroughly. They are distinguished by being both pastoral and theological, catechetical and cultural, spiritual and social in an excellent and unique way in relation to what has taken place in other historical ages. It is precisely this organic unity of the various aspects of the life and mission of the Church the makes the Fathers so relevant and fecund for us, too.

[19] **St. Augustine,** *Opus imp.c. Iul* 1,117:*PL* 45, 1125

[20] **Idem,** *Contra Iul.* 2, 10, 34: *PL* 44, 698

[21] **Second Vatican Council,** Dogmatic Constitution *Dei verbum*, n 8

[22] Council of Trent, *ed Goeressiana*, V (Acta II) 91 ff.

[23] First Vatican Council, *coll. Lac.* 7. 251.

[24] *Comm. primum* 2,10,33: *PL* 50,639,650.

[25] ***Augustine,*** *De lib.arb.* III, 21,59; *De Trin.*II,1,2;*PL* 32,1300;42,845.

[26] ***Pius XII,*** Encyclical Letter *Divino afflante Spiritu*, September 30,1943:A.A.S. 35 (1943), p. 312.

[27] *Adv. haer,* 2, 28, 2: *PG* 7, 805.

[28] *Ibid.* 3, 1,1: *PG* 7, 844.

[29] *Ibid.* 3,3,1: *PG* 7, 848.

[30] *Ibid.* 3,4,1: *PG* 7, 855.

[31] *De principiis* 1, *praef.*1 cf. *In Mt comm.* 46:*PG* 11,116:*cf.*13,1667.

[32] *Confess.*11,2,3:*PL* 32, 809.

[33] *Contra ep. fund.* 5,6: *PL* 42,176.

[34] Dogmatic Constitution *Dei verbum*, n. 10.

[35] ***Second Vatican Council,*** *Decree Ad gentes*, n. 22.

[36] *De doctr, chr.*, 2,40,60-61:*PL* 34,63.

[37] *Retract.*1,1, 4: *PL* 32, 587.

[38] *'Pastoral Constitution Gaudium et Spes*, n. 44.

[39] *Second Vatican Council,* Decree *Ad gentes*, n. 2

[40] *Second Vatican Council, Pastoral Constitution Gaudium et Spes*, n. 44

[41] *Augustine, Tract, in Ioh* 36,6: *PL* 35,1666

[42] *Idem, De civ. Dei,* 16,2,1: *PL* 41,477.

[43] *Idem, Tract, in Ioh* 37,6:*PL* 35, 1672.

[44] *Augustine, Serm,* 93,4; 341,5; etc: *PL* 38,574;39,1496.

[45] *Catech.*6,2:*PG* 33,542

[46] *Serm.* 27,4:*PL* 38,179.

[47] *Adv.,haer* 2,28,6:*PG* 7,809

[48] *De Divinis Nominibus*, II, 9:*PG* 3, 674, cf.648; quoted by St. Thomas Aqiunas in S.Th II-II,q. 45, a 2

[49] *S.Th.*II-II,2,45,a.2.

[50] *Augustine, Ep.*120,3,13:*PL* 33,459.

[51] *Clement of Alexandria, Stromata* 2,9:*PG* 8,975-982.

[52] *Augustine, De div.qq.* LXXXIII, q.35,2:*PL* 40,24.

[53] *Ep.*118, 32: *PL* 33.448.

[54] *De Trin* 1,1,1: *PL* 42,819.

[55] Two works in particular of St.Augustine exercised a great influence in this regard: *De Civitate Dei* and *De doctrina christiana.*

[56] ***Augustine,*** *De civ. Dei* 10,32, 1-3: *PL* 41,312ff.

[57] *Idem, De civ, Dei* 18,51,2:PL 41,61; cf. Second Vatican Council, Dogmatic Constitution *Lumen gentium*, n. 8

[58] *Contra Iul.* 2,10,34: *PL* 44,698.

# ISTRUZZJONI TAL-KONGREGAZZJONI GĦAD-DUTTRINA TAL-FIDI DWAR IL-VOKAZZJONI EKKLESJALI TAT-TEOLOGU

**24 ta' Mejju 1990**

## Id-dokument fil-qasir

### Daħla

Il-verità li irrivelalna Sidna Ġesù Kristu dejjem ġiegħelet lil min jemmen biex iħabrek ħa jifhem il-fidi: din hi t-teoloġija. Il-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, għax tagħraf l-importanza speċjali li għandha r-riflessjonni teoloġika f'dan iż-żmien tal-ġrajja tal-Knisja, u għax tagħraf ma liema perikoli kbar tista' tiltaqa' dehrilha li tkun ħafa f'waqtha li tikteb lill-isqfijiet tal-Knisja Kattolika, u, permezz tagħhom, lit-teoloġi u twasslilhom istruzzjoni li titfa' dawl fuq il-missjoni tat-teoloġi fil-Knisja.

### Il-verità, don mogħti minn Alla lill-poplu tiegħu

Alla ried ikun qrib il-bniedem u għalhekk tah li jkun jista' jersaq lejh b'mod l-aktar intimu, biex fih isib il-verità sħiħa u ħelsien tassew. Bħala melħ ta' l-art u dawl tad-dinja, il-Knisja kollha tagħti xhieda tal-verità ta' Kristu, li teħlisna. Il-Poplu ta' Alla, biex jaqdi din il-missjoni profetika fid-dinja, irid bla heda jġedded fih il-ħajja tal-fidi, b'mod speċjali b'riflessjoni, imdawwla mill-Ispirtu s-Santu, fuq il-veritajiet tal-fidi, minħabba d-dmir li għandhom l-insara li jagħtu tweġiba lil kull min jitlobhom il-għala tat-tama li għandhom (I Piet 3,15).

### Il-vokazzjoni tat-teologu.

Għal din il-missjoni profetika l-Ispirtu s-Santu jagħmel sejħat differenti, fosthom is-sejħa jew vokazzjoni tat-teologu: dan hu msejjaħ biex, f'għaqda sħiħa mal-Maġisteru, jikseb fehma aktar għolja u aktar fil-fond tal-Kelma ta' Alla. Għaliex it-teoloġija hi dwar il-Verità, dwar Alla l-ħaj u l-pjan tiegħu għas-salvazzjoni irrivelat lilna minn Ġesù Kristu, it-teologu hu msejjaħ, qabel kollox, biex isaħħaħ dejjem aktar il-ħajja tiegħu ta' fidi u jgħaqqad flimkien, dejjem u bla heda, ir-riċerka xjentifika mat-talb. It-teoloġija biż-żmien saret xjenza vera u proprja, għalhekk it-teologu jrid dejjem iħares il-metodu proprju tat-teoloġija, u s-serjetà li tixraq lit-teoloġija fil-kritika li jagħmel. Fit-teoloġija, il-libertà tar-riċerka, hi ġid mill-aktar għażiż għall-għorrief kollha, u taqbel ma' l-istess natura tagħha, iżda wieħed ma jridx jinsa li t-teoloġija hi dwar veritajiet rivelati, li jiġu mxandra u mfissra mill-Knisja bl-awtorità tal-Maġisteru u milqugħin bil-fidi.

### Il-Maġisteru ta' l-isqfijiet.

Id-dmir tal-ħarsien, tat-tifsir u tax-xandir tal-Kelma ta' l-Evanġelju ġie fdat lir-ragħajja tal-Knisja bħala suċċessuri ta' l-Appostli. Huma u jaqdu l-verità, li hi waħedha garanzija ta' libertà, huma jħarsu l-Poplu ta' Alla minn kull periklu li jitbegħed mit-triq it-tajba u minn kull taħwid. Hu f'dan id-dawl li wieħed għandu jara l-kariżma ta' l-infallibiltà li l-Mulej ta b'mod speċjali lir-ragħajja tal-Knisja f'dak li għandu x'jaqsam mal-fidi u l-

morali. Id-dmir li wieħed iħares bit-tjieba kollha u jfisser bil-fedeltà kollha kull ma ġie rivelat minn Alla jfisser li l-Maġisteru għandu d-dritt jagħmel, b'mod definitiv, dikjarazzjonijiet, li ma jkunux direttament dwar veritajiet tal-fidi, iżda jkollhom rabta sħiħa magħhom.

Alla jagħti l-għajnuna tiegħu wkoll lis-suċċessuri ta' l-Appostli huma u jgħallmu f'għaqda sħiħa mas-suċċessur ta' San Pietru, u b'mod speċjali lill-istess Papa, ir-Ragħaj tal-Knisja kollha, meta, huma u jaqdu l-Maġisteru ordinarju tagħhom, ixandru tagħlim li jwassal biex wieħed jifhem aħjar ir-Rivelazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-fidi u l-morali u jagħtu dawk id-direttivi morali li joħorġu mit-tagħlim tagħhom.

## Maġisteru u teoloġija.
## a) Kooperazzjoni

Għalkemm il-Maġisteru u t-teoloġija għandhom doni u dmirijiet differenti, fl-aħħar mill-aħħar għandhom l-istess għan, jiġifieri li jżommu sħiħ il-Poplu ta' Alla fil-verità li tagħti l-ħelsien lil dawk kollha li jilqgħuha u hekk tagħmilhom "dawl għall-ġnus." Dan is-servizz favur il-komunità ekklesjali joħloq relazzjoni bejn it-teologu u l-Maġisteru, b'għajnuna għal xulxin.

Meta l-Maġisteru tal-Knisja jagħmel dikjarazzjoni infallibbli u, b'mod solenni jiddefinixxi duttrina bħala duttrina li ġiet rivelata minn Alla, wieħed irid iħaddan din id-duttrina u jemminha b'fidi teoloġika. Dan igħodd ukoll għat-tagħlim tal-Maġisteru ordinarju universali dwar duttrina tal-fidi li tiġi mgħallma bħala rivelata minn Alla.

Ukoll meta l-Maġisteru ma jkollux ħsieb li jaġixxi "b'mod definitiv", iżda jgħallem duttrina li tgħin biex wieħed jifhem aktar fil-fond ir-Rivelazzjoni, jew jagħmel aktar ċara u espliċità xi verità rivelata, jew juri li xi duttrina taqbel mal-verità tal-fidi, jew, fl-aħħarnett, iwissi dwar fehmiet li bla ebda mod ma jaqblu ma' din il-verità, wieħed hu mistenni li jaċċetta dan b'sottomissjoni reliġjuża tar-rieda u tal-fehma. Din is-sottomissjoni ma tridx tkun biss esterna u dixxiplinari, imma trid tiġi mill-ubbidjenza tal-fidi u tkun taqbel magħha.

Fl-aħħarnett l-għan tal-Maġisteru hu li jgħin il-Poplu ta' Alla bl-aħjar mod li jista', b'mod speċjali, billi jwissi lill-insara dwar fehmiet perikolużi, li jistgħu jwasslu għall-iżbalji. Biex jilħaq dan il-għan il-Maġisteru jista' jindaħal f'diskussjonijiet fejn ikunu qed jitħalltu flimkien prinċipji sodi u elementi li huma biss konġetturi u aċċessorji.

Bħala regola wieħed irid jilqa' bil-lealtà kollha t-tagħlim tal-Maġisteru dwar materji li *per se* ma jiġġeddux, huma irrefromabbli. Iżda jista' jiġri li t-teologu jista' jkollu xi mistoqsijiet x'jagħmel, skond il-każ, dwar il-waqt jew is-sura tad-dikajarazzjoni tal-Maġisteru, u wkoll dwar il-kontenut tagħha.

Dan għandu l-ewwelnett jimbuttah biex jivverifika bir-reqqa kolha x'awtorità jkollha d-dikjarazzjoni: dan ikun jidher min-natura tad-dokument li joħroġ il-Magisteru, mill-insistenza li biha l-Magisteru jtenni d-duttrina li tkun, u l-mod stess kif tiġi mfissra.

Jistgħu jinħolqu wkoll tensjonijiet fil-kollaborazzjoni bejn it-teologu u l-Maġisteru. Iżda, sakemm dawn it-tensjonijiet ma jkunux ġejjin minn sentimenti ostili lejn il-Magisteru, jistgħu jkunu fatturi dinamiċi, li jimbuttaw kemm il-Maġisteru u kemm it-teologu biex jaqdu d-dmirijiet proprji tagħhom fi djalogu bejniethom.

Jekk, f'xi każ partikulari, minkejja kull

sforz leali min-naħa tiegħu, it-teologu jibqa' jsib diffikultajiet kbar biex jaċċetta tagħlim tal-Maġisteru li mhux irreformabbli, tagħlim li 'l quddiem forsi jista' jinbidel, it-teologu hu fid-dmir li jgħarraf l-awtoritajiet tal-Maġisteru bil-problemi li magħhom ikun iltaqa'. Huwa u jagħmel dan, ma għandu qatt jagħmel użu mill-"mass media" biex iqanqal favur tiegħu l-opinjoni pubblika. Id-diffikultajiet tiegħu jistgħu mbagħad jgħinu biex ikun hemm progress veru, għax ikun qed iħajjar il-Maġisteru biex ixandar it-tagħlim tal-Knisja b'mod aktar għoli u aktar fil-fond, u b' argumenti aktar ċari.

## b) In-nuqqas ta' qbil

Din il-qagħda ta' persuna, ta' teologu li għandu d-diffikulatjiet tiegħu dwar xi tagħlim tal-Maġisteru, irridu nagħżlulha minn qagħda pubblika "ta nuqqas ta' qbil" mal-Maġisteru tal-Knisja. Dawk li pubblikament jgħidu li ma jaqblux mal-Maġisteru, iġibu ħafna raġunijiet, iżda ġeneralment huma raġunijiet mibnijin fuq appell għall-pluraliżmu fit-teoloġija. Iżda t-tagħlim tal-Maġisteru, minħabba l-għajnuna li tiġib minn Alla, jiswa wisq aktar mill-argumenti li jġib biex iwettqu. U l-pluraliżmu fit-teoloġija hu leġittimu biss jekk l-għaqda tal-fidi fiha nfisha tibqa' bla mittiefsa. Il-fehmiet ta' għadd kbir ta' nsara ma jistax jitqies bħala "is-sena soprannaturali tal-fidi", aktar u aktar illum meta l-influwenza tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali jista' jkollha effett negativ fuq il-fehmiet tan-nies.

Ħadd ma għandu d-dritt fil-Knisja jgħid li ma jaqbilx dwar xi veritajiet tal-fidi, għaliex il-libertà dwar l-att tal-fidi hija marbuta mad-dmir morali li wieħed għandu li jaċċetta l-verità, li d-dikjarazzjonijiet tal-Maġisteru iridu jaqdu. It-teologu, l-istess bħal kull min jemmen, irid jimxi skond il-kuxjenza tiegħu, iżda qabel xejn hu fid-dmir li jifforma l-kuxjenza tiegħu, billi jħalliha tiddawwal mill-fidi, li hi l-wirt tal-Knisja. Meta l-awtorità kompetenti tirtira l-missjoni jew il-mandat li jgħallem lil xi teologu li jkun tbiegħed mit-tagħlim tal-fidi, ma tkunx b'hekk tikser ebda dritt. Anzi tkun qiegħda taqdi b'fedeltà sħiħa l-missjoni tagħha li tħares id-dritt tal-Poplu ta' Alla li jirċievi l-messaġġ tal-Knisja fis-safa u s-sħuħija kollha tiegħu.

Il-Knisja, li tagħraf il-bidu tagħha fl-għaqda tal-Missier, u ta' l-Iben, u ta' l-Ispirtu s-Santu, hi misteru ta' għaqda organizzata skond ir-rieda tal-fundatur tagħha, Ġesù Kristu, madwar ġerarkija mwaqqfa għall-qadi ta' l-Evanġelju u tal-Poplu ta' Alla li bih igħix. Il-ħarsien ta' l-armonija u tal-għaqda fil-Knisja tagħti qawwa akbar lix-xhieda tagħha. Meta wieħed iħalli t-tentazzjoni li ma jaqbilx mal-Maġisteru tegħelbu, ikun qiegħed iħalli l-ħmira ta' infedeltà lejn l-Ispirtu s-Santu tehmer fih. Il-Verġni Marija, hienja għax emmnet, turi lill-Knisja kif tgħożż u taqdi l-Kelma.

Fl-aħħarnett il-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi tistieden lill-isqfijiet biex iżommu u jġibu 'l quddiem relazzjonijiet tajba u ta' fiduċja mat-teoloġi, biex ilkoll jkunu qaddejja aħjar tal-Kelma u tal-Poplu ta' Alla.

# DIKJARAZZJONI TA' L-ISQFIJIET

Fis-sitwazzjoni attwali, fejn numru ta' ħaddiema tilfu l-impjieg tagħhom, aħna l-Isqfijiet inħossu l-ħtieġa li nerġgħu ntennu t-tagħlim tal-Vanġelu li jħeġġiġna biex ikoll ninsistu ħalli l-bniedem u d-drittijiet tiegħu jkunu dejjem rispettati.

Nappellaw għalhekk lil kull min hu responsabbli biex iħares lejn id-dinjità tal-bniedem u jaħdem biex tinstab soluzzjoni ġusta u paċifika.

Għal raġunijiet umanitarji, f'ċirkustanzi bħal dawn, flimkien mad-drittijiet tal-ħaddiema nfushom irridu nqisu wkoll il-bżonnijiet tal-familji u t-tfal tagħhom.

Nitolbu 'l Alla jagħti d-dehen u l-qawwa biex kull min għandu din ir-responsabbiltà jagħraf iwettaq id-dover tiegħu.

20.2.1990

† Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta
† Nikol Cauchi
Isqof ta' Għawdex

# ITTRA PASTORALI TA' L-ISQFIJIET RANDAN 1990

**Aħna l-Isqfijiet tagħkom kuntenti ħafna li qegħdin niltaqgħu magħkom permezz ta' din l-Ittra Pastorali, biex flimkien nirriflettu fuq il-Messaġġ ta' l-Għid u naraw kif dan jista' jgħinna fiż-żminijiet tagħna.**

## Messaġġ ta' kuraġġ u tama

Il-Messaġġ ta' l-Għid jgħidilna li Ġesù rebaħ id-dnub; Ġesù rebaħ l-akbar għadu tal-bniedem. Nafu wkoll li r-rebħa ta' Ġesù hija r-rebħa tagħna għax b'sens ta' solidarjeta' magħna lkoll, huwa daħal fl-istorja tal-ħajja tagħna, bata, miet, qam minn bejn l-imwiet u rebaħ għalina lkoll.

Ir-rebħa ta' Ġesù tkompli tgħallimna li aħna bil-qawwa u l-għajnuna ta' Alla, nistgħu dejjem nirbħu d-dnub u għalhekk, b'sens ta' solidarjetà u responsabbiltà ma' kulħadd, irridu b'kuraġġ u tama niġġieldu dejjem lill-ħażen biex inħarsu d-dinjità tal-bniedem u nġibu 'l quddiem il-ġid sħiħ tiegħu.

Kristu, li offra ruħu għall-fidwa tagħna l-bnedmin, uriena xi jfissru l-altruwiżmu u l-ġenerożità ma' ħutna. Huwa wkoll jikkundanna fina kull għamla ta' egoiżmu. Fi Kristu msallab u rxuxtat, li b'sens qawwi ta' dmir wettaq sa l-aħħar il-missjoni fdata lilu, bla ma beża' mit-tbatija u mit-theddid, għandna xempju ċar ta' l-onestà li jinħtieġ tiddi fina, dixxipli tiegħu.

Il-messaġġ tal-Qawmien ta' Kristu huwa messaġġ ta' kuraġġ, ta' tama fit-taqbida tagħna kontra d-dnub, fil-ħidma li għandna responsabbiltà nwettqu favur il-bniedem. Ġesù ħareġ rebbieħ fuq id-dnub. Minnu nitgħallmu kif nistgħu bħalu noħorġu rebbiħin fuq il-ħażen. Dan huwa messaġġ ta' kuraġġ, tama u responsabbiltà. Matul iż-żjara tal-Papa fostna f'Mejju li ġej, ikollna okkażjoni tajba li nerġgħu niftakru f'dan il-messaġġ siewi u nitħeġġu biex inwettquh f'kull żmien.

## Effetti ta' l-egoiżmu

Żgur li huwa messaġġ li jgħodd ħafna għalina li qed ngħixu f'dawn il-gżejjer, għaliex ma humiex ftit dawk li jaħkem fuqhom l-egoiżmu, kif ukoll dawk li jikkuntentaw b'livell baxx ħafna ta' onestà. Huwa veru li ħafna huma dawk li ma jibżgħux mis-sagrifiċċji li jkunu jridu jagħmlu biex jirreżistu l-ħażen u jirsistu għat-tajjeb. Iżda huwa veru wkoll, li hawn oħrajn li jonqsu mir-responsabbiltà tagħhom li jiħduha kontra l-ħażin u li jaħdmu favur il-bniedem.

Jiġri wkoll, xi drabi, li ċerti nsara jużaw ħila kbira biex isibu xi għamla ta' kompromess mal-kuxjenza tagħhom. Hekk li filwaqt li minn banda waħda jiksru l-liġi jew iwettqu ommissjoni ta' ħtija, minn naħa l-oħra jippretendu li għadhom mexjin għal kollox fit-triq it-tajba. Dawn ikunu jingannaw lilhom infushom għaliex xorta waħda jibqgħu responsabbli quddiem Alla.

Xi whud minnhom, għax tilfu kull tama f'kulħadd, jirrassenjaw irwieħhom għaddiżordni, mibegħda, firda u ħażen ieħor li ilhom ħafna fostna. Oħrajn jistgħu u jixtiequ jgħinu, imma meta jiġu wiċċ imb'wiċċ mar-realtà tal-fatti, jibżgħu u jibqgħu lura. Hemm oħrajn, imbagħad, li jistgħu imma ma jridux, minħabba l-interessi tagħhom, ta' ħbiebhom jew tal-partit tagħhom. Mhux biss, imma biex ma jidhrux koroh jew ma jaħbtux difrejhom ma' xi qawwa ta' natura politika jew oħra, ġieli jaslu biex jirrikorru għall-gideb, tgħawwiġ tal-verità, nofs veritajiet u saħansitra ġuramenti foloz.

Il-messaġġ tal-Għid iċanfar lil dawk li jingħalqu fid-dgħufija tal-bniedem u jinsew il-qawwa ta' Ġesù rebbieħ. Ġesu' rebbieħ fuq id-dnub iċanfar lil dawk li aktar jibżgħu mill-bniedem milli minn Alla. Iżda Ġesù rebbieħ ibierek u jimla bil-kuraġġ lil min, b'sens ta' responsabbiltà, tama u kuraġġ, jeħodha kontra d-dnub, biex il-bniedem fuq din l-art jgħix fis-sliem kif iridu Alla.

## L-onestà fil-qasam soċjali u politiku

Ilna ħafna nħossu li l-egoiżmu qed iniġġes, fost ħwejjeġ oħra, il-qasam soċjali u politiku fejn disgrazzjatament iddgħajjfu ħafna valuri, bħalma huma l-ġustizzja, l-onestà, ir-rispett lejn il-bniedem, id-drittijiet u l-proprjetà tiegħu, il-verità, il-ħarsien tal-liġi u l-fiduċja f'nies u istituzzjonijiet pubbliċi li hu dmir u dover tagħhom iħarsu u jġibu 'l quddiem kull ma hu ġust u veru.

Meta jiddgħajfu dawn il-valuri, kif ġara f'pajjiżna, titniġġes ukoll il-kuxjenza morali li twassal biex tiġġustifika, kontra l-etika morali, kull imġiba u għemil diżonest u nġust bl-iskuża li f'dinja bħal ta' llum ma jridx ikollok skrupli.

Fejn joktor l-egoiżmu, jaħkmu kull diżordni u ħażen. Madanakollu, il-qawmien ta' Ġesù jqajjem fina kuraġġ u tama f'politika nadifa, li kif jgħid il-Konċilju Vatikan II, iġġib 'il quddiem il-ġid komuni, il-ġid tas-soċjetà u l-iżvilupp sħiħ, jiġifieri soċjali, morali, reliġjuż, kulturali u ekonomiku tal-bniedem.

Kieku lkoll kemm aħna kellna tabilħaqq rieda tajba li nżommu lil pajjiżna nadif minn ċerti għemejjel ta' għajb li ilhom irabbu l-għeruq fostna, bħalma huma l-firda, il-moħqrija, il-vendikazzjoni, il-korruzzjoni u s-serq, kieku toħroġ aktar fid-dieher l-onestà tal-poplu tagħna.

Biex ikollna politika nadifa, jeħtieġ l-ewwelnett nagħrfu li din il-problem hija ta' natura morali qabel ma hi ta' natura politika. Dan ifisser li jeħtieġ nagħrfu li d-diżordni u l-ħażen huma ġejjin mid-dnub ta' l-egoiżmu. Jeħtieġ nagħrfu wkoll li r-responsabbiltà tal-ħtija dwar ħafna dnubiet soċjali u politiċi hija tagħna lkoll, ċittadini u mexxejja, f'kull livell tal-ħajja soċjali u politika.

Ġesù Rebbieħ fuq id-dnub iċanfarna għal kull qagħda u ċirkostanza tad-dnub meta l-politika tkun biex tisserva bil- bniedem u mhux għas-servizz tiegħu, meta l-interessi tagħna, tal-partiti tagħna, ta' l-assoċjazzjoni, unjon jew għaqda li nagħmlu parti minnha jew istituzzjoni jiġu qabel dawk tal-bniedem.

## Ċittadini onesti

Ġesù jċanfarna iżda fl-istess ħin jordnalna nkissru dan il-madmad tad-dnub ta' l-egoiżmu li qed jaħkimna. Dan huwa mpenn. Din hija responsabbiltà tagħna lkoll. U dan

inwettquh billi qabel nitħaddtu fuq riformi ta' strutturi u istituzzjonijiet, l-ewwel inħarsu lejna nfusna u naraw li kull għemil tagħna jkun tabilħaqq għas-servizz tal-bniedem. Dan jitlob minna li nkunu ċittadini onesti, li nesiġu li dawk li jħaddmu l-istituzzjonijiet ikunu nies kompetenti u onesti. Il-mexxejja wkoll huma mitlubin jaraw li dawk li jħaddmu l-istituzzjonijiet ikunu nies kompetenti u onesti.

Nies onesti - u nisperaw li l-għadd ta' dawn jikber fostna - huma dawk li barra li jħobbu u jippriedkaw u jagħmlu huma s-sewwa u l-ġust, iridu wkoll dejjem jieħdu ħsieb li s-sewwa u t-tajjeb jiġi mwettaq dejjem u minn kulħadd. Dan ifisser li jridu jieħdu ħsieb jaraw li, fost ħwejjeġ oħra, ma jkun hemm xejn li jfixkel lill-istituzzjonijiet milli jaħdmu kif imiss, ħielsa minn influwenzi jew pressjonijiet inġusti ta' natura politika jew oħra li jkasbru n-natura tal-bniedem.

Nies onesti huma dawk li jiggarantixxu li ċ-ċittadin, hu min hu u jkun xi jkun iż-żmien, iħossu u jkun tabilħaqq dejjem protett u, f'każ ta' ksur tad-dinjità jew id-drittijiet tiegħu, jingħatawlu r-rimedji meħtieġa bl-istess kejl u effiċjenza għal kulħadd f'kull żmien.

## Edukazzjoni għall-onestà

Huma n-nies onesti li jagħmlu l-politika nadifa, u hija r-responsabbiltà tagħna wkoll li naraw li jikber dejjem iżjed fostna l-għadd tan-nies onesti. Ħafna xogħol jista' jsir fil-familji u fl-iskejjel billi t-tfal jiġu mgħallmin bl-eżempju u bil-kelma ħobbu lil xulxin u jħossuhom responsabbli ta' xulxin, ikunu xi jkunu l-kondizzjonijiet soċjali jew twemmin politiku jew xort'oħra tal-familji li jkunu ġejjin minnhom.

Edukazzjoni bħal din issaħħaħ lit-tfal kontra d-dnub ta' l-egoiżmu u tgħinhom jitilgħu rġiel u nisa li jaħdmu b'responsabbiltà, tama u kuraġġ kontra kull tfixkil u diffikultajiet għall-ġid sħiħ tal-bniedem – għall familji tajbin u politika nadifa għas-servizz tal-bniedem.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna b'rahan ta' kull ġid mis-sema.

Illum l-Erbgħa tar-Rmied, 28 ta' Frar 1990

† ĠUŻEPPI Arċisqof ta' Malta
† NIKOL Isqof ta' Għawdex

JOS. LUPI, Segretarju

# MESSAĠĠ TA' MONS. ĠUŻEPPI MERCIECA ARĊISQOF TA' MALTA FL-OKKAŻJONI TA' JUM IL-ĦAJJA - 1990

Egħżież uliedi,

Illum il-Ħadd, 4 ta' Frar, 1990, Malta se tiċċelebra Jum il-Ħajja, Jum li jiġi ċċelebrat ukoll f'bosta pajjiżi oħra.

Għaliex Jum il-Ħajja? L-ewwelnett il-ħajja hija l-iktar don prezzjuż li għandna. Lil Alla aħna nsejħulu Alla l-Ħallieq: Alla ħalaq il-ħajja u huwa s-sid ta' kull ħajja. Aħna nifirħu bil-ħajja li naraw madwarna, napprezzaw li aħna stess għandna l-ħajja, u nitnikktu meta naraw il-ħajja tinqered.

Fl-Ewwel tas-Sena, aħna kellimnikhom, flimkien mal-Papa, dwar il-ħtieġa li nħarsu l-ambjent. L-ambjent, li fih il-ħajja tista' titkattar, huwa mhedded u miegħu hija mhedda il-ħajja kollha, mhux biss tal-bniedem imma tan-natura kollha. Ilkoll għandna nagħmlu ħilitna u nagħtu s-sehem tagħna biex inħarsu l-ambjent.

Iżda llum fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħajja, għandna nagħtu ħarsa speċjali lejn il-ħajja tal-bniedem. L-ewwelnett biex napprezzaw aktar ħajjitna, biex nirringrazzjaw lil Alla għall-ħajja li tagħna. It-tieninett biex nagħrfu nibżgħu għal ħajjitna u l-ħajja ta' l-oħrajn.

Il-ħajja tal-bniedem fi żmienna hija mhedda wkoll. Mhux biss mill-ambjent imniġġes, mhux biss mill-gwerer, vjolenza, drogi u mard qerriedi. Iżda wkoll minn mentalità li taħt il-maskra ta' libertà u ħniena tasal biex teqred il-ħajja ta' għadd kbir ta' bnedmin li qatt ma jingħataw iċ-ċans li jitwieldu u oħrajn li jtemmulhom ħajjithom qabel iż-żmien - permezz ta' l-abort u l-ewtanasja.

Kull persuna li tibda l-ħajja għandha dritt tibqa' tgħix. Il-ħajja hija don t'Alla. Il-ħajja ta' bniedem ma jagħtuhiex l-omm u l-missier tat-tarbija. Dawn huma biss kooperaturi ma'Alla fit-tnissil ta' tarbija ġdida. Iżda huwa Alla li jagħti l-ħajja. U tarbija fil-ġuf, ukoll jekk għadha ma tidhirx, ukoll jekk tkun għadha fil-bidu tagħha, għandha dritt għall-ħajja, dritt daqs kull bniedem ieħor, dritt li jagħtihulha Alla l-ħallieq.

Fis-sena li għaddiet saru madwar 50 miljun abort fid-dinja kollha. L-abort isir daqqa minħabba raġuni u daqqa minħabba oħra u kultant sempliċement għax it-tarbija titqies li hija żejda. Hija x'inhija r-raġuni, l-abort jibqa' dejjem ħażin, jibqa' dejjem qtil ta' ħolqien innoċenti. Ejjew ilkoll kemm aħna ngħidu Le għall-abort, ngħidu Iva għall-ħajja, ukoll meta dan jitlob minnha sagrifiċċji kbar.

Bl-istess mod għandna nifhmu li l-ħajja mhix f'idejna. Ma nistgħux intemmuha meta rridu aħna. Alla biss huwa s-sid tal-ħajja. Għalhekk li wieħed itemm ħajtu jew itemm il-ħajja ta' xi ħadd ieħor għax immankat, għax jidher li ma baqgħalux għalfejn jgħix iżjed, ikun delitt ikrah. L-Ewtanasja hija delitt u tmur kontra l-liġi t'Alla li tgħid: La toqtolx.

Nagħtikom il-barka tiegħi.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, illum 31 ta' Jannar 1990, Festa ta' San Ġwann Bosco.

† Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta.

# QUDDIESA GĦALL-ĠURNALISTI

## Messaġġ ta' Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca

Ħadt gost insir naf li bdiet issir ħidma li trid twassal ghat-tfassil ta' Kodiċi ta' Etika Ġurnalistika. Din hi ħaġa tajba. Dan il-Kodiċi hu mixtieq u meħtieġ ħafna. Nixtieq għalhekk li tingħata kull għajnuna meħtieġa biex dan ix-xogħol jitkompla, jintemm b'suċċess u jkun imħares dejjem minn kulħadd.

Meta aħna nitħaddtu fuq il-gazzetti u fuq il-qasam kollu tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, il-kotra l-kbira tagħna huma mdorrijin jaħsbu u jitħaddtu aktar fuq il-gazzetti u l-aħbarijiet, milli fuq il-ġurnalisti u dawk kollha li għandhom xi responsabbiltà f'dan il-qasam.

Anzi nistgħu ngħidu, li fejn tidħol ittmexxija tal-pajjiż, il-kotra tan-nies jaraw fil-gazzetti l-leaders, il-mexxejja politiċi tagħhom. U kif kull ma jgħidu l-mexxejja politiċi spiss huwa Vanġelu għall-partitarji tagħhom, hekk ukoll il-kotra tal-qarrejja ta' gazzetta ta' kulur politiku tibla' u tniżżel, mingħajr ma tiċċekkja xejn, kull ma taqra fiha. Anzi, ħafna lanqas biss joħolmu li jaqraw gazzetta ta' kulur politiku ieħor biex jisimgħu qanpiena oħra.

### Sitwazzjoni ħażina

Din hija s-sitwazzjoni xejn tajba ta' pajjiżna. Din hija qagħda li minflok ma tfejjaq il-polarizzazzjoni politika li qed tagħmlilna ħafna ħsara u deni, tkabbarha. Din il-qagħda, li twassal għall-fanatiżmu u saħansitra ġġiegħel lill-bniedem iħalli rajh f'idejn ħaddieħor, tikber u toktor kull fejn hemm nuqqas serju ta' edukazzjoni vera.

Mhux biżżejjed li noqogħdu ngergru fuq din il-qagħda u ma nagħmlu xejn aktar ħlief inwaħħlu f'dak u l-ieħor. Ilkoll għandna xi ħtija kbira jew żgħira. Għalhekk ilkoll għandna nagħtu sehemna biex jintrebaħ dan il-ħażin tagħna.

Jiena żgur li intom, ġurnalisti, tridu tkunu minn ta' l-ewwel li tagħtu l-kontribut tagħkom. Tħossu li xi responsabbiltà taqa' wkoll fuqkom u għalhekk tħossu d-dmir li taqdu dejjem aħjar il-missjoni tagħkom ta' ġurnalisti u hekk tgħinu tintrebaħ din il-qagħda ħażina tagħna. Id-dmir tagħkom, bħala ġurnalisti, bħala nsara, jitlob l-ewwelnett li intom, f'dak kollu li tiktbu u xxandru, tirrispettaw dejjem u bla heda d-dinjità tal-bniedem li hija waħda, kemm għall-qarrejja kif ukoll għal dawk li niktbu dwarhom.

Intom għandkom responsabbiltà kbira li tgħożżu u tħarsu dejjem id-dinjità tal-bniedem. Din hi tabilħaqq responsabbiltà tqila għax, kif jaf kulħadd, il-ġurnalist isib ruħu f'ħafna diffikultajiet u problemi. Fost ħwejjeġ oħrajn, dawn jistgħu jkollhom l-għeruq tagħhom f'dak li l-partit politiku jistenna mill-ġurnalisti li jkunu jaħdmu fi ħdanu; f'dak li min iħaddimhom jistenna mill-ġurnalisti; jew f'dak li l-qarrejja jippretendu mill-ġurnalisti. Fl-istess ħin, l-għeruq tal-problemi jistgħu jkunu fil-fatt li l-ġurnalist ma jkunx ingħata edukazzjoni u formazzjoni spiritwali jew ġurnalistika adekwata.

Ġurnalist serju u ta' l-affari tiegħu jaf li meta huwa jikteb jew jagħtu ġudizzju fuq ġrajjiet jew persuni ta' l-imgħoddi jew ta' llum, ikun f'komunikazzjoni u f'konversazzjoni ħajja ma' numru kbir ta' persuni.

Jaf li dak li jikteb jew jgħid se jinfluwenza l-moħħ ta' dawk li jirċevuh, li dawn imbagħad jibdew jaħsbu u wkoll jgħaddu lil ħaddieħor dak li jkunu qraw jew semgħu skond kif ikun wassalulhom il-ġurnalist. Hekk jistgħu jinxterdu b'ħeffa kbira it-tajjeb u l-verità kif ukoll il-ħażen u l-qerq.

## Sinċerità u servizz tajjeb

Din l-influwenza hekk kbira titlob li l-ġurnalist innifsu jkun bniedem sinċier li jrid jaħdem u jirsisti biex il-ħidma tiegħu fost il-qarrejja tkun ħidma ta' servizz tajjeb. Servizz tajjeb jista' jingħata daqskemm il-ġurnalist, barra l-professjonalità, jkun bniedem li jħaddan valuri umani u morali u jħobb u jikkomunika l-verità waqt li jħares il-ġustizzja u l-imħabba tal-proxxmu.

B'servizz tajjeb, wieħed jifhem edukazzjoni vera u tajba lill-istess qarrejja; edukazzjoni li tgħin lill-qarrejja jifhmu li huma jistgħu jkunu ta' ġid għalihom infushom. għall-partit politiku tagħhom u għal pajjiżhom, daqskemm ikunu nies li jagħrfu u jagħżlu t-tajjeb u l-verità mill-ħażin u l-qerq, kif ukoll nies li jridu jirbħu l-ħażin bit-tajjeb.

Trid tkun edukazzjoni li tgħinhom jifhmu l-kruha u l-ħażen tal-fanatiżmu. Trid tkun edukazzjoni li tħeġġiġhom ikunu nies li jafu jaraw u jisimgħu l-opinjonijiet ta' ħaddieħor, waqt li jagħmlu l-għażliet tagħhom u jiddeċiedu fid-dawl ta' kuxjenza libera, iżda formata tajjeb.

Il-ġurnalist ma jkunx qed jagħti din l-edukazzjoni meta jagħti lill-qarrejja – permezz ta' pubblikazzjoni ta' gideb, qerq, tgħawwiġ tal-fatti, nofs veritajiet u interpretazzjonijiet ħżiena – kull ma jixtiequ u jistennew biex jixegħlu aktar lejn il-kulur politiku tagħhom.

Għemil bħal dan huwa ħażin u jfixkel l-iżvilupp, il-kapaċita kritika, tal-qarrejja. Il-ġurnalist nisrani jagħti din l-edukazzjoni meta, huwa u jħares id-dinjità tal-qarrejja, jagħti kull informazzjoni meħtieġa mill-ġid komuni u li tista' tiġi aċċettata moralment, b'mod li jgħin lill-qarrejja jagħrfu wkoll in-nuqqasijiet u l-iżbalji li xi drabi jsiru wkoll fi ħdan il-partit tagħhom.

Il-ġurnalist nisrani għandu wkoll id-dmir li jnissel fil-qarrejja l-kuraġġ li jsejħu ħażin dak li hu ħażin, jikkumbattuh u minflok jwettqu u jkabbru, fost ħwejjeġ oħra, il-ġid komuni qabel il-ġid tal-partit.

Il-qarrejja jridu jkunu edukati jagħmlu din il-kritika kostruttiva biex sehemhom ikun tassew siewi għall-ġid komuni.

## Sagrifiċċji kbar

Din l-edukazzjoni, li hija mistennija u li tiġi wkoll mingħand ġurnalisti serji u nsara, titlob minnhom sagrifiċċji kbar u tista' tikkaġunalhom diffikultajiet u problemi. Fost dawn nistgħu nsemmu li l-ġurnalisti jkunu meħtieġa li jwarrbu kull interess personali tagħhom u kull interess partiġġjan tal-qarrejja jew tal-partit li jaħdmu miegħu.

Madanakollu, nafu li biex inqumu mill-qagħda ħażina tagħna, li tiffavorixxi kull xorta ta' diżordni u strutturi soċjali tad-dnub, jeħtieg inbatu u nagħmlu sagrifiċċji kbar. Din hija t-triq li jeħtieġ ngħaddu minnha, jekk inħobbu tassew lil pajjiżna. Jeħtieġ li nrawwmu nies li, qabel il-partit, iħobbu t-tajjeb u l-verità.

Il-partiti politiċi, il-partiti tagħna, jagħmlu ħażin jekk u meta jorbtu, b'mod jew ieħor, lill-ġurnalisti ma' l-interess tal-partit – jiġifieri jorbtuhom li, akkost ta' kollox, jgħidu u jiktbu biss skond kif jaqbel lill-partit. Jekk isir dan, minflok iħarsu d-dinjità tal-bniedem, ikunu jiċħdulu l-libertà tal-kuxjenza u jużaw

jew jinqdew bil-ġurnalisti u bil-qarrejja għall-interessi tagħhom.

Meta l-interess tal-partit jitqiegħed qabel id-dinjità tal-bniedem jista' jigri li ninsew saħansitra li d-dritt tal-bniedem għad-dinjità tiegħu jiġu qabel id-dritt li għandu għall-informazzjoni.

Ikun ksur gravi tad-dinjità tal-bniedem u tad-drittijiet tiegħu, jekk u meta l-ġurnaliżmu f'pajjiżna jinżel f'livelli baxxi u kull meta xi ġurnalist, kif ukoll kull persuna responsabbli tal-gurnali jew mezzi oħra ta' komunikazzjoni soċjali, għall-gwadann politiku jew ta' sura oħra, jonfħu jew ifissru b'mod li mhux moralment aċċettabbli, vizzji jew żbalji umani.

Ikun ksur xejn anqas gravi tad-dinjità tal-bniedem, jekk għal raġuni jew oħra, ikun hemm min ikompli fuq l-iżball ta' ħaddieħor u jinżel fl-istess livell baxx ta' ġurnaliżmu. Żball ma jissewwiex bi żball ieħor.

## Il-ħajja privata ta' persuni pubbliċi

Id-dinjità tal-bniedem titlob li l-ħajja privata tiegħu għandha tkun dejjem imħarsa. Din ukoll trid tkun id-direzzjoni ġenerali fil-każ ta' żbalji privati minn persuni li ghandhom xi kariga pubblika. Fil-każ ta' persuni pubbliċi, huwa fl-interess tal-pajjiż u tal-ġid komuni li l-poplu jkun jaf f'min iqiegħed il-fiduċja tiegħu. Għalhekk il-poplu għandu dritt jingħata informazzjonijiet li bihom jagħraf jekk ikunx għadu sewwa li jibqa' jkollu fiduċja f'xi persuna pubblika.

Madankollu, mhux kull mod ta' informazzjoni huwa aċċettabbli moralment. Id-diċenza umana tordnalna nwarrbu kull sensazzjonaliżmu, kull enfasi, kull dettal, kull kelma żejda li tista' tkasbar jew iċċajpar id-dinjità tal-bniedem. Dan igħodd aktar u aktar meta l-persuna pubblika, b'mod jew ieħor, tkun ħarġet mill-ħajja pubblika. F'każi bħal dawn huwa aktar in-nuqqas, milli l-ħafna prudenza li jagħmel ħsara kbira.

Edukazzjoni tajba mill-istess ġurnalisti lill-qarrejja tal-gazzetta tagħhom, tħalli l-frott u tgħin l-istess ġurnalisti fil-qadi serju ta' dmirhom. Il-qarrejja stess jifhmu u jitolbu mill-ġurnalisti, li jagħtuhom materjal li jirrispetta d-dinjità tagħhom ta' bnedemin u jġib 'il quddiem il-verità, il-ġustizzja u l-imħabba tal-proxxmu, kif ukoll il-ġid tagħhom infushom, tal-partit tagħhom u ta' l-istess pajjiżhom.

Nhar it-tifkira liturġika ta' San Franġisk De Sales, Patrun tal-Ġurnalisti

Istitut Kattoliku, il-Furjana
23 ta' Frar 1990.

# FESTA TAL-KANDLORA 1990
## MESSAĠĠ TA' MONS. ARĊISQOF ĠUŻEPPI MERCIECA

F'dan iċ-ċelebrazzjoni tal-lejla, qegħdin infakkru l-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju. Għal din l-okkażjoni hawn migburin flimkien il-kappillani kollha ta' Malta, hawn ukoll rappreżentanti tal-komunitajiet parrokkjali.

Il-kappillani, li joffru xemgħa lill-Isqof bħala turija ta' l-għaqda tagħhom miegħu, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-komunitajiet parrokkjali, bl-għotjiet sbieħ tagħhom b'riżq id-djar tat-tfal, igħinuna ħafna biex nifmu aħjar il-messaġġ li trid twasslilna l-ġrajja tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju.

Ġesù erbgħin jum wara t-twelid tiegħu, ġie ippreżentat fit-tempju minn Marija, u minn Ġużeppi. Din il-ġrajja turina l-ħerqa kbira ta' Ġesù li jiltaqa' mal-poplu tiegħu. Ried jiltaqa' mal-poplu tiegħu biex permezz tad-dawl tiegħu, jgħinu joħroġ mid-dlamijiet li kien igħix fihom. Ġesù ried jiltaqa' mal-poplu tiegħu biex jurih it-triq li twassal għall-verità, għall-ħajja li tixraq lill-bniedem li ġie maħluq xbiha ta' Alla.

### Id-dawl tal-ġnus

Bil-Preżentazzjoni tiegħu fit-tempju, Ġesù stqarr fil-beraħ li hu d-dawl li jdawwal il-ġnus kollha ta' kull żmien. U għax huwa d-dawl tagħna, Ġesù jrid li jidħol fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Irid li aħna nħalluh igħix u jaħdem fina biex bl-għajnuna tiegħu fil-ħajja tagħna nagħmlu għażliet li jixirqu lid-dinjità tagħna, jiġifieri jkollna imġiba tajba ma' Alla u mal-proxxmu, kif ukoll li nħobbu u ngħożżu valuri li jaqblu mar-rieda ta' Alla.

Huwa dan id-dawl, huwa Ġesù nnifsu, li rridu nilmħu fid-dawl tax-xemgħat, li għandhom f'idejhom il-kappillani. Il-ħerqa ta' Ġesù li jidħol fil-ħajja ta' kull wieħed minna rridu wkoll nilmħuha fil-ħerqa, fl-impenn tal-kappillani tagħna, li f'għaqda ma' l-Isqof tagħhom, iridu jwasslu 'il Ġesù lill-bniedem u lis-soċjetà ta' llum.

Din hija ħidma sabiħa, iżda hija wkoll ħidma iebsa. Kull kappillan iħoss it-toqol ta' dan l-apostolat quddiem il-materjaliżmu u konsumiżmu li daħal fostna; quddiem min bidel il-fidi Kattolika u sar membru attiv f'setta jew oħra; quddiem min igħid li l-Knisja ma tafx timxi maż-żminijiet; u quddiem min tbiegħed mill-fidi f'Alla, mill-Knisja u mis-sagramenti.

Bħala eżempju nistgħu nsemmu li f'din l-okkażjoni, il-poplu Malti, sena wara oħra, jagħti wirja ta' l-imħabba, tal-ġenerożità tiegħu lejn dawk kollha li jenħtieġu l-għajnuna. Jiena minn qalbi rrid inrodd ħajf lill-poplu Malti u nitlob lill-Mulej ibierek dejjem il-ġenerożità tiegħu. Il-poplu Malti, din is-sena wkoll, f'anqas minn xahar offra għajnuna ta' eluf ta' liri kemm lil ħutna l-Maltin, kif ukoll lil ħutna barranin, bħal dawk fir-Rumanija. Iżda din l-imħabba lejn ħaddieħor hija nieqsa fil-ġranet ta' kuljum, fost ħwejjeġ oħrajn ma' min naħsbu li għamlilna xi deni jew mhux tal-kulur politiku tagħna.

### Ħidma iebsa li titlob kuraġġ

Il-ħidma tal-Kappillani biex iwasslu lil

Ġesù fil-ħajja tal-bniedem hija dejjem ħidma iebsa. Iżda fiż-żminijiet ta' llum, din id-diffikultà hija akbar, meta ħafna huma dawk li jħossu li ma jistgħux ikollhom fiduċja f'xejn u f'ħadd.

Il-ħidma tagħkom, bħala kappillani, hija iebsa iżda ma rridx li tħallu l-biża' jaħkimkom. Ħarsa ħafifa lejn il-parroċċi tagħna tħeġġigkom timxu 'l quddiem b'kuraġġ. Il-parroċċi tagħna huma minjiera kbira ta' ħidma pastorali, b'risq kull kategorija ta' nies; tfal, żgħażagħ, għarajjes, ħaddiema, miżżewġin, anzjani, morda, ħandikappati, kif ukoll nies bi problemi soċjali u morali.

Ta' dan kollu nroddu ħajr 'l Alla, li minnu ġej kull ġid. Ngħid grazzi lilkom ukoll, maħbubin kappillani, li magħkom ngħix mill-qrib it-taħbit u l-konsolazzjonijiet tal-ħidma pastorali tagħkom. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil ħutna saċerdoti l-oħra li jgħinukom fil-ħidma pastorali tal-parroċċa tagħkom. Grazzi wkoll mill-qalb lilkom, lajċi impenjati fil-kunsilli parrokkjali, kummissjonijiet, għaqdiet, movimenti u fl-appostolat individwali.

Dan ma jfissirx li ma hemmx affarijiet li wieħed irid ikompli jaħdem fuqhom u jirranġahom. Biżżejjed insemmu l-edukazzjoni u l-kura ta' l-adoloxxenti wara li jirċievu s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof; l-għajnuna pastorali lil dawk li ż-żwieġ tagħhom tfarrak u lil ommijiet mhux miżżewġin; il-koordinament fil-ħidmiet pastorali; u l-għaqda pastorali 'l bogħod mill-piki u l-firdiet.

Dawn huma xi ftit mill-affarijiet li rridu naħdmu aktar fuqhom, iżda mingħajr ma nieqfu fihom. Min irid jibni, filwaqt li jżomm quddiem għajnejh in-nuqqasijiet, irid, iħares 'il quddiem u jinkuraġġixxi l-bini fuq it-tajjeb.

Għedt li qegħdin ngħixu żminijiet iebsa, iżda huma wkoll żminijiet importanti; aktar u aktar għax il-bniedem ta' llum qed iħoss li t-tkattir tal-ġid materjali waħdu, kif ukoll il-progress fix-xjenza u t-teknoloġija waħdu, ma tawhx dik l-hena li kien jistenna għax kienu wegħduhielu.

Il-bniedem sar għandu aktar iżda ċċekken u tfaqqar f'dak kollu li hu ta' valuri fil-ħajja - il-ferħ ta' l-imħabba, tal-familja, tal-mistrieħ u s-sliem. Il-bniedem qed iħoss li jeħtieġ ikollu xi ħaġa oħra li ma jistax jiksibha b'idejh jew jixtriha bil-flus. Iħoss il-ħtieġa ta' l-Assolut. Nistgħu ngħidu li jekk jidher li l-bniedem qatt daqs illum ma tbiegħed minn Alla, daqshekk ieħor qatt ma ħass daqs kemm qed iħoss illum il-bżonn ta' Alla. Il-bniedem modern iħoss li hu jista' jikseb rispett minnu nnifsu u minn ħaddieħor għal ħajtu u d-drittijiet fundamentali tiegħu, daqskemm Alla jidħol u jgħix fil-ħajja tal-bniedem.

## Żmien li għad irid iwarrad

Żmienna hu żmien li fih ix-xewk, iżda huwa wkoll żmien li għad irid iwarrad.

Dan huwa żmien tajjeb, għalkemm iebes. Wasslu għalhekk dejjem il-Vanġelu sħiħ u wassluh fi kliem li jistgħu jifhmuh il-bnedmin ta' llum biex Ġesù jkun jista' jidħol fil-ħajja tagħna u jmexxina. Dawwlu n-nies tal-parroċċa tagħkom bl-eżempju tal-ħajja ta' Kristu u bit-tagħlim soċjali tal-Knisja biex isiru sensibbli għat-tbatijiet soċjali li ta' spiss iġarrab il-bniedem ta' llum.

Aqraw, studjaw u irriflettu intom stess fuq dan it-tagħlim biex tkunu tistgħu ddawwlu aħjar lill-lajċi, li jikkontribwixxu għall-bini tal-Knisja u għal soċjetà li tagħraf id-dinjità tal-bniedem. Għinu lill-lajċi jkollhom formazzjoni Nisranija; uruhom il-fiduċja tagħkom u ħeġġuhom ikunu appostli ta' żminijietna,

leaders fl-oqsma kollha tal-ħajja, inklużi dawk soċjali u politiċi.

Għidulhom ma jaħarbux mid-dinja, imma fi djalogu mad-dinja bl-istess rispett għal xulxin, kif Alla għandu lejna l-bnedmin u hekk tgħinuhom jaslu għall-konvinzjonijiet tagħhom.

Il-ħidma hija iebsa, iżda agħmlu kuraġġ. Ġesù jgħinkom tifhmu s-sinjali taż-żminijiet; fil-waqt li tħossu l-limitazzjonijiet tagħkom, afdaw dejjem fil-qawwa tal-Kelma ta' Alla u fit-tmexxija tal-Knisja biex flimkien nibnew f'poplu ta' Alla, li jħobb u jaħdem tassew għall-għaqda ma' Alla u bejnietna.

Kunu ottimisti. Dan tistgħu tagħmluh aktar ma tkunu nies ta' talb u ta' sagrifiċċju, aktar ma tkunu nies li għandhom fiduċja f'Alla u nies ta' Alla.

Mhux bilfors li wieħed jasal biex jara r-riżultat tal-ħidma tajba tiegħu. Iżda aħna lkoll, li naħdmu id f'id ma' Alla, jeħtieġ li nkunu sereni, kemm quddiem is-suċċess kif ukoll quddiem in-nuqqas ta' suċċess. Aħna nkunu saċerdoti ħienja kull meta nistgħu ngħidu lil Alla u lilna nfusna bis-sinċerità: aħna qaddejja inutli.

Kon-Kattidral Ta' San Ġwann
5 ta' Frar 1990

Ċirkolari Nru. 225

# ĠABRA GĦALL-KARITÀ - 1990

Għal ħafna snin kienet daħlet id-drawwa, fl-Arċidjoċesi tagħna, li qrib il-festa tal-Gandlora ssir ġabra ta' flus u oġġetti b'riżq id-DJAR TAT-TFAL li l-Knisja għandha f'Malta. Imbagħad, rappreżentanti minn kull Parroċċa, flimkien mal-Kappillani, f'Jum qrib il-Gandlora kienu jagħmlu offerta simbolika lil Monsinjur Arċisqof fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, li kien jirċivihom f'isem dawn it-tfal kollha li l-Knisja tieħu ħsiebhom b'tant imħabba f'dawn id-Djar.

Barra minn hekk, erba' darbiet matul is-sena kien isir ġbir taħt forma jew oħra favur is-Segretarjat Ċentrali Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika.

Il-Konferenza Episkopali Maltija dan l-aħħar ordnat li waqt il-Quddies tal-Ħdud issir ġabra waħda biss fis-sena għall-Karità. Ġie deċiż li f'Malta din is-sena l-ġabra għall-Karità ssir fil-Quddies tas-Sibt 20 u l-Ħadd 21 ta' Jannar, u li l-flus li jinġabru din is-sena jitqassmu bejn id-diversi Djar tat-Tfal u s-Segretarjat Ċentrali Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika.

Peress li se ssir ġabra waħda biss ta' flus fil-Quddies, nappellaw lil kulħadd biex minn dak li Alla ipprovdielna nkunu kemm jista' jkun ġenerużi ma' dawn it-tfal u żgħażagħ u ma' ħutna li jinsabu aktar fil-bżonn minna. Ma ninsewx li l-Mulej iqis bħala magħmul lilu dak kollu li nagħmlu ma' ħutna, speċjalment dawk li l-aktar jinħtieġu l-għajnuna tagħna.

Barra minn din il-ġabra waqt il-Quddies, fl-istess ġranet fil-knejjes kollha għandhom jitħejjew kaxxi fejn kull min jixtieq ikun jista' jqiegħed oġġetti ta' ikel jew oġġetti oħra utli għad-Djar tat-Tfal tal-Knisja. L-oġġetti hekk miġbura jkunu destinati għal dawk id-Djar li jiġu indikati lil kull Parroċċa u knisja, mill-Uffiċċju Ċentrali tad-Djar tat-Tfal; u parti minnhom, flimkien mal-flus li jkunu nġabru, joffruhom il-Kappillani u r-rappreżentanti tad-diversi parroċċi lil Monsinjur Arċisqof fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann waqt il-Quddiesa li se jiċċelebra nhar it-Tnejn 5 ta' Frar fis-6.00 p.m.

* * *

# JUM DINJI TAL-HANSENIANS

Il-Ħadd, 28 ta' Jannar, jinżamm bħala l-"Jum Dinji tal-Hansenians", ta' dawk minn ħutna milqutin minn marda li jmissha ilha li nqerdet mid-dinja.

Fit-talba tal-Fidili tal-Quddies tas-Sibt 27 u tal-Ħadd 28 ta' Jannar għandha tiżdied din l-invokazzjoni: "Għin, Mulej, lil ħutna, vittmi tal-miżerja li d-dinja kollha llum qegħda tfakkar, fil-bżonnijiet kollha tagħhom, u lilna aħfrilna jekk m'aħniex inħalluhom jieħdu sehem sħiħ magħna fil-ġid u fl-imħabba li għoġbok tagħtina".

Mogħtija mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 9 ta' Jannar 1990.

Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Philip Calleja
*Kanċellier*

Ċirkolari Nru. 226

# RANDAN 1990

Riesaq ir-Randan. Ġej fuqna mill-ġdid żmien ta' grazzji. Żmien ta' tiġdid u ta' tisħiħ tal-ħbiberija tagħna ma' Alla u bejnietna l-bnedmin. U dan, l-aktar bit-tweġiba tagħna għall-Kelma ta' Alla, fi spirtu ta' penitenza u ta' mħabba lejn il-proxxmu li bih inwieġbu għas-sejħat li Alla Missierna jagħmlilna bil-grazzji tiegħu.

Inħajru lil ħutna fil-Fidi biex, matul ir-Randan, jagħmlu ħilithom biex jisimgħu aktar il-Kelma ta' Alla. Dan nistgħu nagħmluh billi nagħmlu sforz akbar biex naqraw il-Kotba Mqaddsa, nieħdu sehem fil-Quddies ta' kuljum, immorru għall-eżerċizzi.

Infakkru wkoll li nhar l-Erbgħa, 28 ta' Frar, Ras ir-Randan, u nhar il-Ġimgħa l-Kbira, kull min għandu 18-il sena u għadu ma daħalx fis-60 sena u mhux skużat minn raġuni serja, għandu l-obbligu li jsum; u li kull min għalaq l-14-il sena huwa fid-dmir li jastjeni milli jiekol laħam jew xi ikel ieħor li jogħġbu ħafna.

Barra minn hekk, biex nipprattikaw l-ispirtu ta' penitenza matul iż-żmien kollu tar-Randan f'għaqda ma' ħutna l-oħra fil-Fidi, għandna nagħmlu xi ħaġa mill-opri tajba imsemmijin hawn taħt, skond in-normi tal-Konferenza Episkopali Maltija:

a) nieħdu sehem fil-Quddies ta' nhar ta' xogħol;
b) nastjenu minn xorb alkoħoliku;
c) ma npejpux;
d) niċċaħħdu minn xi divertiment;
e) nagħmlu l-Via Sagra;
f) nitolbu aktar mal-familja, bħar-Rużarju;
ġ) naqraw il-kotba Mqaddsa;
h) innaqqsu l-infiq u nagħtu karità lil min hu fil-bżonn;
i) inżuru l-morda jew xjuħ li huma waħedhom.

Din is-sena, il-Qdusija Tiegħu l-Papa fil-Messaġġ tiegħu għar-Randan talabna biex ngħinu lil ħutna rifuġjati li jgħoddu miljuni f'ħafna bnadi tad-dinja. Qalilna: "Fittxu li tgħinu kif tistgħu u kemm tistgħu lil ħutna r-rifuġjati billi tilqugħhom fostkom u wassluhom għal tisħib sħiħ fil-ħajja ta' kuljum tas-soċjetà tagħkom".

B'dak li nfaddlu bħala frott tas-sagrifiċċji tagħna matul ir-Randan għandna ngħinu lil ħutna fil-bżonn. Monsinjur Arċisqof iħeġġiġna biex għallinqas parti minn dawn il-flus nagħtuha lill-Fond favur ir-Refuġjati li s-Segretarjat Emigrazzjoni u Turiżmu qed iniedi bi tweġiba għall-appell tal-Papa. Dan is-Segretarjat għandu l-Uffiċċju tiegħu f'Dar l-Emigrant, il-Belt Valletta.

Nieħu din l-okkażjoni biex ngħarrafkom li l-pelleġrinaġġi penitenzjali li s-soltu jmexxi Monsinjur Arċisqof matul ir-Randan, din is-sena sejrin isiru f'dawn il-jiem u lokalitajiet:

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħadd | 4 ta' Marzu | Ħaż-Żabbar (Ħadd in-Nies) |
| Il-Ġimgħa | 9 ta' Marzu | Ħal Kirkop |
| Il-Ġimgħa | 16 ta' Marzu | Il-Fgura |

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġimgħa | 23 ta' Marzu | L-Isla (Redentur) |
| Il-Ġimgħa | 30 ta' Marzu | Il-Mellieħa |
| Il-Ġimgħa | 6 ta' April | Valletta (Id-Duluri) |

Kulħadd, iżda speċjalment in-nies tal-Parroċċi imsemmijin u qribhom, huma mistednin jieħdu sehem f'dawn il-pellegrinaġġi.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum 19 ta' Frar 1990.

Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Alfred Muscat
*Aġent Kanċellier.*

*   *   *

Ċirkolari Nru. 227

## JUM L-GĦAQDIET U JUM IL-ĦANDIKAPPATI 1990

Fil-Quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 3 u 4 ta' Marzu, nitlobkom ġentilment tavżaw li nhar il-Ħadd, 11 ta' Marzu ser jinżamm Jum l-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi.

Dakinhar is-Segretarjat tal-Lajċi, flimkien mal-FORUM ta' l-Għaqdiet u Movimenti ta' l-Apostolat tal-Lajċi u mal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, se jorganizza laqgħa għall-membri kollha ta' l-Għaqdiet fl-Auditorium tad-Dar Ċentrali tal-MUSEUM, Blata l-Bajda, mit-3.30 p.m. sas-6.00 p.m. Biex din il-laqgħa tħalli l-frott mixtieq, fit-Talba tal-Fidili tal-Quddies tas-Sibt filgħaxja u tal-Ħadd, 10 u 11 ta' Marzu, flok ir-raba' invokazzjoni tingħad din:

"Wettaq, Mulej, bil-grazzja tiegħek lil dawk kollha li huma msejħin fl-Għaqdiet u Movimenti ta' l-Apostolat tal-Lajċi biex bl-imġieba, bil-kliem u bil-ħidma tagħhom jagħtu xhieda ta' ħajja nisranija fid-dinja."

Fil-Quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 17 u 18 ta' Marzu nitlobkom tavżaw li dak il-Ħadd ser jinżamm "Jum il-Ħandikappati". Fit-talba tal-Fidili ta' dawk il-jiem għandha tiżdied din l-invokazzjoni:

"Żomm fi ħsiebek lil ħutna l-ħandikappati u għinna nuruhom l-imħabba kollha tagħna għalihom billi nagħmlu kull ma nistgħu biex ikollhom il-post li hu dritt tagħhom fis-Soċjetà u fil-Knisja."

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 27 ta' Frar 1990.

Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Alfred Muscat
*Aġent Kanċellier*

Ċirkolari Nru. 228

# ĠIMGĦA TA' SAGRIFIĊĊJU 1990

Kif ġie mħabbar b'Ċirkolari tal-Kurja tad-9 ta' Jannar li għadda, minn din is-sena '1 quddiem se tibda ssir ġabra fil-knejjes f'Ħadd wieħed biss tas-sena favur il-ħidmiet ta' Karità fl-Arċidjoċesi. Din is-sena, l-ġabra saret nhar is-Sibt u l-Ħadd, 20 u 21 ta' Jannar 1990.

Għalhekk mhix se ssir aktar il-ġabra speċjali għall-Fond ta' l-Assistenza soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika li kienet issir bħala parti mill-"Ġimgħa ta' Sagrifiċċju" li l-Azzjoni Kattolika Maltija torganizza kull sena għal dawk li jinsabu fi bżonn materjali.

B'danakollu, l-Azzjoni Kattolika se tkompli torganizza din il-"Ġimgħa ta' Sagrifiċċju" mill-Ġimgħa magħrufa f'Malta bħala tad-Duluri tal-Madonna sa nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

Nixtiequ nħeġġu lil ħutna fil-Fidi biex, matul din il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju, bil-kontribuzzjonijiet tagħhom igħinu mill-aħjar li jistgħu lis-Segretarjat Assistenza Soċjali biex ikun jista' jaqdi d-diversi ħidmiet li għandu favur ħutna fil-bżonn. Tkun tassew ħaġa sabiħa jekk dawn l-għotjiet ikunu frott ta' sagrifiċċju li nagħmlu matul l-istess ġimgħa bħala parti mill-ħarsien tagħna tar-Randan.

Fil-knejjes kollha tagħna għandu jkun hemm kaxxi, b'indikazzjoni "Ġimgħa ta' Sagrifiċċju", li fihom nistgħu nqegħdu l-kontribuzzjonijiet tagħna għal dan l-iskop, jekk inkunu nixtiequ ninqdew b'dan il-mod biex inwasslu l-offerta tagħna.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 26 ta' Marzu 1990.

Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Alfred Muscat
*Aġent Kanċellier*

Ċirkolari Nru. 229

## L-EWWEL TA' MEJJU 1990

Nhar it-Tlieta, 1 ta' Mejju, il-Knisja bħas-soltu tiċċelebra l-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem.

Mons. Arċisqof, permezz ta' din iċ-Ċirkulari, irid jistieden lill-ħaddiema biex dakinhar jiltaqgħu miegħu fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, għal Quddiesa li tibda fl-10 a.m. Din is-sena din il-Quddiesa għandha tifsira speċjali għall-ħaddiema Maltin, billi se niċċelebrawha flimkien, ftit granet biss qabel il-laqgħa li l-ħaddiema se jkollhom mal-Papa.

Għalhekk il-motto li ntagħżel għal din is-sena huwa: ĦADDIEMA QALB WAĦDA MAL-PAPA. Dan il-motto jfittex li l-ewwel igħaqqad lilna qalb waħda bejnietna. Imbagħad flimkien ningħaqdu mal-Papa. Aħna ċerti li l-Papa stess fit-thejjija tiegħu biex jiġi fostna, diġà jħossu wkoll ħafna qalb waħda mal-ħaddiema Maltin.

* * *

## ĠIMGĦA TA' TALB GĦAL ĦUTNA FIL-ĦABS

L-Għaqda Internazzjonali "Prison Fellowship" qegħda torganizza ġimgħa ta' talb bejn id-29 ta' dan ix-xahar u s-6 ta' Mejju għall-bżonnijiet ta' dawk minn ħutna li jinsabu fil-ħabs jew ħarġu mill-ħabs u għall-familji tagħhom, għall-Kappillani u uffiċjali tal-ħabs u għal kull min jagħti xi servizz fil-ħabs, kif ukoll għal kull min safa vittma ta' xi att kriminali.

Barra mit-talb privat għal dawn ħutna, tkun ħaġa sabiħa li meta niltaqgħu bħala familja t'Alla għall-Quddies ta' nhar ta' Ħadd u ta' nhar ta' xogħol bejn il-ġranet imsemmija, fit-Talba tal-Fidili tiżdied invokazzjoni waħda minn dawk li qegħdin jintbagħtu ma' din iċ-Ċirkulari. Tkun ħaġa xierqa wkoll li fis-Siegħa Adorazzjoni li ssir il-Ħamis jew il-Ġimgħa, 3 jew 4 ta' Mejju, isiru riflessjoni u talb dwar il-bżonnijiet ta' dawk li għalihom tiġi organizzata din il-ġimgħa ta' talb.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 23 ta' April 1990.

Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Alfred Muscat
*Aġent Kanċellier*

***Invokazzjonijiet għat-Talba tal-Fidili biex jintużaw matul il-"ġimgħa ta' talb għal ħutna fil-ħabs".***

- Għall-ħabsin, biex isiru jafu bl-imħabba ta' Alla għalihom, ikollhom ix-xewli jmorru warajh, u jafdaw fil-qawwa li tiġi minnu, tul żmienhom fil-ħabs;
- għal dawk li jinsabu l-ħabs f'pajjiż mhux tagħhom, biex iħossu li Alla hu magħhom bl-imħabba u l-faraġ tiegħu, huma u jinsabu f'art barranija;
- għal dawk li xi darba kienu l-ħabs, biex isibu x-xogħol, fejn joqogħdu, u min jilqagħhom bi spirtu nisrani;

- għall-familji tal-ħabsin biex iħossu li hemm Alla magħhom, waqt li xi ħadd minnhom jinsab il-ħabs, u jsibu l-għajnuna u s-solidarjetà tal-komunità nisranija li fiha jgħixu;
- għall-gwardjani tal-ħabs biex juru mogħdrija mal-priġunieri, u jqisu kull wieħed minnhom bħala persuna li għandha d-dinjità u s-siwi tagħha;
- għall-kappillani tal-ħabs biex Alla jinqeda bihom ħa jwasslu tama u dawl lil dawk kollha li jinsabu fil-ħabs;
- għall-gvernijiet u għal dawk kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex ifittxu d-dawl minn għand il-Mulej huma u jfasslu l-liġijiet tal-pajjiż u jaqtgħu s-sentenzi fil-qrati;
- għall-insara kollha biex jagħtu widen għas-sejħa tal-Mulek li jistedinna naqdu l-foqra, il-morda u l-ħabsin.

Ċirkolari Nru. 230

# JUM L-ART IMQADDSA 1990

Aħna lkoll nagħrfu u ngħożżu li l-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa hi waħda għażiża għall-Knisja kollha. F'dik l-Art mhux biss seħħew l-akbar ġrajjiet tal-Fidwa, imma sallum hemm preżenza ħajja ta' Insara li jagħtu xhieda ta' l-Evanġelu fl-istess artijiet li fihom twieled il-messaġġ nisrani.

Il-Knisja fdat uffiċċjalment il-ħarsien ta; din il-Missjoni f'idejn il-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Huwa jieħdu ħsieb is-santwarji għeżież tal-Fidwa, fosthom ta' Betleħem u tal-Qabar ta' Kristu, u ta' l-eluf ta' pellegrini li jżuruhom kull sena. Imexxu wkoll opri soċjali u ta' karità b'risq l-Insara tal-post, li ħafna drabi huma f'minoranza u jbatu minn diskriminazzjoni li ssir kontrihom. Fost dawn l-opri għandhom orfanatrofji, djar għar-rifuġjati u għall-anzjani, skejjel, ċentri parrokkjali u kliniċi. L-unika għajnuna għalihom tiġi mill-offerti li aħna, ħuthom Insara, mid-dinja Kattolika kollha minn qalbna noffru għal din il-Missjoni speċjali.

Il-Konferenza Episkopali Maltija ddeċidiet li Jum il-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa, u l-ġabra li s-soltu kienet issir fil-Parroċċi fi Ħdud differenti, jibdew isiru f'Ħadd wieħed fil-Parroċċi u knejjes kollha. Din is-sena dan il-Jum se jinżamm nhar l-20 ta' Mejju.

Għalhekk, il-ġbir li jsir fil-Quddies kollu tas-Sibt u l-Ħadd, 19 u 20 ta' Mejju, imur għal din il-Missjoni għażiża u jintbagħat permezz tar-rappreżentant uffiċċjali tagħha f'Malta li hu l-Patri Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa.

Aħna ċerti li, kif ħutna ifl-Fidi wrew ruħhom ġenerużi fl-offerti tagħhom għaż-Żjara tal-Papa f'pajjiżna, f'din il-ġabra jagħtu wkoll b'imħabba u ġenerosità is-sehem tagħhom minn dak li Alla pprovdielhom biex jgħinu lil ħuthom fil-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa. Dan ikun skond ix-xewqa tal-Papa li diversi drabi tkellem dwar il-qagħda mwiegħra ta' ħutna Insara fil-Palestina, l-Art li fiha twieldet il-Kelma t'Alla bħala Bniedem.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum.

Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Alfred Muscat
*Aġent Kanċellier*

**N.B.** 1. Qed jintbagħtu żewġ 'posters' biex jitwaħħlu fin-Notice Boards tal-knejjes.
2. Il-ġabra tinbagħat sħiħa lir-Rev. Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa, 291 Triq San Pawl, Valletta, direttament.
Jintbagħtu riċevuta tal-ġabra u rendikont lill-Knejjes kollha.

Ċirkolari Nru. 231

# ISTRUZZJONIJIET DWAR IŻ-ŻJARA TAL-PAPA F'PAJJIŻNA

Inti mitlub tinnota dawn l-istruzzjonijiet dwar ċelebrazzjoni ta' Quddies u tiżjin estern fl-okkażjoni taż-żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II f'pajjiżna.

Din iċ-Ċirkulari mhix intiża biex tinqara fil-knejjes, iżda biex tiggwidak u wkoll biex tintuża fid-diskrezzjoni tiegħek għall-avviżi opportuni.

## I. Quddies

1. Barra mill-każ ta' ċelebrazzjoni ta' Quddies ta' tiġijiet li diġà kienu ġew stabbiliti, m'għandux jiġi ċelebrat Quddies għall-pubbliku filgħaxija nhar il-Ġimgħa u nhar il-Ħadd, 25 u 27 ta' Mejju.

2. Barra mill-każ ta' ċelebrazzjoni ta' Quddies ta' tiġijiet li diġà kienu ġew stabbiliti, nhar is-Sibt, 26 ta' Mejju, m'għandux jiġi ċelebrat Quddies ieħor fil-għaxija jekk mhux wara t-tmienja (8.00 p.m.), f'dawk il-knejjes fejn is-soltu jiġi ċelebrat Quddies is-Sibt fil-għaxija, u dan skond il-ġudizzju tiegħek dwar il-ħtieġa ta' Quddies f'dan il-ħin.

3. Fil-knejjes tal-Kottonera u tal-Kalkara li fihom soltu jsir Quddies is-Sibt filgħaxija, għandha tiġi ċelebrata Quddiesa nofs siegħa wara li tintemm il-laqgħa tal-Qdusija Tiegħu l-Papa mal-ħaddiema.

4. Il-fidili għandhom jiġu informati b'dawn l-arranġamenti.

## II. Dekorazzjonijiet Esterni – Minn nhar il-Ħadd 20 ta' Mejju

**a. Knejjes Parrokkjali**
Ikun hemm erba' antarjoli bil-bnadar Maltin u tal-Papa ħdejn il-bieb maġġur tal-Knisja Parrokkjali.
Jittajru l-bnadar bħal nhar il-festa tal-Patrun/a tal-Parroċċa.

**b. Il-Knejjes l-oħra**
Jittajru l-bnadar fuq il-knejjes l-oħra kollha bħal fil-festa titulari.

c. **Djar tal-Knisja.** Il-faċċati taċ-Ċentru Parrokkjali, Istituzzjonijiet, Djar ta' l-Għaqdiet jiġu dekorati b'mod xieraq u li jindika ferħ, rispett u rabta mal-Vigarju ta' Kristu.

d. **Il-Każini u l-parruċċani** jiġu mistiedna jtellgħu l-bnadar bħal fl-okkażjoni ta' festa u jdendlu poster bl-immaġini tal-Papa mal-gallerija.
Il-ħwienet jiġu mistiedna jwaħħlu poster bl-immaġini tal-Papa u kliem ta' merħba.

e. **It-toroq** minn fejn igħaddi l-Papa jixraq li jkunu dekorati b'bandieri, posters, streamers, festuni eċċ.

## III. Dwal

**Il-Knejjes Parrokkjali u filjali u tar-Reliġjużi** jixgħelu possibilment il-faċċata u l-koppla nhar il-Ħadd 20, u nhar il-Ħamis, Ġimgħa, Sibt u Ħadd 24, 25, 26 u 27 ta' Mejju. Nhar it-Tnejn, Tlieta u Erbgħa 21, 22 u 23, fejn hemm, jinxtegħel ir-rożun u s-salib.

Id-Djar tal-Knisja, il-każini u d-djar privati jiġu nkoraġġiti jixgħelu bejn nhar il-Ħamis u nhar il-Ħadd 24-27 ta' Mejju 1990.

**Nhar is-Sibt, 26 ta' Mejju, fil-għaxija ssir fjakkolata.**

## IV. Qniepen

Nhar il-Ħamis 24, fil-għaxija (possibilment bejn it-7.45 u t-8.00 p.m.) kull knisja ddoqq mota ta' kwarta biex tħabbar il-miġja tal-Papa.

Nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Mejju, fl-4.00 p.m., kull knisja ssellem lill-Papa mal-wasla tiegħu fl-ajruport ta' Ħal Luqa b'mota ta' kwarta.

Jindaqqu moti ta' kwarta fit-8.00 a.m., f'nofs inhar u fit-8.00 p.m. nhar il-Ġimgħa, Sibt u Ħadd, 25, 26 u 27.

## V. Il-Parroċċi li minnhom jew ħdejhom se jgħaddi l-Papa

Il-kappillan ifittex li flimkien mas-saċerdoti, kunsill parrokkjali u Għaqdiet, isellmu lill-Papa hu u għaddej.

Għandhom jiġu mistiedna jingħaqdu magħhom b'mod organizzat it-tfal, morda/anzjani u l-membri l-oħra tal-Parroċċa.

F'xi postijiet jistgħu jintużaw il-baned jew jindaqqu fanfarri. Ta' min jinkoraġġixxi galjardetti, bandalori, bnadar, streamers u placards.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 9 ta' Mejju 1990.

Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Alfred Muscat
*Aġent Kanċellier*

Ċirkolari Nru. 232

# ĊELEBRAZZJONIJIET TA' BARKA

Monsinjur Arċisqof inkarigani niġbed l-attenzjoni tiegħek għal dak li hemm fil-ħames taqsima tal-Ktieb tal-Barkiet n. 1245, jiġifieri: "**Ma jixraqx li tithejja ċelebrazzjoni ta' barka għal kull okkażjoni li tista' tinqala' (v.g. għat-tberik ta' xi monument, jew għat-tberik ta' armi ġodda tal-gwerra, jew ta' ħwejjeġ oħra bħal dawn). Kull ċelebrazzjoni ta' barka jrid ikollha għan pastorali xieraq u, b'mod speċjali, għandha tiġi evitata kull ċelebrazzjoni li se toħloq stagħġib fost l-insara jew fost dawk li mhumiex insara.**"

Il-kappillani jistgħu jbierku dawk il-postijiet u dawk il-ħwejjeġ biss li huma mniżżlin fl-indiċi taż-żewġ kotba tal-Barkiet; postijiet u ħwejjeġ li m'humiex imsemmijin ma għandhomx jitbierku. F'każ ta' xi diffikultà wieħed għandu jieħu l-parir tal-Kurja qabel jaġixxi. Wieħed ma jridx jinsa li l-barka tingħata lill-bnedmin bħala Ulied Alla jew tissejjaħ fuq oġġetti li huma għall-użu tagħhom skond ir-rieda ta' Alla.

L-Arċisqof b'hekk jittama li ma jkomplux jinħolqu diffikultajiet lil dawk il-kappillani li qegħdin iħarsu d-direttivi tal-Ktieb tal-Barkiet minħabba li xi wħud insew jew mhux qed jagħtu każ ta' dawn id-direttivi.

Monsinjur Arċisqof iridni wkoll niġbed l-attenzjoni tal-kappillani u tar-retturi tal-knejjes għall-Kan. 873 tal-Kodiċi l-ġdid, li dwar parrinijiet tal-Magħmudija jgħid: "Għandu jkun hemm parrinu wieħed biss jew parrina waħda jew ukoll wieħed u waħda." Fi kliem ieħor, parrinijiet f'Magħmudija ma jistgħux ikunu żewġ irġiel jew żewġ nisa.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 20 ta' Ġunju 1990.

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Mons. Philip Calleja
*Kanċellier*

Ċirkolari Nru. 233

## GĦAJNUNA LIN-NIES MILQUTA MIT-TERREMOT TA' L-IRAN

Kulħadd jaf bit-terremot kbir li ftit granet ilu ġab ħerba kbira fl-Iran u ħalla 'l fuq minn erbgħin elf mejtin u eluf ta' eluf midrubin u eluf ta' eluf bla dar u neqsin minn kull meħtieg għall-ħajja. Għalkemm dawn in-nies jinsabu ħafna 'l bogħod minn pajjiżna, hu dmir tagħna ngħinuhom bi spirtu ta' solidarjetà nisranija ma' kull min hu batut u mġarrab mill-hemm tad-dinja. Il-Mulej iqis l-għajnuna li nagħtu lil dawn l-imsejknin, bħala għajnuna mogħtija lilu stess.

Il-CARITAS MALTA fetħet fond ta' solidarjetà mal-poplu ta' l-Iran u mit-Tnejn 16 sal-21 ta' dan ix-xahar tilqa' l-offerti tan-nies fl-uffiċċju tal-Caritas, 5, Triq l-Iljun, il-Furjana bejn id-9 a.m. u nofs in-nhar u bejn il-5 u s-7 ta' filgħaxija mit-Tnejn sal-Ġimgħa, u s-Sibt mid-9 a.m. sa nofs in-nhar; l-offerti jistgħu jintbagħtu wkoll b'ċek-kijiet bil-posta fl-indirizz imsemmi. L-offerti jistgħu jintbagħtu wkoll lill-kappillani.

Il-CARITAS MALTA mbagħad tieħu ħsieb tibgħat il-flus li jinġabru lill-CARITAS INTERNATIONALIS li qiegħed f'kuntatt kontinwu man-Nunzjatura Appostolika fl-Iran biex il-flus li jintbagħtu jintużaw għall-ħtiġiet l-aktar urġenti tan-nies li ġew milquta mit-terremot.

Mill-Kurja, illum 11 ta' Lulju 1990, festa ta' San Benedittu Abbati.

Mons. Ġ. Lupi
*Aġent Vigarju Ġenerali*

Mons. Philip Calleja
*Kanċellier*

## NOMINI ĠODDA

**Konferenza tas-Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi Nisa**
Presidente: Sr Blance Gatt SJA
Viċi-Presidente: Sr Marie Scicluna RSCJ
Segretarja: Sr Rita Vella DHS
Teżoriera: Sr Rosanna Bonnici OSA

**Kappillani**
Dun ĠUŻEPP MIFSUD, kappillan Marsaxlokk
Dun ĠUŻEPP FARRUGIA, kappillan Birżebbuġa (trasferit mill-Kalkara)
Dun LAWRENZ ZAMMIT, kappillan Kalkara

**Kappillan tal-Papa**
Dun PETER XUEREB

# RAPPORT DWAR IX-XOGĦOL TAT-TRIBUNAL EKKLESJASTIKU GĦAS-SENA 1989

In-numru tal-każijiet ġodda li ġew ippresentati fil-Kanċellerija tat-Tribunal Ekklesjastiku ta' l-Ewwel Istanza matul is-sena 1989 jidher li baqa' fil-livell tas-sena l-oħra. Infatti ġew presentati 80 każ ġdid li minnhom 62 kienu każijiet ta' nullità ta' żwieġ, 2 każijiet ta' dispensa "In Favorem Fidei", 1 każ ta' żwieġ mhux konsummat, u 15 il-każ kienu Rogatorji ta' Tribunali esteri.

Fl-aħħar tas-sena 1989, kif jirriżulta mill-istatistika li intbagħtet lir-Rota Rumana, il-każijiet ta' nullità taż-żwieġ proċessati mit-Tribunal tagħna kienu hekk mqassmin: ġew mibdija 70 u ġew konklużi 40. Ingħataw 32 sentenza li minnhom kien hemm 11 Affirmattivi u 21 Negattivi; fi 4 Każijiet il-kawża kellha tiġi arkivjata għaliex il-partijiet ma wrewx aktar interess, 3 każijiet fejn il-partijiet irrinunżjaw għall-kawża minħabba rikonċiljazzjoni u f' 1 każ il-kawża twaqqfet minħabba l-mewt ta' wieħed mill-partijiet.

Huwa interessanti li wieħed jkollu idea ta' l-eżami li sar fid-diversi "capita" u d-deċiżjoni li ta t-tribunal. Ta' minn isemmi li f'kawża waħda jistgħu jiġu eżaminati aktar minn "caput" wieħed:

| "Caput" | | Affirmattivi | Negattivi |
|---|---|---|---|
| (a) | Simulatio Totalis | – | 1 |
| (b) | Exclusio Boni Fidei (Fedeltà) | – | 2 |
| (c) | Exclusio Boni Sacramenti (Indissolubilità) | – | – |
| (d) | Exclusio Boni Prolis (Tfal) | 1 | 1 |
| (e) | Exclusio Consortium vitae (L-għaqda intima tal-ħajja u mħabba) | – | 2 |
| (f) | Conditio (Kunsens Kundizzjonat) | – | – |
| (g) | Vis et Metus (Forza u Biża') | – | 2 |
| (h) | Ignorantia | – | – |
| (i) | Error personae (żball dwar xi kwalità essenzjali tal-persuna) | – | – |
| (j) | Defectus Discretionis (Difett ta' Diskrezzjoni ta' Ġudizzju) | 4 | 9 |
| (k) | Inabilitas assumendi onera (Inabilità biex jitwettqu d-dmirijiet taż-żwieġ minħabba raġunijiet ta' natura psikika) | 10 | 34 |
| (l) | Proċess dokumentali (minħabba żwieġ ieħor validu) | – | – |
| (m) | Impotentia | – | – |
| (n) | Dolus (Frodi) | – | 2 |

Ħarsa lejn din l-istatistika turi li l-aktar numru ta' Kawżi ġew eżaminati fuq in-nuqqas ta' diskrezzjoni jew inabilità tal-partijiet li jidħlu għaż-żwieġ. Jirrisulta li id-deċiżjonijiet negattivi kienu ferm aktar fin-numru mis-sena li għaddiet. F'ħafna minn dawn il-każijiet minflok inkapaċità qed tirriżulta inkompatibilità bejn il-partijiet, u dan mhux raġuni valida għal dikjarazzjoni ta' nullità, jew inkella, li hu agħar, nuqqas ta' preparazzjoni serja għaż-żwieġ. Ta' dan jistgħu inkunu anki ħatja dawk li jaċċettawhom għaż-żwieġ minħabba l-fatt li f'diversi każijiet jkun kważi evidenti li l-partijiet ma jkunux preparati għaż-żwieġ nisrani u minkejja kollox iżewġuhom. Is-sena l-oħra kont tajt lista ta' nuqqasijiet li jirriżultaw fil-preparazzjoni għaż-żwieġ u fil-"pre-nuptial enquiry" magħmul mill-kappillani u kif esaminati mill-Uffiċċju taż-Żwieġ tal-Kurja iżda jidher li sar ftit li xejn f'dan ir-rigward. Hija l-opinjoni ta' dan it-Tribunal li jekk koppja ma tkun ippreparata għaż-żwieġ, u jkun jidher li ż-żwieġ mhux ser ikun żwieġ nisrani fis-sens proprju tal-kelma, iż-żwieġ għandu jiġi trasferit għal data aktar tard. Dan għadu jiġri p.e. f'każijiet ta' pregnancy u ta' mard mentali jew emozzjonali.

Imbarra l-kawżi taż–żwieġ matul is-sena li għaddiet it-Tribunal għamel ukoll proċess ta' miraklu li kien attribwit għall-interċessjoni tal-Venerabbli Ingnazju Falzon u dan kien mibgħut lis-Santa Sede fl-aħħar tas-sena; għad ma kienx hemm risposta dwar ir-risultat ta' dan il-proċess. Tkomplew jinstemgħu ix-xhieda fil-proċess ta' Beatifikazzjoni u Kanonizazzjoni ta' Monsinjur Ġużeppi Depiro u reġa' nfetaħ fil-Kongregazzjoni tal-Qaddisin il-proċess ta' Beatifikazzjoni u Kanonizazzjoni ta' Madre Maria Adeodata Pisani O.S.B. bil-ħatra tal-Postulatur Padre Ernesto Piacentini O.F.M. Conv. li ta lill-Arċisqof u lit-Tribunal it-tagħrif kollu dwar l-istadju li fih kien wasal il-proċess u rrisultat li dan kien fi stat avvanzat.

Dwar it-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza bdew jiġu esaminati 22 il-każ ġdid u ġew konklużi 15 il-każ li minnhom 12 ikkonfermaw bid-Digriet is-Sentenza ta' l-Ewwel Istanza; kien hemm 3 każijiet li sar il-proċess ordinarju u ingħataw 2 Sentenzi Negattivi u 1 Affirmattiva. Tnejn minnhom ikkonfermaw is-Sentenza ta' l-Ewwel Istanza u waħda irriversat id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Istanza u tista' tiġi appellata lir-Rota Romana.

Ta' min jirrileva li fit-Tribunal ta' l-Appell jinħass il-bżonn li jitħaffef aktar ix-xogħol u d-deċiżjonijiet ma jieħdux daqs tant żmien biex jingħataw. Ta' min ifakkar li l-Kanoni 1453 jgħid li l-kawżi fi stadju ta' Appell ma għandhomx jitwalu aktar minn sitt xhur. Anki jekk dan mhux dejjem ikun possibbli minħabba diversi raġunijiet, huwa fatt li hemm diversi każijiet li għad ma irċevewx deċiżjoni tat-Tribunal ta' l-Appell allavolja għaddew aktar minn sitt xhur xi drabi aktar minn sena. Meta l-appell jkun sar minn deċiżjoni negattiva ta' l-Ewwel Istanza dan jista' jiftiehem iżda is-sitwazzjoni tkun aktar serja meta d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Istanza tkun Affirmattiva: u hawn insibu li għad ma ingħatatx deċiżjoni f' 7 każijiet li ġew presentati mit-22.10.1988 sa l-aħħar ta' Lulju 1989. Hemm imbagħad 5 każijiet oħra li ġew ippresentati mill-19.9.89 sal-5.2.90.

Mingħajr ma rrid bl-ebda mod nikkritika l-operat tat-Tribunal ta' l-Appell huwa ċar li teħtieġ aktar organizzazjoni fil-Kanċellerija ta' dan it-Tribunal anki f'dak li jirrigwarda ix-xogħol materjali li jkun hemm bżonn li jsir. Hemm ukoll is-solita problema ta' l-Imħallfin u ta' Difensur ta' Żwieġ li huma avanzati fl-età jew okkupati b'ħafna xogħol ieħor u li mhux dejjem ilestu ix-xogħol tagħhom fil-ħin stipulat. Dan jidher minn numru ta' seduti limitati li jsiru.

Anki fit-Tribunal ta' l-ewwel Istanza naffaċċaw il-problema ta' nuqqas ta' Imħallfin. Din is-sena ġie innominat Imħallef fit-Tribunal tagħna il-Vigarju Ġudizzjali ta' Għawdex Dun Mario Grech. Ta' dan nirringrazzjaw lill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Cauchi tal-għajnuna u l-kooperazzjoni tiegħu kif ukoll lil Dun Mario li darbtejn fil-ġimgħa jiġi Malta biex jagħmel is-seduti tiegħu. Minn naħa l-oħra ħassejna t-telfa tad-Difensur taż-Żwieġ għaliex Dun Karm Zammit reġa' lura Gibiltà. S'issa għad ma ġiex innominat Difensur taż-Żwieġ 'ex officio' ieħor u għadna nibagħtu il-każijiet lil Dun Karm bil-posta biex jikteb il-vot tiegħu. Apparti l-ispejjes li dan jinvolvi, ħafna drabi il-presenza tad-Difensur taż-Żwieġ tkun meħtieġa fuq il-post. Nirringrazzjaw lil Dun Karm tal-għajnuna effiċjenti, u irrid inżid mingħajr dewmien, li qed jagħtina.

Nixtiequ nappellaw lill-Provinċjali biex huma wkoll jippruvaw jgħinuna billi anki jippreparaw xi uħud mis-saċerdoti żgħar għaliex il-futur ma tantx jidher sabiħ u l-problema ser issir aktar akuta fi ftit snin oħra. Dan jista' japplika wkoll għas-superjuri tar-reliġjużi nisa: mhux impossibli li jkollhom reliġjuża li tkun kapaċi biżżejjed biex tmur tagħmel il-kors tal-Liġi Kanonika u tkun tista' tkun ta' għajnuna siewa mhux biss lill-kongregazzjoni tagħha iżda wkoll lid-djoċesi.

Problema serju li ma tantx huwa possibli li ssib soluzzjoni għalih huwa n-nuqqas ta' psikologi kompetenti biex jgħinuna fis-soluzzjoni tal-każijiet ta' mard mentali u emozjonali. Ikkonfermajna l-idea li mhux kull psikologu huwa f'pożizjoni li jasal biex jagħti parir siewi li jista' jiġi tradott f'termini ġuridiċi. Aħna grati lejn iż-żewġ saċerdoti li qed jaqduna f'dan il-kamp, għalkemm Dun Pawl Galea huwa mgħobbi b'ħafna impenji oħra u ma jistax jiddedika żmien biżżejjed għat-Tribunal. Naħseb li hemm bżønn li jistab saċerdot ieħor żgħir li jintbagħat jistudja l-psikoloġija klinika u li l-ispeċjalizzazzjoni tiegħu għandha tkun fil-mard li jista' jirrendi null iż-żwieġ.

In-nuqqas ta' Avukati kompetenti fil-Liġi Kanonika tinħass ħafna għaliex ma nistgħux nagħtu servizz lill-partijiet li jkunu jixtiequ jkollhom avukat. Huwa veru li xi darbi jagħmlu użu minn avukat ċivili iżda dan ifisser mhux biss ħafna spejjes għalihom iżda, dak li hu aktar importanti, direzzjoni li ħafna drabi ma tkunx taqbel ma' dik ġusta skond il-Liġi Kanonika u dan għaliex l-avukat ċivili huwa mdorri b'mentalità u formazzjoni ċivili li xi drabi tkun ta' ħsara minflok ta' ġid għal klient tiegħu. Ta' min isemmi li fil-maġġuranza tal-każijiet l-avukati ċivili lanqas jaslu biex jippresentaw id-difisa tal-klient tagħhom. Minn naħa tagħna irridu nammettu li għad ma wasalniex biex nagħmlu xi forma ta' kors qasir ta' formazzjoni ta' proċedura kanonika għal dawk li jkunu interssati.

Fl-organizzazzjoni tal-Kanċellerija tat-Tribunal irrid insemmi li minn Lulju li għadda t-Tribunal impjega segretarja full time u minn Ottubru li għadda t-Tribunal beda jiftaħ ukoll mit-3 p.m. sas-6 p.m. nhar ta' Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ġimgħa. Anki jekk mhux il-personell kollu tat-Tribunal jkun presenti f'dawn il-ħinijiet il-Kanċillier ikun hemm almenu tlett ijiem fil-ġimgħa u ħafna drabi l-Imħallfin jkollhom is-seduti ukoll f'dawk il-ħinijiet.

Bdejna wkoll diskussjonijiet dwar il-komputerazizzazjoni tax-xogħol tat-Tribunal. Is-sezzjoni Finanzjarja tal-Kurja approvat l-proġett li nisperaw li matul din is-sena jibda jitwettaq gradatament. Dan iservi mhux biss għall-effiċjenza u in-nuqqas ta' telf ta' ħafna żmien fit-typing ta' l-atti tal-proċessi iżda fuq kollox biex jkollna riferenza aktar

faċli għall-ġurisprudenza reċenti. Nirringrazzjaw ukoll lis-sezzjoni Finanzjarja għaliex fl-aħħar awtorizzat ix-xiri ta' photocopier tajba għall-esiġenzi tagħna. Din waslet bħala rigal għall-aħħar tas-sena u issa diġà qed tintuża. Ix-xogħol, anki materjali tant kiber li mhux possibli li tmexxi it-Tribunal b'mod effiċjenti mingħajr dawn il-mezzi moderni.

Bħal ma' soltu nagħmlu f'kull rapport issir riferenza għas-sitwazzjoni finanzjarja. Matul is-sena li għaddiet mill-40 każ ta' nullità li ġew konklużi 19 ma ħallsu xejn, 12 ħallsu biss parti mill-ispejjes u 9 ħallsu l-kont kollu. Fiż-żwieġ każijiet ta' dispensa ta' żwieġ mhux ikkunsmat tħallset biss it-taxxa dovuta lis-Santa Sede, waqt li l-kas ta' dispensa 'In Favorem Fidei' ma tħallas xejn. Ma hemmx għalfejn ngħidu li qatt ma ingħata każ li ma ġiex proċessat minħabba nuqqas ta' flus. Iċ-ċertifikat ta' kappillan huwa biss meħtieġ biex tingħata l-esenzjoni mill-ħlas ta' l-ispejjes.

Kif dejjem għidna f'dan ir-rigward l-ispejjes huma ikkalkolati bil-minimu possibbli. L-ebda konsiderazzjoni ma titniehed tax-xogħol li jagħmlu l-Imħallfin u l-membri l-oħra tat-Tribunal li huma mħallsin skond l-iskala tar-rimunerazzjoni tas-saċerdoti ta' djoċesi li mhux adegwata għar-responsabbilità u l-ammont tax-xogħol li għandhom, iżda l-ammont li jintalab huwa biss biex jitħallsu xi uħud mill-ispejjes li l-Kanċellerija tagħmel fil-preparazzjoni materjali tal-proċess. Mhux ġust li d-djoċesi titgħabba bl-ispejjes għall-iżbalji, xi kultant kulpabbli, li jagħmel ħaddieħor. Dak li l-aktar huwa sfaċċat hu li minn dawk li ma jħallsu xejn hemm numru konsiderevoli ta' dawk li ghandhom possibilitajiet finanzjarji aktar minn biżżejjed biex iħallsu l-ispejjes żgħar li nitolbuhom.

Qabel ma nagħlaq dan ir-rapport huwa dmir tiegħi li nirringrazzja lil dawk kollha li qed jagħtu servizz fit-Tribunal u b'mod partikulari lir-reliġjużi li qed jgħinuna, lill-psikologi li jaħdmu disinteressatament, lir-Rettur tas-Seminarju li jibgħat numru ta' seminaristi matul ix-xhur tas-sajf, u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għandhom konnessjoni max-xogħol tagħna.

Sliema 15 ta' Frar 1990

Monsinjur Arthur Said Pullicino
*Vigarju Ġudizzjali*

# GOD AND THE TRINITY IN THE FATHERS
# III

## THE EVE OF EPHESUS

The Apollinarist crisis passed away without leaving any trace. The Alexandrians recognized the reality of the sufferings of Christ and attributed them to the flesh *(sarx):* they are only *pathe tes sarkos,* sufferings of the flesh, and no real sufferings of the soul *(psyche).* The *sarx* is the recipient of holiness and glory. In this period before Ephesus we do not yet meet with the classical type of Alexandrian Christology in direct opposition to what was later to become Nestorianism. On the other hand what we know as Antiochene Christology had not yet arisen. This is quite evident from the Christology of the great Antiochene John Chrysostom, whose Christology is similar to that of the young Cyril of Alexandria, and whose model is Athanasius. He hardly mentions Christ's soul, which is a physical reality but is not a theological factor: so intimate is the union of the Logos with the spiritual soul, that Chrysostom will not allow any limitation to Christ's human knowledge not to endanger his divinity: in fact Chrysostom never says that Christ had distinctive human knowledge. Chrysostom does not deny human activity in Christ but limits it to the sub-rational sphere; nevetheless the divine *energeia* is also always in command in the natural field of sub-rational feelings in accordance with the principal of predominance.

The sub-rational forces and passions of the human nature seem to work only if permitted by the Logos: "when he permits the flesh then it shows its feelings".[1]

Xi jfisser dan il-kliem ta' San Pietru? Min hu Alla l-ħaj? X'setgħa għandu Iben Alla l-ħaj? Fit-tieni qari ta' llum smajna lil San Pawl igħidilna min hu Alla l-ħaj: huwa dak li kollox ġej minnu, dak li kollox sar permezz tiegħu, dak li kollox sar għalih; huwa dak li ħadd ma jista' jgħarbel il-ġudizzji tiegħu, jagħraf it-triqat tiegħu, u jkun kunsillier tiegħu, jagħraf il-moħħ tiegħu għaliex kbar u bla qjies huma l-għana, l-għerf u l-għaqal ta' Alla. U l-Iben ta' Alla, tgħidilna l-Knisja, imgħallma minn Ġesù u mdawwlha mill-Ispirtu tiegħu, huwa Alla minn Alla, Alla veru minn Alla veru, imnissel, mhux magħmul, natura waħda ma' Alla l-Missier. Għalhekk meta aħna, flimkien ma' San Pietru, nistqarru li Ġesù hu Iben Alla l-ħaj, aħna nkunu qegħdin nistqarru liĠesù hu veru Alla. Din il-verità hija l-qofol tal-fidi tagħna għax jekk Kristu kien biss profeta kbir, kif kienu jaħsbu n-nies ta' żmien Ġesù, kif għandhom sa llum jaħsbu l-misilmin, kif illum stess hawn fostna li jridu jgħidulna li Ġesù mhux vera Alla, il-fidi tagħna hija fiergħa. Iżda aħna żguri li dan mhux minnu: kif? Ġesù lil San Pietru, wara li għamel l-istqarrija tal-fidi, qallu: "Mhux bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan, imma Missieri li hu fis-smewwiet" L-istess ħaġa qed igħidilna l-Mulej illum: l-istqarrija tal-fidi tagħna fi Kristu l-Iben ta' Alla l-ħaj m'hijiex mibnija fuq il-kliem tan-nies, imma ġejja mid-don tal-fidi li tana l-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija, dak id-don li rridu nkomplu nsaħħu u nkattru dejjem aktar fina bit-tisħib fis-sagramenti mqaddsa u bit-talb. Meta ma nitolbux, meta nżommu ruħna 'l bogħod mis-sagramenti mqaddsa, il-fidi tagħna tiddgħajjef u tiġi fix-xejn u naslu f'qagħda li ma nagħtux widen aktar għal kliem San Pietru li jkun irid jaqdi d-dmiru li jwettaqna fil-fidi, jiġifieri naslu f'qagħda li fi kliem il-Knisja, jigifieri fi kliem il-Papa u l-isqfijiet, li huma s-suċċessuri ta' San Pietru u ta' l-Appostli l-oħra, aħna ma narawx aktar il-kelma ta' Alla li twettaqna fil-fidi u tbegħdna minn kull tagħlim qarrieqi, imma l-kelma ta' bnedmin – meta jiġrilna dan, inkunu għalaqna għalina il-bieb tas-Saltna tas-smewwiet.

## IT-22 ĦADD TAS-SENA
# IL-MISTERU TAT-TBATIJA

### L-offerta tagħna

Il-Knisja llum, bi kliem San Pawl, qed tistedinna biex noffru ġisimna bħala vittma ħajja, qaddisa, li togħġob lil Alla, b'qima spiritwali; hija stedina li qed isirilna waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, għaliex huwa waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa l-mument li fih għandna noffru lilna nfusna lil Alla bħala vittmi ħajjin, li nogħġbu lil Alla. Nuru l-fehma tagħna li nagħmlu dan, waqt li fuq l-artal jiġu mtellgħin l-offerti tagħna tal-ħobż u l-inbid biex jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Fuq l-artal Ġesù jġedded l-offerta tiegħu nnifsu li għamel fuq is-Salib bħala vittma għall-maħfra ta' dnubietna, b'xhieda ta' l-imħabba bla qjies ta' Alla għalina. Fil-Quddiesa aħna nissieħbu ma' Ġesù fl-offerta tiegħu nnifsu, bħala membri tal-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja, u noffru lilna nfusna wkoll bħala vittmi ta' mħabba għalih.

L-offerta tagħna fil-Quddiesa hija offerta ta' qima spiritwali, għax biha aħna nkunu nuru li rridu nagħmlu dejjem ir-rieda ta' Alla u li nfittxu dejjem dak li hu tajjeb, dak li hu sewwa, dak li jogħġob lil Alla.

### Iċ-ċaħda tagħna nfusna

Iżda kif nistgħu nagħmlu dan fil-ħajja tagħna ta' kull jum fid-dinja? Igħidulna Ġesù: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja." X'ifisser dan il-kliem ta' Ġesù? Ġesù qalu dan il-kliem wara li wera lill-Appostli li kien meħtieġ għalih li jmur Ġerusalemm, isofri ħafna, joqtluh, u fit-tielet jum iqum mill-imwiet. It-tħabbira tal-passjoni u tal-mewt li Ġesù għamel lid-dixxipli tiegħu, tant ħawdithom, li San Pietru beda jlum 'il Ġesù u jgħidlu: "Allaħares! Ma jkun qatt li dan igħaddi min għalik." San Pietru kien qed jaħseb, kif jaħsbu n-nies, kif jaħseb kull bniedem, għax ma hemmx bniedem fid-dinja li ma jibżax mit-tbatija u l-mewt. Iżda Ġesù lil San Pietru ċanfru proprju għax kien qed jaħsibha ta' bniedem u ma kienx iqis il-ħwejjeġ ta' Alla.

Hekk ukoll ħasibha l-profeta Ġeremija, li Alla għażlu biex iħabbar lill-poplu tiegħu tal-Patt il-Qadim li permezz tat-tbatija kien se jiġi mifdi mill-ħażen tiegħu; iżda t-tbatijiet li ġarrab Ġeremija kienu tant kbar li ma felaħx aktar għalihom, u, kważi kważi, ħadha kontra Alla għax qarraq bih, għax ma felaħx aktar għat-tmaqdir tan-nies u għat-theddid tagħhom; ried kieku ma jkomplix il-missjoni li fdalu l-Mulej, iżda l-Ispirtu tal-Mulej li kien qiegħed jimbuttah, ma ħallihx kwiet: kien inħoss nar jaqbad fih li kien iġiegħelu jitkellem, jaqdi l-missjoni tiegħu.

### It-Tbatija: Xebħ ma' Kristu jbati

Il-bniedem bil-ħila tiegħu biss ma jasal qatt biex jaċċetta t-tbatija u l-mewt; kellu jkun il-Mulej Ġesù li neħħa għal dawk li jemmnu fih, il-biża' tat-tbatija u tal-mewt, u dan għamlu proprju bit-tbatijiet u l-mewt tiegħu. Alla ried li s-salvazzjoni tad-dinja sseħħ bit-tbatijiet u l-mewt fuq is-salib ta' Ibnu magħmul bniedem, biex bħala bniedem, wieħed minna, imut għalina, u t-tbatijiet u l-mewt tiegħu jkunu għalina mezz ta' fidwa

u salvazzjoni. Ġesù neħħa n-niġġieża tal-mewt u tat-tbatija u għamilhom mezz għalina ta' xebħ mill-aqwa miegħu, anzi mezz ta' salvazzjoni għalina. Dan ried igħidilna l-Mulej fl-Evanġelju ta' llum: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja. Għax min irid isalva ħajtu jitlifha, u min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, isibha".

Nerfgħu salibna wara Ġesù jfisser li nkunu nixbħuh, u nkunu nixbħuh jekk bħalu nagħmlu dejjem dak li Alla jrid minna. Alla ried li Ġesù jidħol fil-glorja bil-passjoni u l-mewt tiegħu; bħal Ġesù, biex nidħlu fil-glorja ta' dejjem u nsalvaw ħajjitna għall-ħajja ta' dejjem, irridu mmutu għad-dinja tad-dnub, irridu niċċaħdu mill-ħajja tad-dinja, u ma nibqgħux naħsbu bħalma jaħsbu l-bnedmin tad-dinja. Fi kliem ieħor ma għandniex inqisu t-tbatijiet u l-mard bħala xi kastig, ma għandniex inqisu l-mewt bħala xi tmiem ta' kollox; meta jiġi fuqna xi tiġrib, meta nkunu għaddejjin minn mumenti ta' niket jew ta' tbatijiet kbar ma għandniex naħsbu li Alla nsiena. Il-mumenti tat-tbatija u tan-nikel huma l-mumenti li fihom Kristu jkun aktar fil-qrib tagħna, huma sinjali ta' l-imħabba ta' Alla għalina, u Alla jagħtihomlna biex inkunu xebħ aqwa ma' Kristu, biex bihom inpattu għan-nuqqasijiet tagħna u tad-dinja, biex nissaffew minn kull tinġis tal-ħażen bħalma d-deheb jissaffa meta jgħaddi min-nar. Ma għandniex ninsew li, meta l-Mulej jippermetti li nġarbu niket u tbatija, qatt ma jġiegħelna nbatu aktar milli nifilħu, u jagħtina l-għajnuna kollha li neħtieġu biex nerfgħu salibna: hu stess ikun magħna, jerfa' magħna salibna.

Dan kollu nifhmun jekk il-fidi tagħna hi fidi ħajja; il-misteru tat-tbatija hu misteru li qatt ma jaslu biex jifhmuh dawk li ma jemmnux, li ma għandhomx fidi. Nitolbu 'l Alla għalhekk illum biex, fit-tiġrib kollu li jiġi fuqna tul ħajjitna fid-dinja, tiġrib li huwa s-sehem ta' kull bniedem li hawn fid-dinja, ma naqtgħux qalbna, u nafdaw dejjem fl-għajnuna tiegħu. Alla ma jridx id-deni tal-bniedem; ħafna deni li jġib tant tiġrib fid-dinja huwa frott ta' l-istrutturi tad-dnub li hawn fid-dinja, u dawn l-istrutturi nistgħu biss neqirduhom jekk inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u bl-għajnuna ta' Alla ma nħallu qatt li d-dnub jegħlibna.

## IT-23 ĦADD TAS-SENA

# TWISSIJIET LIL AĦWA

## L-għajuna tal-proxxmu

L-imħabba, tghidilna l-Knisja llum bi kliem San Pawl lir-Rumani, hija l-milja tal-liġi għaliex il-kmandamenti kollha jinġabru f'kmandament wieħed: "Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek". Iżda l-kmandament ta' l-imħabba ma jgħidilniex biss biex ma nagħmlux ħsara lill-proxxmu tagħna, imma li għandna wkoll ngħinuh fil-ħtiġijiet kollha tiegħu. Hemm ħafna suriet ta' għajnuna tal-proxxmu li bihom aħna nuru mħabbitna lejh, u llum il-Knisja qed tkellimna fuq waħda minn dawn is-suriet ta' mħabba.

Nuru mħabba għall-proxxmu taghna mhux biss meta ngħinuh fil-ħtiġijiet tiegħu, meta nipprovdulu x-xogħol, meta nieqfu miegħu f'mumenti ta' tiġrib, ta' niket u ta'

mard, iżda wkoll meta nwissuh biex ma jaqbadx xi triq ħażina, jew ngħinuh jitbiegħed mit-triq li tista' twasslu għat-telfien. U huwa fuq din is-sura ta' għajnuna għall-proxxmu li trid tkellimna l-Knisja llum.

## Dmir kbir

Il-profeta Eżekjel fl-ewwel qari ta' llum, jurina kemm hu kbir d-dmir li nwissu l-proxxmu tagħna ħa jitbiegħed minn triq ħażina, mid-dnub: jekk aħna nonqsu minn dan id-dmir, igħidilna l-profeta, aħna nkunu bħalu ħatja ta' dnubu. Jekk "int ma titkellimx u ma twiddinx il-midneb ħalli jitlaq mit-triq tiegħu u l-midneb imut fi ħżunitu, demmu min idejk infittxu". Alla jżommna responsabbli u jitlob kont ta' l-aġir tagħna jekk aħna nonqsu li nwiddbu l-proxxmu tagħna meta stajna inwiddbuh u hekk ngħinuh jibdel ħajtu. Iżda mhux dejjem jirnexxilna nġiegħelu midneb jindem minn dnubietu; jekk il-midneb ma jagħtikx widen għat-twiddib tagħna, jekk aħna qdejna dmirna sewwa, il-Mulej mhux se jonqos li jagħtina l-premju li jistħoqqilna: "Jekk int twiddeb il-midneb ... u ma jerġax lura minn triqtu u jmut fi ħżunitu, int tkun salvajt lilek innifsek", igħidilna l-profeta.

## It-twiddib ta' l-aħwa

Iżda m'hijiex dejjem ħaġa ħafifa twiddeb lil min hu fl-iżball; kemm-il darba nsibu ruħna ma nafux x'naqdu naghmlu, għax jista' jiġri li meta nwissu lil xi ħadd dan iwebbes rasu u jżid dnubu, u jista' jiġri wkoll li ma nkunux nafu liema jkun l-aħjar mod biex inwiddbu l-midneb u għalhekk il-Mulej igħidilna llum b'liema mod għandna naqdu d-dmir tagħna li nwissu 'l ħutna ħa jitbegħdu mit-triq il-ħażina li jkunu qabdu. "Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub mur sibu waħdu u widdbu ... jekk ma jismax erġa' mur u ħu miegħek wieħed jew tnejn oħra ...; jekk imbagħad anqas minnhom ma jkun irid jisma', mur għid lill-ġemgħa; u jekk lanqas mill-ġemgħa ma jkun irid jisma' żommu b'wieħed pagan u pubblikan". B'dan il-kliem Ġesù jurina kif għandha tkun l-imġiba tagħna ħa nirnexxu fil-qadi tad-dmir li nwissu 'l ħutna li jitbegħdu mit-triq it-tajba.

Irridu naqdu dan id-dmir imqanqlin bi spirtu ta' mhabba, li għandu jwassalna biex bit-twiddib tagħna aħna ma ntilfulux ġieħu, ma nġiegħeluhx jistħi, imma nwassluh biex jara li dak li qed nagħmlu miegħu, qed nagħmluh għax huwa ħuna fi Kristu. Għalhekk Ġesù jgħidilna li meta tara "ħuk jaqa' f'xi dnub mur sibu waħdu u widdbu", u twiddbux quddiem in-nies.

Huwa importanti wkoll il-kliem li wieħed juża ħa jwiddeb lil min ikun fid-dnub. It-twissija biex tiġi milqugħa bħala egħmil ta' mħabba trid issir skond il-karattru ta' dak li jkun, għax mitt bniedem mitt fehma: mhux se twissi 'l min hu kburi u supperv bl-istess mod kif twissi 'l min hu twajjeb u dħuli; mhux se twissi mara kif twissi raġel, jew tifel kif twissi żagħżugħ. Dan jgħidulna l-Papa San Girgor il-Kbir fir-*Regula Pastoralis* tiegħu, fejn jurina b'liema mod għandna nwissu skond il-karratru ta' kull wieħed. Jekk it-twissija tagħna nagħmluha wara li nkunu tlabna l-għajnuna ta' Alla, jekk biex nagħmluha ma nafdawx fil-ħila tagħna, imma fil-grazzja ta' Alla għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, hi l-grazzja ta' Alla li tqanqal il-midneb għall-indiema, inkunu nistgħu nirbħu l-midneb u nreġġgħuh lura għat-triq it-tajba.

## Ma naqtigħux qalbna

Ma għandniex naħsbu li se nirnexxu dejjem ma' l-ewwel twissija li nagħmlu, iżda ma għandiex naqtgħu qalbna imma għandna nafdaw dejjem fil-grazzja ta' Alla, li taħdem kontinwament fil-qalb tal-bniedem bil-moħbi. It-twissijiet lill-midneb waħdu, għandu jibqa' sejjer, għandu jsir f'kull okkażżjoni li tiġi; biss wara ħafna twissijiet wieħed għandu jitlob l-għajnuna ta' xi ħadd ieħor, ta' xi ħadd li jaf il-midneb aħjar, li għandu xi influwenza fuqu u jista' jkun ta' għajnuna għall-ġid tiegħu; iżda hawn ukoll wieħed dejjem irid ikun imqanqal minn spirtu ta' mħabba.

U mbagħad meta naraw li kull ma sar kien kollu għal xejn, għax il-midneb baqa' jwebbes rasu fid-dnub, "mur għid lill-ġemgħa' igħidilna Ġesù. Dan ma jfissirx li lill-midneb għandna nxandruh bħala wieħed ta' rasu iebsa, li qed iwebbes rasu fid-dnub; "għid il-ġemgħa", jiġifieri stieden il-ġemgħa ta' dawk li jemmnu biex jitolbu għalih, biex jitolbu għall-konversjoni ta' midneb, mingħajr ma jissemma' ismu. Dan hu l-aħħar mezz u l-aqwa wieħed biex nirbħu lura wieħed minn ħutna li jkun waqa' fid-dnub. U dan igħidulna Ġesù stess meta jgħidilna li "jekk tnejn minnkom fuq l-art igħollu leħenhom flimkien biex jitolbu xi ħaġa, Missieri fis-smewwiet jagħtihielhom", jagħtihom ukoll il-konversjoni tal-midinbin.

Il-midneb li jwebbes rasu fid-dnub għandna nqisuh bħala pagan u pubblikan: dan ma jfissirx li ma għandniex inkellmuh aktar, li għandna nżommu ruħna 'l bogħod minnu; ifisser biss li ma għandniex nkunu bħalu, għax l-imġiba tiegħu hi bħal dik tal-pagani, bħal dik ta' dawk li ma jemmnux, ta' dawk li qalbhom marbuta mal-ġid tad-dinja, kif kienu l-pubblikani fi żmien Ġesù; imma ghandna nkomplu nuru mħabba mal-midneb ta' rasu iebsa, mħabba li nuruha l-aktar bit-talb għall-konversjoni tiegħu.

### L-24 ĦADD TAS-SENA

# IL-MAĦFRA TAD-DNUBIET

## Imħabba għal kulħadd

Il-Knisja llum tfakkarna li ħadd ma jgħix għalih innifsu u ħadd ma jmut għalih innifsu għaliex sew jekk ngħixu u sew jekk immutu aħna tal-Mulej. Fi kliem ieħor il-Knisja trid tgħidilna bi kliem San Pawl li kull nisrani jrid jgħix ħajtu fid-dinja f'rabta sħiħa ma' Kristu u ma' ħutu l-insara kollha, għax ilkoll kemm aħna, aħna membri ta' dak il-Ġisem ta' Kristu li hu l-Knisja. Bħala nsara ma għandniex naħsbu biss fina nfusna, fl-interessi tagħna, mingħajr ma nħabblu rasna xejn ghal ħutna l-bnedmin l-oħra, għax aħna lkoll ulied l-istess Missier tas-sema, li jaħseb f'kulħadd u jtella' x-xemx tiegħu għat-tajbin u għall-midinbin u jibghat ix-xita tiegħu fuq dawk li jħobbuh u fuq dawk li ma jħobbuhx. Ġesù miet u rxoxta għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha, sar is-sid kemm tal-ħajjin u kemm tal-mejtin, għalhekk aħna l-insara, bħala dixxipli tiegħu, għandna nuru mħabbitna għal kulħadd, għall-bnedmin kollha, għat-tajbin u għall-ħżiena, għal ħutna fil-fidi u għall-oħrajn ukoll li ma għandhomx il-fidi.

## Il-ħtijiet tal-bnedmin

Din l-imħabba rridu nuruha fiċ-ċikostanzi kollha tal-ħajja u llum il-Knisja qed tgħidilna li waħda mill-okkazzjonijiet l-aktar importanti li fiha għandha nuru l-imħabba tagħna għal ħutna l-bnedmin, hija meta naħfru l-ħtijiet li jsirulna.

Il-bnedmin għaliex bnedmin dgħajfa, għax midrubin mid-dnub, u għalhekk suppervi, egoisti, għajjurin, kontinwament jonqsu lil xulxin, joffendu 'l xulxin, jaħtu kontra xulxin; għalhekk joħolqu ħafna nkwiet, ġlied, tilwim, firdiet, ħerbiet, gwerer. Ħafna mid-deni tad-dinja jġibuh il-bnedmin b'idejhom, bin-nuqqas ta' mħabba tagħhom għal bnedmin ħuthom, bi dnubiethom. Dawn huma l-istrutturi tad-dnub li qed jaħkmu fid-dinja u jistgħu jinqerdu biss mill-imħabba, dik l-imħabba li twassal għall-maħfra tal-ħtijiet, dik l-imħabba li tagħha tana xhieda mill-aqwa Kristu minn fuq is-salib fejn miet għalina biex jaqlalna l-maħfra ta' Missierna tas-sema: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu".

## Il-maħfra tal-ħtijiet

Il-maħfra tal-ħtijiet li jsirulna hu kondizzjoni meħtieġa biex il-Mulej jaħfrilna l-ħtijiet li nagħmlulu: hekk għallimna nitolbu l-Mulej Ġesù **"Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina"**. U dan tgħidulna l-Knisja llum bi kliem Bin Sirak: Alla ma jaħmilx jara fina għadab u mibgħeda, ma jridx 'il min jivvendika ruħu. B'liema wiċċ sejrin nitolbu 'l Alla jaħfrilna dnubietna, meta nżommu f'qalbna l-korla għal bniedem ieħor, meta ma nurux ħniena għall-oħrajn? Għalhekk, bi kliem Bin Sirak, il-Knisja tistedinna biex niftakru li sgur għad jasal għalina l-waqt li nħallu din id-dinja u nidhru quddiem Alla biex nagħtu kont ta' egħmilna kollu. Jekk irridu niksbu l-ħajja ta' dejjem għandna nfittxu li nħarsu dejjem il-kmandamenti, nagħalqu għajnejna għall-ħtijiet li jsirulna, ma nżommu xejn f'qalbna kontra għajrna, inwarrbu minna l-ġlied u nżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub.

Kbar hemm huma kbar il-ħtijiet li jsirulna mill-bnedmin ħutna, ma huma xejn ħdejn l-offiża li ssir lil Alla minn ksur ta' wieħed mill-kmandamenti ta' Alla, minn dnub wieħed.

## Il-kobor tal-ħtijiet kontra Alla

Dan jurihulna l-Mulej bil-parabbola li semmagħlna fl-Evanġelju ta' llum. Il-parabbola ssemmielna l-ġrajja ta' qaddej li kellu jagħti somma kbira ta' flus – għaxart elef talent – lil sidu; dan il-qaddej ma kellux biss iħallas dejnu, u sidu ordna, kif kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien, li jinbiegħ hu, martu u wliedu u ġidu kollu, biex jista' jitħallas id-dejn. Il-qaddej talab ħniena lil sidu u dan ħenn għalih u ħafirlu dejnu kollu. Iżda dan il-qaddej kellu wieħed minn sħabu midjun miegħu b'somma żgħira ħafna ta' flus, mitt dinar; dan talab ftit taż-żmien ħa jħallas dejnu, iżda l-ieħor ma riedx u tefgħu l-ħabs sa ma jħallas dejnu kollu. Meta s-sid sar jaf b'dak li ġara, saħan sewwa għall-qaddej li ma għarafx iħenn għal sieħbu u tefgħu l-ħabs. Wara li temm il-parabbola, Ġesù żied igħid: "Hekk jagħmel lilkom Missieri jekk ma taħfrux 'il xulxin minn qalbkom". Il-parabbola ma teħtieġx tifsir għax hi ċara biżżejjed u tgħidilna li ma hemm ebda paragun bejn l-offizi li jsiru lilna minn bnedmin ħutna u l-offiżi li nagħmlu lil Alla bi dnubietna, kif ma

hemmx paragun bejn dejn ta' għaxart elef talent u mitt dinar bejn għaxart elef lira u mitt ċenteżmu, mitt sold.

### Naħfru dejjem

Il-parabbola Ġesù qalha wara li San Pietru staqsih kemm-il darba kellu jaħfer lil min jonqsu, jekk kellux jaħfirlu sa seba' darbiet, jiġifieri dejjem. U Ġesù wettaq kliem l-Appostlu billi qallu: "Ma ngħidlekx sa seba' darbiet, imma sa sebgħa u sebgħin darba", u mbagħad biex jurina li għandna naħfru dejjem il-ħtijiet li jsirulna jekk irridu Alla jaħfrilna dnubietna Ġesù qal il-parabbola li smajna biex jurina x'differenza kbira hemm bejn il-ħtijiet li jsirulna li fl-aħħar mill-aħħar huma ħaġa wisq żgħira ħdejn kull offiża li ssir lil Alla bi dnubietna. Kieku l-bnedmin kellhom jifhmu sewwa din il-verità, kieku jispiċċa l-inkwiet kollu tad-dinja, imma l-bnedmin – aħna stess – nagħmluha bi kbira ħafna l-iċken offiża li ssirilna, u qisu ma huwa xejn kull ksur tal-kmandamenti ta' Alla, id-dagħa, in-nuqqas tat-tqaddis ta' Jum il-Mulej, il-ksur dejjem sejjer tad-drittijiet tal-bniedem għall-ħajja, għall-libertà, u għall-valuri l-oħra fondamentali tal-bniedem.

IL-25 ĦADD TAS-SENA

## INĠIBU RUĦNA KIF JIXRAQ L-EVANĠELJU ĦA JKOLLNA L-ĦAJJA TA' DEJJEM

### Kristu l-qofol ta' ħajjitna

It-tieni qari tal-Quddiesa ta' llum jurina x'imħabba kellu San Pawl għal Kristu: Kristu kien għalih l-ħajja kollha tiegħu, u l-aqwa xewqa li kellu kienet li jħalli d-dinja biex jingħaqad għal dejjem ma' Kristu; iżda fl-istess ħin kellu xewqa kbira li jara 'l Kristu magħruf u maħbub minn kulħadd, u ghalhekk ried jibqa' jgħix ħa jkun jista' jwassal il-Bxara t-tajba ta' Kristu sa truf l-art kollha biex lil dawk li hu rebaħ għal Kristu jkompli jwettaqhom fil-fidi tagħhom fih: ħaġa waħda kien jistenna minnhom li dejjem u kullimkien iġibu ruħhom kif jixraq l-Evanġelju ta' Kristu. Aħna li niftaħru li aħna wlied San Pawl għandna nkunu nixbħuh u nagħmlu 'l Kristu l-qofol tal-ħajja tagħna, billi nġibu ruħna dejjem kif jixraq l-Evanġelju ta' Kristu. X'irridu nagħmlu għalhekk biex inġibu ruħna dejjem skond ma jkun jixraq l-Evanġelju? Irridu l-ewwelnett immiddu idejna għax-xogħol li għalih il-Mulej isejħilna nagħmlu fil-għalqa tiegħu biex inkunu nistgħu niksbu l-ħajja ta' dejjem, u mbagħad, biex ma nitfixklux minħabba s-sejħat li jaghmel il-Mulej, irridu niftakru dejjem li t-triqat tal-Mulej m'humiex it-triqat tal-bnedmin, il-fehmiet tiegħu m' humiex il-fehmiet tagħna.

### Il-fehmiet ta' Alla

Il-parabbola tal-ħaddiema li ġew imsejħin biex imorru jaħdmu fil-għalqa f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, imma mbagħad ilkoll irċevew l-istess ħlas imwiegħed lil dawk li

ħadmu l-ġurnata kollha, parabbola li ħabbbarhielna llum l-Mulej fl-Evanġelju, aktarx nifhmuha fis-sens li l-bniedem, ikun xi jkun il-mument, li fih idur lejn Alla u jibda jgħix ħajja tajba, jikseb, il-premju ta' l-aħħar ta' dejjem, jekk jibqa' fidil lejn Alla sa tmiem ħajtu fid-dinja: kemm jekk għex ħajtu kollha b'fedeltà sħiħa lejn Alla sa minn tfulitu, u kemm jekk tħabbeb ma' Alla fl-aħħar mumenti ta' ħajtu, hu jikseb il-ħajja ta' dejjem, għax il-Mulej, igħidilna l-profeta Isaija fl-ewwel qari ta' llum jħenn u jaħfer ħafna u għalhekk dejjem lest biex iħaddan il-bniedem miegħu malli dan idur lejh jitolbu maħfra, ikun x'ikun il-ħin li fih dan iseħħ.

In-nies ta' żmien Isaija, u ħafna nies tul iż-żminijiet kollha, kienu jaħsbu u għadhom jaħsbu li din m'hijiex ħaġa sewwa: mhux sewwa li bniedem midneb li jikkonverti fl-aħħar mumenti ta' ħajtu, jirċievi l-premju tal-ħajja ta' dejjem daqs bniedem ieħor li tul ħajtu kollha ma għamel ebda dnub. Iżda l-Mulej iwieġeb: "Il-fehmiet tiegħu m'humiex fehmietkom, u t-triqat tiegħu m'humiex triqatkom" – Alla ma jaħsibx kif jaħsbu l-bnedmin, u għalhekk ebda bniedem ma jista' jasal qatt biex jifhem il-ħsibijiet ta' Alla, għax ebda bniedem ma jasal biex jifhem il-kobor, l-għoli u l-fond, il-wiesgħa u t-tul tat-tjieba, tal-ħniena, tas-sabar, tal-mogħdrija u fuq kollox ta' l-imħabba ta' Alla għall-bniedem, maħluq għal Alla, maħluq fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla. Quddiem dan il-kobor bla qjies ta' l-imħabba ta' Alla għalina, ma nistgħux nagħmlu ħaġ' oħra ħlief bħal San Pawl nagħmlu 'l Kristu l-ħajja kollha tagħna, u sakemm aħna f'din id-dinja nħabirku biex Kristu jkun magħruf dejjem iżjed biex meta jasal il-waqt imbagħad nithennew għal dejjem miegħu fis-sema.

## Tul ħajjitna msejħin inħabirku biex Kristu jkun magħruf.

Ilkoll kemm aħna, tul ħajjitna kollha aħna msejħin biex nħabirku ħalli Kristu jkun dejjem aktar magħruf u maħbub, u s-sura tat-tħabrik tagħna biex Kristu jkun dejjem aktar magħruf tinbidel skond l-għomor li jkollna. Il-ħinijiet li fihom sid il-għalqa sejjaħ il-ħaddiema biex imorru jaħdmu fl-għalqa tad-dwieli tiegħu nistgħu nehduhom li ifissru l-etajiet differenti tal-bniedem: it-tfulija, iż-żogħżija, iż-żmien meta l-bniedem jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu, iż-żmien meta tibda tonqsu saħtu, ix-xjuħija: f'kull żmien il-bniedem hu msejjaħ biex iħabrek għall-għarfien ta' Kristu mid-dinja, għall-bini tas-Saltna tiegħu fid-dinja. Meta wieħed ikun għadu tifel hu jagħti xhieda ta' Kristu billi fi tfulitu jkun jixbaħ lit-tfajjel Ġesù fid-dar ta' Nazaret u waqt li kien jikber fil-għerf, fil-għomor u fil-qdusija quddiem Alla u quddiem il-bnedmin, kien jobdi 'l Ommu Marija u San Ġużepp u joqgħod għalihom f'kollox. Iż-żagħżugħ, fil-ħeġġa kollha ta' żogħżitu jagħti xhieda ta' Kristu huwa u jwieġeb għas-sejħat li jagħmillu l-Mulej u ma jaqtax qalbu mis-sagrifiċċji u ċ-ċaħdiet li s-sejħa tkun titlob minnu. Ix-xhieda tal-bniedem fl-aħjar ta' żmienu hija xhieda li jagħti bl-impenn tiegħu ħa jwassal 'il Kristu fl-ambjenti kollha li fihom igħix u jaħdem u fit-tweġiba ħerqana li hu jagħti għal xi sejħa speċjali li jagħmillu l-Mulej u għal xi mpenji wisq aktar impenjativi għall-bini tas-Saltna ta' Kristu fid-dinja. U meta l-bniedem iħoss li saħtu qed tonqoslu, dan ma jfissirx li ntemmlu ż–żmien tal-ħidma fil-għalqa tal-Mulej: minnu l-Mulej jkun jistenna sura ta' ħidma oħra, ħidma inqas impenjattiva, ħidma ta' volontarjat fil-ħafna oqsma tal-ħajja tal-Knisja fid-dinja ta' llum; fi xjuħitu mbagħad il-bniedem jagħti xhieda ta' Kristu bil-pariri li hu jagħti lil min

hu iżgħar minnu fil-għomor, bil-ħajja tiegħu mimlija b'ħafna mumenti ta' radd il-ħajr għall-imgħoddi u bi ħsibijietu aktar ta' spiss fid-dehra ħienja tas-Salvatur tiegħu hekk fil-qrib għalih.

Dawn il-ħafna suriet ta' ħidma fl-għalqa tal-Mulej kollha għandhom ħlas wieħed: il-ħajja ta' dejjem, ħlas li mhux se jqanqal l-għira ta' ħadd, bħalma ma ġara fil-parabbola: biha Ġesù ma riedx jagħtina tagħlim dwar il-ħlas xieraq tal-ħaddiema imma dwar il-premju tal-ħajja ta' dejjem li Alla fil-ħniena bla qjies tiegħu jagħti lil dawk kollha li jħallu din id-dinja fi ħbiberija miegħu.

IS-26 ĦADD TAS-SENA

# NAGĦMLU TASSEW IR-RIEDA TA' ALLA

## Min jagħmel ir-rieda ta' Alla.

Il-parabbola li smajna fl-Evanġelju ta' llum, parabbola li biha Ġesù ried iċanfar lill-qassisin il-kbar u lix-xjuħ tal-poplu, hi ċanfira wkoll għal dawk fostna li jidhrilhom li huma dejjem għexu ħajja tajba u jisgħob bihom imbagħad meta midneb jindem u jibda jgħix ħajja tajba, u hekk ikun jista' jikseb is-salvazzjoni. Il-ħsieb ta' nies bħal dawn ifissirulna sewwa l-profeta Eżekjel fl-ewwel qari ta' llum. "Mhux sewwa l-imġiba tal-Mulej," igħidu dawn in-nies, "għax mhux sewwa li midneb jerġa' lura mid-dnub u jagħmel is-sewwa u hekk isalva ruħu, u lanqas hu sewwa li bniedem ġust li fl-aħħar ta' ħajtu jagħmel dnub, jmut bih u jintilef għal dejjem."

Min jaħseb b'dan il-mod ma jafx x'inhi l-ħniena ta' Alla: Alla dejjem lest jaħfer lil min jindem minn dnubietu għax Alla ma jridx il-mewt tal-midneb imma li jindem u jgħix. Mill-bniedem Alla jrid biss li dan jagħmel ri-rieda tiegħu, imma jridu jagħmilha mhux bil-kliem biss, imma bil-fatti u tassew. U hija dwar dan il-parabbola li biha Ġesù ċanfar il-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu: kienu nies li kienu jaħsbu li qegħdin jagħmlu r-rieda ta' Alla għax quddiem in-nies kienu jidhru li qegħdin iħarsu l-liġi ta' Alla sa l-inqas tikka waqt li qalbhom kienet mimlija b'kull xorta ta' ħażen. Bħalhom huma dawk fostna li jiġu spiss il-Knisja, jitqarbnu u jqerru u jaghmlu ħafna karità, iżda mbagħad ma jkunux iridu jinsew il-ħtijiet li jsirulhom, jżommu f'qalbhom sentimenti ta' għira u ta' mibgħeda, jqassu fuq in-nies, joħolqu nkwiet u tilwim: dawn mhux qed jagħmlu r-rieda ta' Alla, għalkemm quddiem in-nies jidhru bħala nies ġusti; m'humiex jagħmlu r-rieda ta' Alla għax ma jafux x'inhi l-imħabba ta' għajrhom u lesti jmaqdru 'l kulħadd. Dawn huma bħat-tifel iż-żgħir tal-parabbola li meta missieru bagħtu jaħdem fil-għalqa qallu: "Arani sejjer", u ma mar xejn!

## Il-ħarsien veru tar-rieda ta' Alla.

L-iben il-kbir imbagħad huwa x-xbieha ta' kotra kbira ta' nies li tul ħajjithom kemm-il darba jonqsu li jagħmlu r-rieda ta' Alla, imma mbagħad, jerġa' jibdilhom u jisgħob bihom għan-nuqqas tagħhom, u jibdew jagħmlu dak li Alla jrid minnhom: jindmu minn

dnubiethom u jibdew jgħixu ħajja ġdida u jiksbu s-salvazzjoni.

Il-kundanna ta' Ġesù għal dawk li juru li huma ġusti iżda fil-fatt ma jkunux jagħmlu r-rieda ta' Alla hi kundanna iebsa: "Il-pubblikani u n-nisa tat-triq jidħlu qabilkom fis-saltna ta' Alla għax intom ma emmintux meta tħabbritilkom it-triq tal-ġustizzja, waqt li l-pubblikanu u n-nisa tat-triq, u l-midinbin kollha, emmnu u salvaw, u intom rajtu dan u bqajtu fil-għama tagħkom, anzi għidtu li m'hijiex sewwa t-triq tal-Mulej."

Dan il-kliem ta' Ġesù għandu jħassibna ħafna u jġiegħelna nidħlu ftit sewwa biex ngħarblu lilna nfusna ħa naraw aħniex mixjin sewwa quddiem Alla; qegħdin naqdu dmirijietna bħala nsara, inqaddsu Jum il-Mulej, nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, nagħmlu karità, nagħmlu penitenza: b'hekk qed nagħmlu r-rieda ta' Alla, imma nistaqsu, qegħdin nagħmlu r-rieda ta' Alla f'kollox, u l-aktar fil-ħarsien tal-preċett ta' l-imħabba?

San Pawl fit-tieni qari ta' llum, igħinna nsibu tweġiba għal din il-mistoqsija tagħna, meta lill-Filippin igħidilhom kif għandha tkun l-imġiba tagħhom bħala insara. "Tagħmlu xejn bl-ambizzjoni, anqas għall-frugħa; kunu umli, u kull wieħed minnkom iqis lill-ieħor aħjar minnu; tfittxux kull wieħed li jaqbillu, imma li jaqbel lil ħaddieħor; aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù, li għad li kellu n-natura ta' Alla ċekken lilu nnifsu u sar bniedem bħalna; obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib; għalhekk Alla għollih u tah l-isem li hu fuq kull isem." Fi kliem ieħor San Pawl igħidilna li jekk irridu niksbu is-salvazzjoni irridu nagħmlu dejjem ir-rieda ta' Alla, bħal Kristu; iridu jkollna l-istess sentimenti ta' Kristu, dawk is-sentimenti li San Pawl isemmi fl-Ittra lill-Kolossin, sentimenti ta' ħniena, tjieba, mogħdrija, sabar, maħfra u fuq kollox imħabba.

Jekk inqasna xi darba minn dan, ma nibżgħux, ma naqtgħux qalbna; Alla hu ħanin, u jekk jisgħob bina għal dawn in-nuqqasijiet tagħna lest biex jaħfrilna. Għalhekk nilqgħu l-istedina li qiegħda tagħmlilna l-Knisja llum bi kliem San Pawl biex inkunu qalb waħda u ruħ waħda fl-imħabba ta' xulxin: "Jekk hemm xi faraġ fi Kristu, jekk hemm xi kelma ta' ħlewwa fl-imħabba, jekk hemm xi xirka fl-Ispirtu, jekk hemm xi ħniena u mogħdrija, kunu fehma waħda u ferħuni; ħa jkollkom l-istess imħabba u kunu ruħ waħda u ħsieb wieħed", biex ix-xhieda li tagħtu ta' Kristu quddiem id-dinja tkun xhieda li jemminha kulħadd.

## IS-27 ĦADD TAS-SENA

# L-GĦALQA TAL-MULEJ

## Il-ġrajja tal-poplu tal-Patt il-Qadim

"L-għalqa tal-Mulej hija d-dar ta' Israel": hekk għidna wara t-tħabbira tal-profeta Isaija. Fl-ewwel qari ta' llum Isaija jxebbah il-poplu ta' Alla ta' żmien il-Patt il-Qadim ma' għalqa tad-dwieli, għalqa li sidha ħa ħsiebha sewwa u stenna minnha li tagħtih għeneb bnin fi żmienu, iżda flok għeneb tajjeb tagħtu għeneb qares, għalhekk sidha l-għalqa tiegħu għamilha ħerba, xagħra, mħarbtha mill-bhejjem tax-xagħri.

B'din it-tixbiha l-profeta kien qiegħed iħabbar il-waqa' ta' Israel, iċ-ċaħda tal-poplu tal-Patt il-Qadim, tħabbira li għamilha wkoll il-Mulej Ġesù bil-parabbola ta' l-Evanġelju ta' llum, parabbola li taħt it-tixbiha ta' għalqa tad-dwieli mqabbla lil xi bdiewa għandna l-ġrajja kollha tal-poplu tal-Patt il-Qadim.

Kien poplu ta' ras iebsa, il-poplu li Alla ħabb fuq il-popli l-oħra kollha, u għażlu biex ikun il-poplu tiegħu, biex fostu jżomm ħajja u bla mittiefsa l-wegħda tal-Messija u s-Salvatur tad-dinja; poplu ta' ras iebsa li kemm-il darba tbiegħed mit-triq tal-Mulej u kiser il-kmandamenti tiegħu u fittex id-drawwiet moqżieża tal-ġnus ta' madwaru; iżda Alla fil-ħniena u l-imħabba tiegħu kien jibgħatilhom il-profeti biex iwissuhom u jreġgħuhom fit-triq it-tajba, iżda dawn il-profeti kienu jsibu biss tmaqdir, persekuzzjonijiet u xi kull tant il-mewt ukoll. U meta l-Iben ta' Alla niżel mis-sema u ġie bniedem bħalna, wieħed mill-poplu li Alla għażel għalih, ma ridux jisimgħu l-kelma tiegħu u ċaħduh quddiem Ponzju Pilatu u ġiegħeluh isallbu barra l-belt tagħhom. Għalhekk Alla warrabhom u għażel għalih poplu ġdid, poplu minn kull ġens u minn kull nazzjon u minn kull ilsien.

Meta l-Lhud ma riedux jilqgħu l-Bxara t-tajba ta' Kristu, huma ġew imwarrbin u l-Evanġelju tħabbar lill-ġnus li laqgħuh bil-qalb u b'ferħ kbir. Iżda, igħidilna San Pawl, it-twarrib tal-Lhud m'huwiex għal dejjem, għax Alla qatt ma jonqos mill-wegħdiet tiegħu, il-wegħdiet li Alla għamel lill-poplu tiegħu tal-Patt il-Qadim għadhom hemm, u dan il-poplu għadu maħbub minn Alla għax Hu nnifsu tahom il-liġijiet u l-liturġija tagħhom, minn ħdanhom ħarġu l-Appostli, ħarġet l-Omm ta' Alla, u Ġesù bħala bniedem kien wieħed minnhom. Jekk it-twarrib tal-Lhud ġab kotra ta' barka għall-ġnus, x'kotra akbar ta' barka għad iġib lill-Knisja l-mument li fih il-Lhud ukoll jagħarfu li Ġesù hu l-Messija li sa llum għadhom jistennewh jiġi, igħilna San Pawl.

## Ġrajja li għandha tħassibna

Il-ġrajja tal-poplu Lhudi mħabbra fil-Kotba Mqaddsa għandha tħassibna ħafna, tħassibna mhux għax il-Knisja ta' Kristu għad xi darba tiġi fix-xejn – dan ma jistax jiġri għax Kristu hu dejjem mal-Knisja tiegħu sa l-aħħar taż-żmien, imma jista' jiġri, u ġara kemm-il darba tul dawn l-elfejn sena, li xi fergħa tal-Knisja f'xi mkien tinxef u tmut jew tiddgħajjef. Jekk inħarsu madwarna fid-dinja ta' llum naraw pajjiżi sħaħ li fl-ewwel mijiet ta' snin tal-Knisja kienu pajjiżi nsara, u taw kotra kbira ta' qaddisin u ta' martri lill-Knisja, illum ma għadhom aktar pajjiżi nsara; pajjiżi oħra li ilhom li laqgħu t-tħabbira ta' l-Evanġelju mijiet ta' snin ilu huma llum pajjiżi nsara biss ta' l-isem; iżda f'kull pajjiż fejn il-fidi nisranija ġiet fix-xejn, baqa' dejjem xi fdal tal-poplu ta' Alla, li baqa' jagħti xhieda ta' Kristu minkejja t-tfixkil kollu li jsib. Dak li ġara fil-pajjiżi fejn illum jaħkem il-Mislem, pajjiżi li fl-imgħoddi kienu nsara, għad fadal komunitajiet ta' nsara li baqgħu jgħożżu l-fidi nisranija tul il-mijiet tas-snin, u fil-pajjiżi ta' l-Ewropa li ħaddnu l-Evanġelju mijiet ta' snin ilu u llum huma biss pajjiżi nsara ta' l-isem. għad hemm komunitajiet ta' nsara li qed igħixu fidi ħajja u qed jagħtu xhieda ta' Kristu. Dan jurina li jagħmlu x'jagħmlu s-setgħat tal-ħażen qatt ma huma sejrin jeqirdu l-Knisja ta' Kristu u għad jasal il-waqt, meta Alla jrid u kif Alla jrid, il-Knisja f'dawk il-pajjiżi għad tidher mill-ġdid fil-ġmiel kollu tagħha, għaliex il-bibien ta' l-infern ma huma se jegħilbu qatt il-Knisja li Kristu bena fuq il-blata li hi Pietru.

## It-tħassib tagħna.

Il-ġrajja tal-poplu Lhudi, tħasseb ħafna lilna wkoll, lilna li mill-pajjiżi kollha li fihom San Pawl ħabbar l-Evanġelju, biss bqajna sħaħ fil-fidi kattolika. Sa issa ma ċħadniex il-wirt tal-fidi nisranija li ħallewlna missirijietna u l-irwiefen tal-ħażen sa llum ma rnexxilhomx iqaċċtu s-siġra tal-fidi li ħawwel San Pawl f'artna; iżda, se jiġri 'l quddiem jiddependi minna u minn uliedna. Jekk irridu ngħaddu bla mittiefsa l-fidi nisranija lil uliedna u lil ulied uliedna, irridu nagħtu widen għal dak li qaltilna l-Knisja fit-tieni qari ta' llum, bi kliem l-Appostlu lill-Filippin: Dejjem "aħsbu f'kull ma hu veru, f'kull ma hu xieraq, f'kull ma hu qaddis, f'kull ma hu safi, f'kull ma jiġbed l-imħabba, f'kull ma jistħoqqlu qima, f'kull ma hu virtù, f'kull ma ħaqqu tifħir." Jekk naħsbu u nfittxu dan kollu, Alla tas-sliem ikun magħna, jagħtina dak is-sliem li jgħaddi kull ma' l-moħħ tal-bniedem jista' jaħseb jżommilna qalbna u moħħna sħaħ fi Kristu.

### IT-28 ĦADD TAS-SENA

# IL-MEJDA TAL-MULEJ

## Il-Mejda tal-Mulej.

Il-parabbola li l-Mulej xandrilna llum fl-Evanġelju hija l-parabbola dwar il-mejda tat-tieġ tal-Ħaruf fis-Saltna tas-Smewwiet, mejda mħabbra wkoll mill-profeta Isaija, mejda li għaliha huma mistednin il-ġnus kollha ta' l-art, li jkollhom fuqhom il-libsa tat-tieġ, mejda li ma jkunux iridu jmorru għaliha dawk li qalbhom marbuta mal-ġid ta' l-art li jgħaddi.

Isaija jitkellem dwar mejda b'ikel fin u mbejjed fini li l-Mulej iħejji fuq l-għolja ta' Sijon, li għaliha huma mistednin il-popli kollha, u biex dawn ikunu jistgħu jieħdu sehem fiha Alla se jċarrat l-għamad minn għajnejn il-ġnus, dak l-għamad li ma jħallihomx jaraw il-verità ta' Alla. Dawk li jkunu mistiedna ghal din il-mejda Alla jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom, u għalihom ma jkunx hemm iżjed mewt, jew niket, jew ağħjat, imm hena u sliem bla qjies għal dejjem.'

Taħt dawn ix-xbihat il-profeta qed iħabbrilna l-hena tas-Saltna tas-Smewwiet li għalih huma msejħin il-bnedmin kollha.

Kulħadd hu mistieden, iżda joqogħdu għall-mejda biss dawk li huma lebsin il-libsa tat-tieġ; dan ifisser li kulħadd hu msejjaħ għas-Saltna tas-Smewwiet, iżda biex jidħol jrid jkun safi minn kull tinġis tad-dnub, minn kull rabta ħażina mal-ġid ta' l-art li jgħaddi. Fis-sema ma hemmx post għal min bl-imġiba tiegħu ma jogħġobx lil Alla.

## Il-Libsa tat-tieġ

Aħna lkoll nixtiequ li nkunu mistiedna għall-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf fis-Saltna tas-Smewwiet, u għalhekk nistaqsu liema hi l-libsa tat-tieġ li rridu nilbsu biex insibu postna fuq il-mejda li l-Mulej ħejja għall-popli kollha fuq l-għolja ta' Sijon, fis-sema. Igħidulna

San Pawl fit-tieni qari ta' llum, huwa u jkellimna fuq ħajtu stess: "Naf ngħix fil-għaks," igħidilna, "naf ngħix fil-ġid; kollox drajt ... għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' Dak li jqawwini". San Pawl, fi kliem ieħor qed igħidilna li dejjem għamel dak li Alla ried minnu, aċċetta kollox minn idejn Alla, xaba' u ġuħ, ġid u għaks, għax din kienet ir-rieda ta' Alla għalih, u seta' jagħmel dejjem ir-rieda ta' Alla, għax Alla wettqu bil-grazzji tiegħu. Aħna: inkunu lebsin il-libsa għat-tieġ tal-Ħaruf fis-Saltna tas-sema, jekk fuq l-art nagħmlu dejjem ir-rieda ta' Alla, ikunu x'ikunu d-diffikultajiet li magħhom niltaqgħu, diffikultajiet li ma għandhomx jaqtgħulna qalbna għax ikollna l-grazzja ta' Alla li dejjem tqawwina.

## L-Ewkaristija

Il-grazzja ta' Alla li tqawwina fil-mixi tagħna f'din id-dinja tiġina l-aktar mit-tisħib tagħna fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti Mqaddsa u l-aktar ta' l-Ewkaristija, li hi xbieha taċ-ċelebrazzjoni ta' l-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf fis-sema.

Kull darba li aħna nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija aħna nkunu qegħdin inħejju ruħna għat-tisħib sħiħ tagħna fil-Liturġija tas-sema, u dan aħna nixħduh kull darba kull darba li "fiċ-ċokon tagħna" nitolbu biex "l-Anġlu qaddis: ta' Alla iwassal l-offerta tagħna "fuq l-artal tiegħu tas-sema" (Kanone Ruman). Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija f'din id-dinja mhux ħlief dehra mċajpra tal-Liturġija ta' Ġerusalemm tas-sema, il-belt qaddisa li lejha aħna mexjin inkantaw salmi, innijiet u kantiċi spiritwali b'radd ta' ħajr lil Alla. Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija f'din id-dinja hi dejjem ċelebrazzjoni ta' kommunità miexja lejn l-Art Imwegħda, is-sema pajjiżna, komunità li għalkemm mifdija, għadha taħt il-jasar tat-taħsir, toqrob u titniehed tistenna l-ħelsien ta' wlied Alla, hija u tħabbar il-mewt il-Mulej, u xxandar il-qawmien tiegħu, waqt li tistiennieh jiġi fil-glorja. F'kull ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija l-Knisja tmur 'l hemm mis-sura ta' din id-dinja li tgħaddi, b'ħarsitha lejn Kristu, fuq il-lemin tal-Missier, imdawwar bl-Anġli u l-Qaddisin kollha tiegħu. Kull ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija madwar il-mejda tal-Mulej fuq l-art hija dehra dgħajfa taċ-ċelebrazzjoni madwar il-mejda tat-tieġ tal-Ħaruf fis-sema, hija tħejjija għat-tisħib tagħna fil-mejda tas-sema, hija mument qasir li fih il-Mulej jagħtina li nġarrbu għal ftit waqtiet l-hena u s-sliem li hemm imħejji għalina fis-sema għal dejjem.

**Id-29 Ħadd tas-sena**

# IL-ĠURNATA MISSJUNARJA

## Il-ħidma missjunarja fil-Knisja.

Bi kliem Missierna San Pawl illum, il-Knisja tistedinna niżżuħajr lil Alla għall-ħidma kollha li qiegħda ssir fid-dinja minn dawk li, imqanqlin mill-fidi tagħhom u mill-imħabba tagħhom għal ħuthom il-bnedmin, iħallu kollox biex imorru f'pajjiżi 'l bogħod minn art twelidhom biex b'egħmil ta' qawwa u bl-Ispirtu s-Santu u b'ħafna perswazjoni jħabbru l-Evanġelju ta' Kristu lill-ġnus li għadhom mexjin fid-dlamijiet u fid-dell tal-

mewt. Din il-ħidma ilha sejra fil-Knisja bla ebda waqfien sa minn l-ewwel Għid il-Ħamsin, meta l-Appostli, imwettqin mill-Ispirtu s-Santu li ssawwab fuqhom kif wegħdhom il-Mulej innifsu, xterdu ma' kullimkien ixandru 'l Kristu msallab u rxoxt. Il-ħidma ta' l-Appostli komplewha dawk li ġew warajhom, dawk li l-Appostli għażlu minn ħdan il-poplu ta' Alla biex ikomplu l-missjoni tagħhom fid-dinja. U hekk it-tħabbira ta' l-Evanġelju bdiet minn Ġerusalemm u tkompliet fil-Lhudija kollha u fis-Samarija, u xterdet max-xtut kollha tal-Mediterran, u kompliet tinxtered u għadha tinxtered illum wkoll biex il-ġnus kollha ta' l-art jaraw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna, kif il-Mulej innifsu ordna lill-Appostli qabel ħalliehom biex jerġa' lura għand il-Missier: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba."

## Dmir ewlieni tal-Knisja.

Ix-xandir tal-Bxara t-tajba hu għalhekk dmir ewlieni tal-Knisja kollha, u meta ngħidu Knisja ma nkunu nifhmu biss l-isqfijiet, is-saċerdoti u r-reliġjużi, għax il-Knisja hija x-xirka ta' l-imgħammdin kollha, ta' dawk kollha li jistqarru li Kristu hu l-Mulej u tgħammdu fl-isem tal-Missier, u ta' l-Iben, u ta' l-Ispirtu s-Santu. Għalhekk ix-xandir tal-Bxara t-tajba hu dmir ta' l-insara kollha, hu dmir ta' kull nisrani; u biex kull wieħed minna jagħraf sewwa dan id-dmir tiegħu, il-Papa Piju XI fl-1926 waqqaf il-Ġurnata Missjunarja. Minn dik is-sena, kull sena l-Papa jibgħat messaġġ lill-Knisja kollha biex ifakkar lill-insara kollha fid-dmir tagħhom li jagħtu sehemhom fix-xandir ta' l-Evanġelju lill-ġnus kollha ta' l-art.

## Il-messaġġ tal-Papa

Fil-messaġġ tiegħu ta' din is-sena l-Papa jitkellem fit-tul fuq id-dmir tas-saċerdoti u tar-reliġjużi li joħolqu spirtu missjunarju ħaj fil-poplu nisrani kollu, biex kull nisrani jaqdi d-dmir tiegħu għax-xandir ta' l-Evanġelju mill-aħjar li jista', aktar u aktar f'dan iż-żmien, meta l-mixi tal-Knisja lejn il-għatba tat-tielet elf sena wara Kristu hu hekk mimli b'tamiet kbar għall-ġejjieni minkejja l-ħafna tiġrib u l-ħafna diffikultajiet li magħhom il-Knisja qed tiltaqa'. Il-Papa jistqarr li fil-vjaġġi pastorali tiegħu mad-dinja kollha, u l-aktar fil-pajjiżi tat-tielet dinja, tolqtu ħafna il-fidi ħajja tal-ġnus li fi żminijietna qed iħaddnu t-twemmin nisrani, minkejja l-faqar kbir li bih huma mġarrbin. Hu dan il-fatt li jimla l-Papa b'tamiet kbar għall-ġejjieni tal-Knisja fid-dinja, u għalhekk iħeġġiġna biex nitolbu lil Alla, lil Sid il-ħsad ħa jibgħat ħafna ħaddiema fil-ħsad tiegħu għax il-ħsad kbir imma l-ħaddiema ftit.

It-talb tagħna hu meħtieġ fuq li meħtieġ, flimkien ma' l-għajnuna materjali kollha li nistgħu nagħtu. Aħna lkoll għandna nkunu missjunarji, iżda biex inkunu missjunarji ma hemmx għalfejn inħallu pajjiżna u mmorru nagħtu xhieda ta' Kristu f'pajjiżi mbegħda: dan jagħmluh dawk li lilhom Alla jagħti vokazzjoni missjunarja; aħna nistgħu nkunu missjunarji f'pajjiżna stess, l-ewwelnett bit-talb tagħna, imbagħad bl-eżempju ta' ħajja nisranija li nagħtu lil dawk li m'humiex insara u qegħdin jgħixu fostna, fil-parroċċi tagħna – fil-messaġġ tiegħu l-Papa igħidilna li hu dmir tagħna nwasslu l-Evanġelju lil dawn in-nies almenu bl-eżempju tagħna – u billi ngħinu l-Opri Missjunarji Pontifiċji bil-kontribuzzjonijiet tagħna biex ikunu jistgħu jinbnew knejjes u seminarji fl-artijiet tal-

missjoni, u biex il-missjunarji u l-katekisti u dawk kollha li jgħinuhom fl-art tal-missjoni jkollhom il-meħtieġ għall-ħajja.

## X'jistenna Alla minna

Alla jistenna minna din il-ħidma, għaliex fil-provvidenza tiegħu tal-għaġeb, ried li isieħeb il-bnedmin miegħu biex is-salvazzjoni tiegħu tasal sa truf l-art kollha. Hu Alla li jmexxi l-ġrajjiet kollha tal-bnedmin, kif naraw mill-ewwel qari ta' llum: il-profeta Isaija jgħidilna li kien Alla li għażel lil Ċiru biex ikun sultan ta' Babel u jeħles il-poplu Lhudi mill-jasar li fih kien jinsab tul sebgħin sena, iżda dan jagħmlu permezz tal-bnedmin, permezz ta' egħmilhom, kemm jekk ikun egħmil tajjeb u kemm jekk le, għax Alla, fil-provvidenza tiegħu, jagħraf joħroġ it-tajjeb mill-ħażin li jagħmlu l-bnedmin.

Hu dmir tagħna li nroddu ħajr lil Alla għax iseħibna miegħu fil-provvidenza tiegħu, li biha jmexxi ġrajjiet il-bnedmin, u għandna għalhekk infittxu nagħmlu dejjem dak li jogħġob lil Alla; dan nagħmlu jekk nagħtu widen għat-twissija li għamlilna llum il-Mulej fl-Evanġelju: "Agħtu li Alla dak li hu ta' Alla, u lil Ċesri dak li hu ta' Ċesri!"

## Nagħtu 'l Alla dak li hu ta' Alla

Aħna l-insara aħna ċittadini tal-belt ta' Alla, imma aħna wkoll ċittadini tal-belt tad-dinja; bħala ċittadini tal-belt ta' Alla aħna għandna dmirijiet lejn Alla u lejn ħutna fil-fidi u lejn il-bnedmin kollha li rridu nwassluhom biex huma wkoll jiksbu d-don tal-fidi; bħala ċittadini tal-belt tad-dinja aħna għandna dmirijiet lejn art twelidna u lejn il-bnedmin kollha ta' l-art għax aħna lkoll familja waħda, ilkoll ulied Adam. Ma jkunx hemm konflitti bejn id-dmirijiet tagħna lejn Alla u d-dmirijiet tagħna lejn pajjiżna, jekk kollox isir skond il-verità u l-ġustizzja; hu biss meta fl-egħmil tal-bnedmin jonqsu l-verità u l-ġustizzja, aħna fid-dmir li nobdu aktar 'l Alla milli nobdu l-bnedmin.

Jalla dejjem naqdu mill-aħjar li nistgħu dmirijietna lejn Alla u lejn pajjiżna u lejn ħutna l-bnedmin kollha ta' kull ġens u ta' kull ilsien biex is-saltna ta' Alla fid-dinja dejjem aktar tikber u tinxtered u meta jasal il-waqt aħna niksbu l-glorja ta' Sidna Ġesù Kristu.

### IT-30 ĦADD TAS-SENA

# IL-KMANDAMENT TA' L-IMĦABBA

## Il-Vera mħabba ta' Alla.

Il-mistoqsija li wieħed mgħallem fil-liġi għamel lil Ġesù, sgur mhux se nagħmluha aħna, għax ilkoll kemm aħna nafu liema hu l-akbar u l-aqwa kmandament, nafu li għandna nħobbu 'l Alla fuq kollox u l-proxxmu tagħna bħalna nfusna, u nafu wkoll li f'dan il-Kmandament ta' l-imħabba jinsabu miġbura l-kmandamenti u l-preċetti kollha tal-Mulej. Iżda mhux biżżejjed li nkunu nafu dan; jeħtieġ ukoll li nħarsu sewwa dan il-

kmandament, u hawn jeħtieġ ngħarblu ftit infusna biex naraw kif u kemm qegħdin inħarsu l-kmandament ta' l-imħabba. Nistgħu naħsbu li l-kmandament ta' l-imħabba ta' Alla aħna qegħdin inħarsuh sewwa, għax lil Alla aħna nħobbuh, waqt li nammettu li kemm-il darba nqasna mill-imħabba tal-proxxmu tagħna, issa għal ħaġa u issa għal oħra; iżda jekk ngħarblu sewwa l-imġiba tagħna naraw li spiss nonqsu wkoll mill-imħabba ta' Alla, għax 'l Alla ma nħobbuhx biżżejjed.

Fit-tieni qari ta' llum San Pawl ifaħħar lit-Tessalonkin għaliex laqgħu l-Kelma ta' Alla bil-ferħ ta' l-Ispirtu s-Santu minkejja t-tbatijiet ta' kull xorta li huma ġarrbu, u tbegħdu mill-qima ta' l-idoli tagħhom: tant tħeġġu fil-fidi nisranija t-Tessalonkin li, San Pawl igħidilhom, kienu ta' eżempju għall-insara kollha tal-Maċedonja u ta' l-Akaja. Issa, nistaqsu ftit lilna nfusna, San Pawl jista' jgħid għalina l-kliem li qal għat-Tessalonkin? qegħdin inwarrbu minna l-qima ta' l-idoli ta' żminijietna biex inqimu biss 'l Alla l-ħaj? Jew aħna, għalkemm ngħidu li nħobbu 'l Alla, qegħdin inwarrbuh fil-ġenb biex infittxu l-għana, s-setgħa, il-flus, ix-xalar bla rażan, l-infiq bl-addoċċ, f'kelma waħda dak kollu li n-nies tad-dinja ta' llum qegħdin jagħmluhom l-allat tagħhom? U meta l-Mulej waqt it-tħabbira tal-Kelma tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, jistedinna biex nerfgħu salibna u mmorru warajh, biex niċħdu lilna nfusna u noffru ruħna lilu bħala vittmi ta' mħabba billi mmutu għad-dnub u għal kull xorta ta' ħażen, aħna din il-Kelma ta' Alla nilqgħuha bħala l-kelma ta' Alla lilna, jew nqisuha bħala kelma li Alla qed igħidha biss għall-qassisin, għas-sorijiet u għall-patrijiet u mhux ukoll għal kull bniedem li hawn fid-dinja? Mlt-tweġiba li aħna nagħtu għal dawn il-mistoqsijiet, il-kuxjenza tagħna jekk ma noħonquhiex, turina jekk tassew inħobbux 'l Alla fuq kollox u qabel kollox.

## L-imħabba tal-proxxmu.

Wisq aktar għandha tħassibna l-imħabba tal-proxxmu, għaliex l-imħabba ta' Alla titqejjel mill-imħabba tal-proxxmu: daqskemm inħobbu l-proxxmu tagħna, aħna nħobbu 'l Alla. Dan igħidulna San Ġwann fl-ewwel ittra tiegħu: "Min igħid li jħobb 'l Alla u jobgħod il-proxxmu tiegħu, huwa giddieb, għaliex ma jsitax ikun li wieħed iħobb 'l Alla li ma jarax u mbagħad jobgħod lil għajru li hu dejjem miegħu."

L-imħabba tal-proxxmu hi ta' ħafna suriet għax jekk Alla fl-għaxar kmandamenti li ta' lil Mosè fuq is-Sinai ġabar il-preċett ta' l-imħabba ta' Alla fl-ewwel tliet kmandamenti, ġabar imbagħad il-preċett ta' l-imħabba tal-proxxmu fis-seba' kmandamenti l-oħra, kmandamenti li jrieġu l-imġiba tal-bniedem fir-relazzjonijiet kollha li jista' jkollu miegħu nnifsu u mal-bnemdin ħutu fiċ-ċirkostanzi kollha tal-ħajja; il-kmandamenti ta' Alla għalhekk ifakkruna fir-rispett u l-imħabba li għandu jkun kemm bejn il-membri kollha f'kull familja li iżda ma tridx tkun magħluqa fiha nfisha imma miftuħa lejn il-familja kollha tal-bnedmin; ifakkruna fir-rispett li għandu dritt ikollu kull bniedem mill-bnedmin ħutu, rispett li jfisser l-ħarsien tad-drittijiet fondamentali tiegħu id-dritt għall-ħajja sa mill-bidu tat-tnissil tagħha, id-dritt għax-xogħol u għall-frott tax-xogħol tiegħu, id-dritt għar-rispett ta' ġieħu.

Il-Kotba Mqaddsa tal-Patt il-Qadim, issa mod issa ieħor, ifissrulna dawn il-kmandamenti b'mod l-aktar prattiku, u eżempju ta' dan jagħtihulna l-ewwel qari ta' llum.

## L-Imħabba tal-proxxmu bil-fatti.

It-twissijiet li smajna mill-Eżodu qed iqisu l-ħajja tas-soċjetà fil-Lhudija fuq aktar mill-elfejn jew tlett elef sena ilu, iżda t-twissijiet huma mibnijin fuq preċetti li jiswew illum ukoll.

"La taħqarx il-barrani, u la tgħakksux": kif qed iġibu ruħna mal-barranin li jiġu f'pajjiżna? Kemm turisti qed jiġu mqarrqin fil-prezzijiet li jiġu mitlubin iħalsu? Kemm nuru stmerrija għal barranin li jiġi fostna minħabba l-kulur tal-ġilda jew minħabba l-imġiba tagħhom li ma taqbel xejn ma' tagħna?

"La taħqrux l-armla u l-iltim": fl-imgħoddi l-iltiema u r-romol kienu l-aktar imsejknin fost in-nies għax ma kien ikollhom 'il ħadd li jaħseb fihom; illum huma r-rifuġjati, il-ħandikappati, in-nies qiegħda, in-nies li qegħdin jgħixu f'miżerja l-aktar kbira; huma eluf ta' eluf dawn in-nies f'ħafna pajjiżi tad-dinja, f'pajjiżi sinjuri u f'pajjiżi foqra, u huma nies li għandhom dritt għall-għajnuna tagħna biex ikunu jistgħu jgħixu ħajja li tixraq il-bniedem; jekk tassew inħobbu l-proxxmu tagħna għandna ngħinuhom permezz ta' l-istituzzjonijiet tal-Knisja u ta' l-istituzzjonijiet internazzjonali. Aħna l-Maltin dejjem urejna ruħna ġenerużi ma' dawn l-imsejknin, jinsabu fejn jinsabu fid-dinja, iżda qed ngħinu, kemm nistgħu u aktar milli nistgħu, lil xi ħadd imsejken li jinsab fostna, li hu qrib tagħna? Nintebħu b'min hu ġirien tagħna u qed jistenna kelma ta' kuraġġ, kelma ta' faraġ minn għandna? Dan titolbu minna l-imħabba ta' għajrna.

Fil-ħajja tagħna ta' kull jum, dejjem ikollna okkażjonijiet biex nuru l-imħabba tagħna għal ħutna l-bnedmin fil-bżonn; m' hemmx għalfejn nagħmlu ħwejjeġ kbar u ta' l-għaġeb, xi kull tant tkun biżżejjed kelma ta' faraġ, għax il-bniedem ta' llum f'pajjiżna jeħtieġ, aktar minn għajnuna materjali, sinjali ta' mħabba ta' l-aħwa li juruh li fid-dinja ta' llum barra l-egoiżmu u l-interessi, hemm ukoll l-imħabba ta' l-aħwa.

### IL-31 ĦADD TAS-SENA

# IL-QADI VERU TA' ALLA

## Ikkonsagrati għas-servizz ta' Alla.

Kull nisrani fil-Magħmudija ġie ikkonsagrat għas-servizz ta' Alla u ġie msejjaħ biex jagħti sehmu fil-missjoni ta' Kristu, Saċerdot, Profeta u Sultan; ilkoll kemm aħna għalhekk għandna sehem mis-saċerdożju ta' Kristu, aħna msejħin biex inkunu profeti tal-Mulej, u hekk insaltnu ma' Kristu, issa f'din id-dinja u għal dejjem fis-sema. Għandna sehem mis-saċerdożju ta' Kristu għax ġejna kkonsagrati biex ma' Kristu, fi Kristu u bi Kristu noffru sagrifiċċji spiritwali ta' radd il-ħajr lil Alla l-Missier aħna u nissieħbu fl-offerta li Kristu jagħmel tiegħu nnifsu mal-Knisja il-Ġisem tiegħu fil-Quddiesa. Aħna Profeti tal-Mulej għax bl-imġiba kollha tagħna, bil-kliem u bl-egħmil, skond is-sejħa tagħna fid-dinja, nagħtu xhieda ta' Kristu u nwasslu l-kelma tiegħu fl-ambjenti kollha madwarna. Insaltnu ma' Kristu għaliex kull min jaqdi l-Mulej ikun jsaltan miegħu.

Illum Ġesù jrid jurina b'liema mod għandna naqdu din il-missjoni saċerodotali u profetika tagħna fid-dinja ħalli nsaltnu miegħu għal dejjem fis-sema, irridu naqduha skond l-ispirtu ta' l-Evanġelju, kif qdieha San Pawl Missierna, kif iridna l-Mulej Ġesù, u mhux kif kienu jaqdu l-missjoni saċerdotali tagħhom il-qassisin tal-Lhud, li minħabba l-imġiba tagħhom ġew imċanfra mhux biss mill-profeti, imma ukoll minn Kristu stess.

## Servizz Ħażin.

Il-profeta Malakija kellu kliem iebes ħafna għall-qassisin tal-Lhud ta' żmienu, għaliex moħħhom ma kienx fil-qadi tas-servizz ta' Alla, bl-imġiba tagħhom ma kinux qed jagħtu ġieh lil Alla, imma kien moħħhom biss biex jistagħnu minn fuq l-offerti li kienu jsiru fit-tempju u jqarrqu bin-nies li kienu joffru lil Alla l-aħjar mill-frott tagħhom, li l-qassisin kienu jieħdu għalihom u lil Alla joffrulu dak li jkun ħażin u ma jiswa xejn. Għalhekk Alla warrab minn quddiemu l-offerti tagħhom u ħabbar li flok l-offerti li kienu jsirulu fit-tempju ta' Ġerusalemm se tibda ssirlu offerta safja u qaddisa, offerta li togħġbu, minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, minn tarf għall-ieħor tad-dinja.

L-istess ċanfira għall-kbarat tal-Lhud għamilha Ġesù, iżda mhux b'dik l-ebusija tal-profeta. Lil dawk li kienu jisimgħuh Ġesù qalilhom jagħtu widen għall-kittieba u l-Fariżej meta huma kienu jgħallmu l-liġi lin-nies, għax kellhom is-setgħa jagħmlu dan, iżda imbagħad żied igħidilhom biex ma jkunux jixbħu lill-kittieba u lill-Fariżej fl-imġiba ta' ħajjithom, għax l-imġiba tagħhom kienet dik ta' nies kburin bihom infushom, meħdijin biss li jkollhom il-ġieħ u kull xorta ta' unuri.

## Servizz Veru

In-Nisrani, li verament irid jaqdi l-missjoni ta' Kristu fid-dinja u jagħti xhieda ta' Kristu, is-Saċerdot u l-Profeta, ma għandux ifittex il-ġieħ tan-nies, ma għandux jippretendi li jkun aħjar jew jitqies aħjar mill-insara l-oħra li bħalu jkunu qegħdin jaqdu l-missjoni li Alla sejħilhom għaliha. Dan għaliex l-insara għandhom iqisu ruħhom ilkoll aħwa, ilkoll immexxijin minn Kristu nnifsu permezz ta' dawk li Kristu għażel biex ikunu r-ragħajja u l-għassiesa tal-merħla tiegħu. Dawn stess, u dawk li huma jagħżlu għal kull ħidma ħa tiġi 'l quddiem il-missjoni ta' Kristu għas-salvazzjoni tad-dinja, ma għandhomx iqisu ruħhom bħala kapijiet u mexxejja, imma bħal l-qaddejja ta' l-oħrajn; Kristu sejħilhom biex jaqdu l-poplu tiegħu u jgħinuh fil-mixi tiegħu lejn is-sema pajjiżu. Kliem Ġesù għandu jħassibna ħafna, għandu jħasseb ħafna b'mod speċjali, lil dawk li huma mpenjati f'ħidmiet ta' appostolat: għax aħna bnedmin dgħajfa, kemm-il darba nafdaw biss fil-ħila tagħna u ninsew li bil-ħila tagħna biss ma naslu mkien; kemm-il darba naħsbu li l-fehmiet tagħna huma aħjar minn dawk ta' ħaddieħor, u nkunu rridu li jgħaddu tagħna u mhux ta' ħaddieħor; kemm-il darba ngħiru u ma nieħdux pjaċir li hemm oħrajn li qegħdin jagħmlu l-istess ħidma li qed nagħmlu aħna, u ma nieħdux pjaċir naħdmu flimkien, meta ma naslux ukoll biex infixklu 'l xulxin. U meta dan, tkun tistħoqqilna ċ-ċanfira li kellu Ġesù għall-kittieba u l-Fariżej ta' żmienu, u li kellu Malakija għall-qassisin tal-Lhud ta' żmienu; għalkemm ma nammetux u ma nintebħux, ħsibijietna u fehmnietna huma l-istess bħal dawk tal-kittieba u tal-Fariżej li kull ma kienu jagħmlu, kienu jagħmluh għall-għajnejn in-nies biex ikollhom it-tifħir tagħhom.

## L-imġiba tagħna biex nagħtu servizz tajjeb

L-imġiba tan-nisrani huwa u jkompli fid-dinja l-missjoni ta' Kristu Saċerdot, Profeta u Sultan, trid tkun bħal dik ta' San Pawl, kif jurihielna hu stess fit-tieni qari ta' llum: San Pawl mal-Filippin ġab ruħu bil-ħlewwa u ħaddanhom miegħu kif omm tħaddan magħha 'l uliedha; ried jaqsam magħhom sa l-istess ħajtu, tħabat u bata ħafna biex iwasslilhom l-Evanġelju; ma stenniex ħlas minn għandhom u biex ikollu biex igħix kien jaħdem lejl u nhar; bl-imġiba tiegħu fosthom uriehom li l-Kelma li kien qed iħabbrilhom ma kinitx il-kelma tiegħu, kelma ta' sempliċi bniedem imma l-Kelma ta' Alla stess, għalhekk laqgħuha bil-qalb. Dan hu l-ispirtu li bih irridu nagħtu xhieda ta' l-Evanġelju quddiem id-dinja ta' llum: jekk irridu l-ħidma ta' l-appostolat tagħna, jekk irridu li x-xhieda li nagħtu ta' Kristu quddiem id-dinja, tiġi milqugħa kif irriduha tkun, vera xhieda ta' Kristu, ma għandniex nippretendu tifħir u ġieh min-nies, imma għandna nkunu lesti nilqgħu kull xorta ta' tiġrib u ta' tbatija, mingħajr ma naqtgħu qalbna, irridu nkunu lesti nissagrifikaw ruħna għall-aħħar, ma nistennewx ħlief tmaqdir u tfixkil; f'kelma waħda, biex nimexxu, irridu nqisu ruħna bħala qaddejja li ma jiswew għal xejn, li għamilna biss dak li kellna nagħmlu. B'hekk nuru li aħna qaddejja fidili u għaqlin tal-Mulej li minn għandu meta jasal il-waqt nirċievu l-premju tal-ħajja ta' dejjem.

### IL-32 ĦADD TAS-SENA

# BL-IMSIEBAĦ MIXGĦULA

## L-għatx għal Kristu.

"Għalik għatxana ruħi, Mulej Alla tiegħi". Hekk għidna wara li smajna l-kliem tal-Ktieb ta' l-Għerf li ħabbrilna li l-Għerf tal-ħwejjeġ tas-sema m'huwiex xi ħaġa iebsa biex niksbu meta nkunu rridu niksbuh tassew.

L-Għerf huwa Kristu stess, u jekk tassew nagħarfu 'l Kristu ma jistax ikun li ma jkolniex għatx għalih. Huwa jiddi quddiemna bid-dija tal-liġi tiegħu, l-liġi ta' l-imħabba li hi l-qofol tal-Bxara t-tajba li Kristu nnifsu jwasslilna fil-laqgħat tagħna miegħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa; u jekk tassew inħobbu 'l Kristu, jekk tassew nixtiequ li Hu jkun il-qofol tal-ħajja kollha tagħna f'din id-dinja, minnufih nintebħu x'irid minna malli taslilna l-Kelma tiegħu. Iżda, inħobbuh kemm inħobbuh 'il Kristu, m'aħniex se nsibuh, jekk nintelqu, jekk ma nurux ħeġġa għall-ħwejjeġ ta' Alla, jekk nitgħażżnu fit-tħabrik tagħna għall-kobor tas-Saltna tiegħu fid-dinja, jekk ma nimxux bil-għaqal fiċ-ċirkostanzi kollha ta' ħajjitna f'din id-dinja, f'kelma waħda, jekk 'il Kristu ma nħallux jiltaqa' magħna f'kull ħsieb li nagħmlu.

## L-aħħar taż-żmien

Kristu jrid ikun il-qofol ta' ħajjitna jekk irridu jseħħ għalina dak li smajna 'l San Pawl igħidilna fit-tieni qari ta' llum, qari li għandu jqawwilna qalbna jekk tassew nemmnu fi Kristu u nħobbuh San Pawl qed jitkellem dwar l-aħħar ġrajja tad-dinja, dwar il-qawmien mill-imwiet.

Il-knisja, fl-aħħar Ħdud tas-sena liturġika, dejjem tistedinna naħsbu fuq in-Novissimi, fuq l-aħħar ġrajjiet tal-bniedem fid-dinja, ġrajjiet li aħna nistqarru t-twemmin tagħna fihom kull darba li ngħidu l-Kredu. Ġesù "jerġa'jiġi biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u l-mejtin u s-saltna tiegħu ma jkollix tmiem," u aħna nistennew "il-qawmien mill-imwiet u l-ħajja ta' dejjem."

Ilkoll nixtiequ nqumu mill-imwiet biex nidħlu fil-ħajja ta' dejjem, iżda qabel hemm il-ġudizzju: Ġesù għad jiġi jagħmel il-ħaqq u jitlobna kont ta' egħmilna kollu fid-dinja u l-ħsieb tal-ġudizzju jbeżżagħna. Iżda dan il-ħsieb ma għandux ibeżżagħna, igħidilna San Pawl: ibeżżagħna kieku ma għandniex tama, kieku ma nemmnux li Kristu miet u rxoxta għalina, kieku ma nemmnux li Alla għad jiġbor miegħu fis-Saltna tas-sema li dawk li raqdu f'Ġesù, jiġifieri ħallew din id-dinja fi ħbiberija sħiħa ma' Alla, ħallew din id-dinja f'isem il-Missier li ħalaqhom, f'isem l-Iben li fdiehom, fl-isem l-Ispirtu li qaddishom.

San Pawl, fl-ittra tiegħu lit-Tessalonkin jurina b'liema ħeġġa għandna nistennew it-tieni miġja tal-Mulej jekk hu kien għalina l-qofol ta' ħajjitna fid-dinja: "Meta l-Mulej jinżel mis-smewwiet ... ninbilgħu fis-sħab biex niltaqgħu mal-Mulej u hekk inkunu miegħu għal dejjem."

Il-ħsieb ta' l-aħħar tad-dinja, igħidilna San Pawl ma għandniex ikun ħsieb li jbeżżagħna, iżda ħsieb ta' faraġ kbir għalina, għax dak il-ħin l-għatx tagħna għal Kristu jiġi sodisfatt għal kollox.

## Bl-imsiebaħ mixgħula.

Biex dan iseħħ għalina, igħidilna Ġesù, irridu jkollna l-imsiebaħ tagħna jixgħelu sewwa. Il-parabbola tax-xebbiet għaqlin u tax-xebbiet boloh twettaq dak kollu li għidna. Ikollna l-imsiebaħ tagħna jixgħelu u jkollna żejt fil-kus tagħna jekk Kristu jkun iċ-ċentru ta' ħajjitna, jekk kull ma nagħmlu, ngħidu u naħsbu, nagħmluh għal Kristu u mhux għall-bnedmin; f'kelma waħda, jekk tul ħajjitna f'dik id-dinja għexna ħajja tajba, wrejna mħabba 'l kulħadd. Meta jiġi l-Mulej isejħilna biex nidħlu għall-festa tat-tieġ tal-Ħaruf fis-saltna ta' dejjem, hu jdaħħalna miegħu għax isibna mħejjija. Iżda jekk jiġi u ma jsibniex lesti biex nilqgħuh għaliex tul ħajjitna ma ħabriknix għas-salvazzjoni ta' ruħna b'egħmejjel ta' mħabba u ħniena ma' ħutna tal-bżonn, aħna nibqgħu barra mis-saltan tas-smewwiet.

Jalla nintebħu bin-nuqqasijiet tagħna meta ma jkunx tard wisq u nibdew mill-jum naħsbu fuq tmiem ħajjitna fid-dinja. Dan qalulna Ġesù fl-aħħar tal-parabbola. "Ishru, għaliex la tafu l-jum u l-anqas is-siegħa."

"Nishru", jiġifieri nagħmlu kull ma hu meħtieġ biex nagħrfu 'l Kristu dejjem aktar; u aktar ma nagħarfu 'l Kristu, aktar insiru nixbħuh, aktar insaħħu fina dawk is-sentimenti li kellu Ġesù: ħniena, tjieba, maħfra, mogħdrija u fuq kollox imħabba. Jekk dan meta Ġesù jiġi, isibna nistennewh bl-imsiebaħ tagħna mixgħula u jdaħħalna fil-festa tiegħu ta' dejjem.

# L-UŻU TAJJEB TAT-TALENTI TAGĦNA

## Il-Bxara t-tajba ta' llum

Illum ukoll il-Knisja tistedinna nimmeditaw fuq in-Novissimi, fuq l-aħħar mumenti ta' ħajjitna fid-dinja. Tgħidilna li għandna nkunu dejjem lesti ghal meta l-Mulej jiġi jsejħilna, għax ma nafux la l-ħin u la ż-żmien tal-miġja tal-Mulej. Tridna nkunu dejjem imhejjija nistennewh, iżda dan ma jfissirx li ma noqogħdu nagħmlu xejn; nitgħażżnu nistennew il-miġja tal-Mulej kif għamlu xi wħud mit-Tessalonkin meta San Pawl kellimhom dwar il-miġja tal-Mulej u fehmuh ħażin. Il-Knisja tgħidilna li għandna nishru nistennew il-miġja tal-Mulej, iżda għandna wkoll naqdu dminijietna sewwa fid-dinja, għax ta' dan ukoll il-Mulej jitlobna kont meta jiġi.

## Il-Mara ta' qawwa

Dan kollu l-Knisja tħabbarilna fil-qari tal-Quddiesa ta' llum. Fl-ewwel qari tqegħdilna quddiemna l-eżempju ta' mara tad-dar, bieżla u ħabrieka u dħulija ma' kulħadd, l-għaxqa ta' żewġha għax jaf li hi se tkunlu dejjem ta' ġid u ġġiblu r-risq it-tajjeb tul ħajtu kollha, bil-bżulija u l-għaqal tagħha: tieħu ħsieb żewġha, tieħu ħsieb uliedha, tiegħu ħsieb kull min għandha f'darha u tara li ħadd ma jonqsu xejn, li kulħadd ikun hieni u ferħan. Tmidd idejha għax-xogħol kollu li jkun meħtieġ biex, mhux biss f'darha ħadd ma jkun nieqes minn xejn, imma jkollha ukoll biex tgħin lil min hu fil-bżonn, il-foqra li jħabbtu bieb darha jitolbu karità, lill-ġirien li jkollhom bżonn xi parir jew xi għajnuna minn għandha.

IL-kittieb tal-Proverbi wara li jurina min hi tassew mara ta' qawwa, iżid igħidilna li l-veru ġieh tal-mara m'huwiex il-ġmiel, m'hijiex sbuħitha, għaliex il-ġmiel u s-sbuħija jgħaddu u jintemmu, iżda l-veru ġieh tal-mara, ġieh li jagħmilha kbira quddiem Alla u quddiem il-bnedmin, huwa l-għaqal li turi tul ħajjitha kollha, għaqal li jiġi mill-biża' li ma nħobbux 'l Alla biżżejjed u għalhekk iġiegħelna nħabirku dejjem iżjed biex nimxu fit-triqat li jurina Alla.

## Nħaddmu t-talenti tagħna

Dan il-biża' ta' Alla neħtiġuh aħna lkoll jekk irridu nħaddmu t-talenti li l-Mulej fdalna f'idejna biex inħaddmuhomlu tul ħajjitna f'din id-dinja.

Permezz tal-parabbola ta' l-Evanġelju ta' llum Ġesù jgħidilna li Alla meta jiġi biex jagħmel ħaqq minna, jitlobna kont tat-talenti li fdalna f'idejna, u jekk aħna ħaddimnihom sewwa, hu jdaħħalna fl-hena ta' dejjem, iżda jekk ma ħaddimnihom xejn ikunu ħatja quddiem Alla u sehemna jkun it-telfien, fejn ma jkunx hemm ħlief dlam u biki u tgħażżiż ta' snien.

X'inhuma dawn it-talenti li l-Mulej ajgħtina biex inħaddmuhom tul ħajjitna fuq l-art? Kull bniedem li jiġi fid-dinja, ikollu sejħa minn Alla biex bil-ħidma ta' ħajtu jgħin għat-titjib tal-ħajja tal-bniedem fuq l-art: l-iċken ħidma ta' ġid ta' kull bniedem tgħin biex id-dinja li fiha ngħixu dejjem aktar titjieb. U Alla lil kull bniedem jagħtih dawk il-kwalitajiet, dik l-ħila li jeħtieġ biex jagħmel il-ġid ma' dwaru fil-post fejn ikun igħix.

Il-ħila li Alla jagħti l-bniedem hi biex jużaha għall-ġid, iżda għax Alla l-bniedem għamlu ħieles, il-bniedem il-ħila li jagħtih Alla flok jużaha għall-ġid, jista' jużaha għad-deni: fi kliem ieħor flok iħaddem it-talenti li Alla jagħtih biex jagħmel il-ġid, flok iħaddimhom għall-ġid u jagħti glorja 'l Alla, il-bniedem jużahom ħażin, qisu jaħbihom taħt l-art f'ħofra fl-art.

Il-qaddej tal-parabbola li ħeba t-talent ta' sidu f'ħofra fl-art, meta sidu talbu kont ta' egħmilu, dan ħadha kontra sidu; "Nafek bħala raġel aħrax, taħsad fejn ma żrajtx, tiġbor fejn ma xerridtx, ħu lura dak li tajtni għax ma jiswielix." Hekk jeħduha kontra Alla dawk li t-talenti tagħhom jużawhom għad-deni; jiċħdu lil Alla, iwarrbuh fil-ġenb, għax jaħsbu li l-kwalitjiet tajba li għandhom m'humiex ġejjin minn Alla, ġabuhom 'il quddiem bil-ħila tagħhom biss, u użawhom biex iġibu 'l quddiem l-interessi tagħhom u biex dan inqdew bil-bnedmin ħuthom u qisuhom mhux bħala bnedmin imma biss bħala strumenti biex iġibu 'l quddiem l-interessi tagħha.

## Ngħixu bħala wlied id-dawl

Aħna wkoll, kemm-il darba, almenu fi ħwejjeġ żgħar użajna ħażin it-talenti li tana l-Mulej; u l-istedina tal-Knisja llum hija biex ngħarblu sewwa l-imġiba tagħna ħalli meta jiġi l-Mulej "bħal ħalliel bil-lejl," forsi meta l-anqas inkunu nistennewh, għax kollox madwarna hu "sliem u mistrieħ; isibna lesti nistennewh.

Iżda San Pawl huwa u jħabbrilna l-miġja tal-Mulej għal għarrieda fl-istess ħin ifarraġna wkoll, itaffilna l-biża' tal-ġudizzju; igħidilna. "Intom, ħuti, m'intomx hekk fid-dlam biex Jum il-Mulej jeħodkom għall-għarrieda bħal ħalliel". U San Pawl igħidilna wkoll għaliex dan: "Intom ilkoll ulied id-dawl u wlied il-jum ... għalhekk ishru u għexu bil-qjies."

Fi kliem ieħor l-appostlu qed igħidilna kif inkunu mhejjija għall-miġja tal-Mulej, kif inħaddmu t-talenti tagħna. Inħaddmuhom bħala wlied id-dawl u mhux bħala wlied id-dlam, jiġifieri billi nagħmlu kull ma hu verità ġustizzja u tjieba: dawn huma l-egħmejjel ta' wlied id-dawl, għax il-ħażen, egħmil ulied id-dlam, ma jsirx fid-dawl tax-xemx, imma bil-moħbi, fid-dlam. Ulied id-dawl qatt ma jitnikkru, qatt ma jorqdu, imma dejjem mehdijin f'kull egħmil tajjeb bħall-mara ta' qawwa tal-Ktieb tal-Proverbi; ulied id-dawl ma jorqdux imma jishru u jitolbu bla qatt jieqfu jistennew id-dehra fil-glorja u s-sebħ ta' l-Iben ta' Alla u s-salvatur tagħna.

### IL-34 ĦADD TAS-SENA

# KRISTU, SULTAN TAL-ĦOLQIEN KOLLU

Il-Knisja, illum f'dan l-aħħar Ħadd tas-sena liturġika tistedinna nħarsu lejn Ġesù bħala l-imħallef ġust li għandu jiġi fl-aħħar taż-żmenijiet biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin.

Fiż-żewġt iħdud li għaddew il-Knisja wrietna fuq xiex se jiġġudikana l-imħallef ġust: se jistaqsina użajniex tajjeb it-talenti li tana; se jara jekk, meta jiġi biex isejħilna,

inkunux mhejjija biex nilqgħuh b'imsiebaħ mixgħula f'idejna. Illum qed jistaqsina bid-deher għamilniex dak li kelna nagħmlu biex l-imsiebaħ tagħna jkunu jiddu bid-dija ta' l-egħmejjel tajba li nkunu għamilna; illum qed jurina bid-deher kif għandna nħaddmu t-talenti tagħna biex nidħlu fl-hena tiegħu ta' dejjem.

## Il-Mulej hu r-ragħaj tagħna.

Taħt ix-xbieha tar-ragħaj li fil-merħla jifred in-ngħaġ mill-gidien Ġesù jgħidilna dwar xiex se jkun il-ħaqq li hu għad jagħmel minna, minn kull wieħed u waħda minna, għax kif smajna l-profeta Eżekjel iħabbrilna fl-ewwel qari, hu jagħmel ħaqq bejn nagħġa u oħra. Dan għaliex il-Mulej irid li aħna lkoll naslu għall-hena ta' dejjem, u meta xi ħadd jitbiegħed mit-triq li twassal għal dan il-hena, il-Mulej imur jiġri warajh, ifittxu, isejjaħlu, igħinu jerġa' lura, u jekk isibu midrub mid-dnub, ifejjaqlu l-ġerħat kollu tiegħu. Dan kollu jgħidulna l-profeta bix-xbieha tar-ragħaj li jiehu ħsieb il-merħla tiegħu li tkun xterdet fi żmien is-sħab u s-swied ta' l-ajru: imur ifittex il-mitlufin, ireġġa' lura l-imxerrdin, jinfaxxa l-ġrieħi tal-miġruħin, u jħares is-smien u l-qawwijin.

Hekk jimxi magħna l-Mulej: jagħtina l-grazzji kollha li neħtieġu biex inħaddmu t-talenti tagħna, biex nżommu l-imsiebaħ tagħna jiddu bid-dija l-egħmejjel tagħna li nagħmlu, u jekk naqgħa fid-dnub u neqirdu fina l-ħajja ta' dejjem igħinna biex nintebħu bil-miżerja li fiha nkunu waqajna, u nqumu minnha u nerġgħu lura għandu niedma u sogħbiena nitolbuh maħfra u hu l-maħfra ma jiċħadilniex għax il-ħniena u l-imħabba tiegħu għalina bla qjies.

## Il-Ġudizzju

Minn dan naraw li bl-għajnuna tal-Mulej it-triq tas-salvazzjoni hi miftuħa għalina, nistgħu dejjem nagħmlu dak li Alla jistenna minna biex niksbu s-saltna li tħejjiet bħala wirt għalina sa mill-ħolqien tad-dinja. X'għandna nagħmlu? Jgħidulna Ġesù stess. Niksbu s-saltna ta' dejjem jekk nagħmlu egħmejjel ta' ħniena ma' ħutna fil-bżonn, jekk nuru mħabba għal xulxin. L-għajnuna li nagħtu lil ħutna fil-bżonn Ġesù jqisha għajnuna mogħtija lilu, u dan igħidulna ċar fl-Evanġelju ta' llum: "kemm għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi". U l-egħmil li Ġesù jistenna li nagħmlulu f'ħutna l-bnedmin fil-bżonn jiġborhomlna fis-seba' egħmejjel tal-ħniena: "kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu żżuruni, kont il-ħabs u ġejtu ma' ġenbi". Ġesù dan il-kliem qalu ma' l-elfejn sena ilu, iżda għadu jgħodd illum daqskemm kien igħodd dak iż-żmien, għalkemm id-dinja tbiddlet fuq li tbiddlet. Fid-dinja ta' llum ukoll għad hawn eluf ta' eluf li qed ibatu l-ġuħ, qed igħixu fil-miżerja u huma neqsin minn kollox; illum ukoll hawn il-mard fid-dinja, mard li ma hemmx fejqan għalih; illum fid-dinja hawn eluf ta' nies li ġew imġiegħela jħallu pajjiżhom u qed igħixu barranin f'pajjiżi oħra b'ebda tama għall-ġejjieni xieraq għalihom u għal uliedhom; fid-dinja ta' llum hawn ukoll nies, tfal wkoll li bla ebda ħtija jinsabu mċaħda mill-libertà tagħhom miżmumin bħala rahan biex jinkisbu somom kbar ta' flus. Dawn kollha jistennew l-għajnuna tagħna, żgħira kemm hi żgħira, u l-għajnuna nagħtuha bit-talb tagħna lil Alla biex iqanqal qlub dawk li għandhom is-setgħa li jtemmu dawn il-miżerji tad-dinja ta' llum; l-għajnuna nagħtuha wkoll billi ngħinu l-opri soċjali u karitativi li għandhom l-Knisja.

## Insaltnu ma' Kristu għal dejjem.

Dan nagħmluh bil-qalb jekk inħossu għall-imsejknin ta' żmienna dak li kien iħoss il-Mulej Ġesù quddiem it-tiġrib tan-nies ta' żmienu, ta' l-imsejknin li kienu jersqu lejh jitolbuh jgħinhom: Ġesù kien jitħassarhom u jagħtihom dak li jitolbuh.

Il-miżerji li hawn fid-dinja huma kollha konsegwenza tad-dnub ta' Adam, iżda Kristu bil-mewt u l-qawmien tiegħu ġab fix-xejn dawn il-konsegwenzi. Kristu rxoxta rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub u issa qiegħed isaltan fil-leminija tal-Missier; magħqudin ma' Kristu bil-magħmudija, aħna wkoll ksibna l-ħelsien mill-jasar tad-dnub u l-mewt iżda mhux il-ħelsien sħiħ għax għadna nolfqu u nitnehdu f'din id-dinja nistennew il-ħelsien sħiħ. Dan ried igħidulna San Pawl meta lill-Korintin kitbilhom: "l-ewwel Kristu, wara, dawk li huma ta' Kristu, meta jerġa' jiġu." Imbagħad ukoll is-Saltna ta' Kristu tilħaq il-qofol tagħha.

F'din id-dinja aħna nitolbu u nħabirku ħa tiġi s-saltna ta' Alla billi nagħtu sehemna biex Kristu jkun magħruf dejjem aktar u s-saltna tiegħu ta' verità, qdusija, mħabba, ġustizzja u sliem tinxtered dejjem aktar fid-dinja, sa kemm jiġu mirbuħa l-egħdewwa kollha ta' Kristu.

L-aħħar għadu li jintrebaħ hu l-mewt, bil-qawmien tagħna lkoll mill-imwiet, għax kif Kristu rxoxta aħna wkoll għad nirxoxtaw miegħu fl-aħħar taż-żmien, u l-ħolqien kollu jinħeles mit-taħsir u jkun hemm smewwiet ġodda u art ġdida, kif igħid San Pietru fl-ittra tiegħu. Is-saltna li Kristu rebbieħ tilħaq il-milja tagħha u l-Mulej joffriha lill-Missier biex Alla jkun kollox f'kollox.

# PJAN PASTORALI

## RAPPORT DIĊEMBRU, 1989

Għandi pjaċir nippreżenta għall-konsiderazzjoni tagħkom l-ewwel rapport tiegħi dwar il-pjan pastorali. L-ideja hija li meta ninsabu fl-aħħar nofs tal-perjodu ta' żmien determinat mill-Pjan, naraw f'hiex wasalna u x'għad jonqosna nagħmlu. Dan iservina t'għajnuna kbira wkoll meta minn hawn u ftit xhur oħra nibdew naħsbu biex jitfassal it-Tieni Pjan Pastorali għad-Djoċesi tagħna.

Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor, imma fl-istess ħin kemm huwa possibbli bid-dettal informazzjoni fuq l-istrutturi li jissemmew fil-Pjan kif ukoll fuq il-ħidma li wettqu kif ukoll xi kummenti fuq il-futur.

Il-Pjan ġie ppublikat b'messaġġ ta' Mons. Arċisqof fl-24 ta' Novembru, 1985. L-istrutturi li jissemmew fil-Pjan huma disa' segretarjati, erba' kummissjonijiet, uffiċċju stampa, ċentru ta' riċerka, tribunal ekklezjastiku. Id-Digriet għat-twaqqif tas-Segretarjati ħareġ fit-3 ta' Diċembru, 1986.

### 1. SEGRETARJAT GHALL-KLERU U GHALL-MEMBRI TA' L-ISTITUTI TA' HAJJA KONSAGRATA.

1.1 Id-Digriet ta' l-1 t'April 1987 jagħti regoli u direttivi biex jgħinu l-ħidma ta' dan is-Segretarjat, kif ukoll it-twaqqif tal-Kunsill tas-Segretarjat. Taqsima mportanti ta' dan is-Segretarjat hija t-Taqsima Reliġjużi li għandha kap għaliha. F'Diċembru ta' l-1988 dan is-Segretarjat ippubblika rapport dettaljat tal-ħidma li wettaq.

1.2 Il-Kunsill iltaqa' 23 darba u ddiskuta dawn is-suġġetti:

- phasing tal-Pjan
- funzjonament tal-Kunsill
- korsijiet t'aġġornament u l-formazzjoni permanenti tas-saċerdoti
- assignments u mandat tas-saċerdoti
- vokazzjonijiet u l-formazzjoni fis-Seminarju
- sena sabbatika
- laqgħat distrettwali tal-kleru
- direttorju tal-kleru
- presbyteria parrokkjali
- problemi tas-saċerdoti anzjani
- inseriment tar-reliġjużi nisa fil-ħidma pastorali.

1.3 **Laqgħat Distrettwali.** Minn Ottubru, 1986 sa Diċembru 1989 saru 90 laqgħa distrettwali (average to 3.33 laqgħa fix-xahar), jiġifieri 10 laqgħat għal kull distrett differenti. L-attendenza għal dawn il-laqgħat kienet 245:155 saċerdoti djoċesani u 95 reliġjużi. F'Mejju/Ġunju 1989 sar kwetjonarju fil-fuljett "Illum Aħwa fi Kristu" fuq dawn il-laqgħat. Wieġbu 56 (8.6%). Bħala riżultat ġie deċiż li s-saċerdoti tad-distrett ikunu nvoluti aktar. Għalhekk ġew magħżula żewġ saċerdoti minn kull distrett biex jgħinu lid-delegat fl-organiżżazzjoni ta' dawn il-laqgħat. Bdew ukoll jieħdu sehem id-diversi Segretarjati Djoċesani biex is-saċerdoti jkunu nfurmati dwar dak li huwa għaddej.

Fi żmien il-Milied ta' l-1988 is-Segretarjat ħa ħsieb jorganizza ikla għall-kleru, u fl-1989 saru diversi fuq bażi distrettwali.

1.4 **Ilkoll Aħwa fi Kristu.** F'Novembru 1986 reġgħet bdiet toħroġ kull xahrejn in-Newsletter "Ilkoll Aħwa fi Kristu."

S'issa ħarġu 21 edizzjoni. Din għandha l-iskop li żżomm rabta ta' fraternità bejn is-saċerdoti u tgħinna ninteressaw rwieħna fil-ħajja u ħidma ta' xulxin.

1.5 **Irtiri.** Fi ħdan is-Segretarjat twaqqfet Kummissjoni biex tieħu ħsieb torganizza l-irtiri għall-Kleru. Din il-Kummissjoni tieħu ħsieb torganizza erba' iritir fis-sena. Minn barra dawn is-saċerdoti jistgħu jagħżlu wkoll minn irtiri li jkunu organizzati minn gruppi oħra ta' saċerdoti.

1.6 **Aġġornament.** Kummissjoni oħra fi ħdan dan is-Segretarjat hija dik ta' l-aġġornament tal-kleru. Din il-kummissjoni organizzat dawn it-temi:

1987 – Is-saċerdoti bennej tal-komunnità.

1988 – Żvillupp fil-qasam sesswali, mediku u ekonomiku: Aspetti morali.

1989 – Lejn Preżenza ġdida tal-Knisja.

L-attendenza kienet ta' madwar 300 (43.3%) kull darba.

F'Ottubru 1987 sar kors residenzjali ta' *Community Building* li għalih attendew 16-il saċerdot.

F'Jannar sar kors ieħor ta' 4 laqgħat fuq l-Evanġelju ta' San Mark. Kienu applikaw 28, imma attendew 15.

Matul dan iż-żmien żvilluppat l-ideja li jiġu organizzati "living-in in service training" għas-saċerdoti. Il-ħsieb huwa wkoll ta' aġġornament teoloġiku u pastorali mit-Tnejn sal-Ġimgħa fis-Seminarju. Saru tliet korsijiet għall-Kappillani u viċijiet: Ottubru 1988, Jannar u Ottubru 1989. B'kollox attendew 75 saċerdot: 44 Kappillan u 31 viċi. 48 parroċċa għandhom jew il-kappillan jew il-viċi ħadu sehem. 18-il kappillan u viċi li ħadu sehem flimkien fil-kors. Bħala suġġett intagħżel l-ekklesjoloġija fuq il-linji ta' *Ecclesiam Suam* il-Knisja li tagħraf lilha nnifisha u l-missjoni tagħha, il-Knisja li dejjem tiġġedded u l-Knisja li tiddjaloga maddinja. Il-kummenti ta' dawk li attendew kienu pożittivi ħafna. F'Jannar 1990 huwa ppjanat kors ieħor għal saċerdoti oħra.

1.7 **Saċerdoti Żgħażagħ.** Saru wkoll 3 seminars għas-saċerdoti li qaddsu mill-1977 'l hawn. Dawn kienu:

1 ta' Novembru 1988.

31 ta' Marzu, 1989.

1 ta' Novembru 1989.

1.8 **Presbyteria Parrokkjali.** F'Ottubru 1987 kienet intbagħtet ċirkolari titlob informazzjoni fuq il-presbyteria Parrokkjali. Wieġbu 11 (17.4%). F'Settembru 1988 intbagħtet oħra biex tinforma li d-delegat se jibda jżurhom. Fil-fatt saru 13-il viżta.

Is-segretarju tal-Presbyteria intalbu jibgħatu rapport tal-ħidma tal-presbyterium għas-sena 1988. Irrispondew 11 ukoll.

1.9 **Kuntatti Personali.** Saru diversi kuntatti personali mas-saċerdoti skond il-bżonn. Beda wkoll eżerċizzu biex isir kuntatt personali ma' kull saċerdot.

1.10 **Direttorju tal-Kleru.** Inħatret kummissjoni oħra biex tirrevedi d-direttorju tal-kleru li s'issa ltaqgħet kemm-il darba. F'Jannar kienet saret sejħa biex is-saċerdoti jagħtu l-idejat u s-suġġerimenti tagħhom.

1.11 **Taqsima reliġjużi.** Bħala parti mill-esekuzzjoni tal-Pjan Pastorali inħatret persuna waħda responsabbli mir-reliġjużi rġiel, reliġjużi nisa, u reliġjużi tal-klawsura. Dan huwa l-kap Taqsima reliġjużi fi

ħdan is-Segretarjat b'ufficċju fil-Kurja. Huwa membru ta' diversi kummissjonijiet tas-Segretarjat. Flimkien mal-ministri provinċjali nħadem 'phasing' tal-Pjan f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja tar-reliġjużi. Saru wkoll diversi żjajjar u konferenzi lil diversi monasteri.

1.12 **Istituti Sekulari.** Is-Segretarjat ħadem biex l-Istituti sekulari jiltaqgħu f'kunsill għalihom. Dan twettaq.

1.13 **Vokazzjonijiet.** Dan ir-rapport huwa dwar il-ħidma taċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet għas-sena 1989. L-ewwel ħidma li ssir hija t-talb għall-vokazzjonijiet. Kull sena isir Jum ta' Talb f'diversi parroċċi u ċ-Ċentru jipprovdil-hom skemi ta' talb. Għal dawn l-aħħar snin kull xahar madwar 80 ġenituri ta' seminaristi u studenti jinġabru flimkien biex jagħmlu nofs ta' nhar talb għall-vokazzjonijiet. F'seba' parroċċi hemm imwaqqfin gruppi ta' talb għall-vokazzjonijiet immexxijin minn saċerdoti jew lajċi.

Isiru wkoll laqgħat għall-istudenti nnifsihom fis-Seminarju skond il-klassi ta' l-iskola sekondarja. Għal dawn il-laqgħat jattendu madwar 238 kull xahar. Il-laqgħat ikunu jinkludu taħdita, slide features, Quddiesa, logħob u rużarju. Isiru wkoll laqgħat fil-parroċċi u għalihom attendew bejn wieħed u ieħor 493 kull xahar. Minn Form 3 'l fuq saru regolarment 'living-in weekends' fis-Seminarju wkoll. L-attendenza kienet hekk: Form 3 – 33; Form 4 – 17; From 5 – 12; u Form 6 – 14.

Isiru wkoll laqgħat fl-iskejjel: tliet Junior Lyceums u St. Edwards. Il-laqgħat isiru fil-ħin tal-break u jattendu madwar 100 student. Barra minn dawn fis-Seminarju taż-Żgħar iċ-Ċentru jgħin fil-counselling ta' l-istudenti u jiġu mħajjra jattendu għal-laqgħat tal-vokazzjonijiet. Fil-fatt minn din l-iskola jattendu l-akbar numru ta' studenti għal-laqgħat tal-vokazzjonijiet.

Saru żewġ revizzjonijiet tal-listi ta' l-istudenti. F'Diċembru 1988 kien hemm 800 student u f'Ġunju, 1989 kien hemm 1050. Bil-kooperazzjoni tal-Kappillani iċ-Ċentru jkollu l-lista tat-tfal kollha li jkunu rċevew is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. Lil dawn l-istudenti kollha kif ukoll lis-saċerdoti, seminaristi, għalliema u lill-persuni responsabbli miċ-Ċentri ta' tagħlim tintbagħtilhom kull xahar ir-rivista *Spark*.

## 2 SEGRETARJAT ĦAJJA U ĦIDMA FIL-PARROĊĊI

2.1 Dan is-Segretarjat u l-Kunsill tiegħu twaqqaf b'digriet ta' Mons. Arċisqof. Il-ħidma prinċipali ta' dan is-Segretarjat kienet din:

2.2 **STATUT GĦALL-KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI.** Skond il-Pjan Pastorali stess inħasset il-ħtieġa li ssir revizzjoni ta' l-Istatut tal-Kunsilli Parrokkjali. Twaqqfet Kummissjoni fi ħdan is-Segretarjat li rrevediet dan l-Istatut. Wara saret konsultazzjoni mill-aktar wisa' kemm fuq l-abbozz ġdid li ħejjiet il-Kummissjoni kif ukoll fuq l-emendi li rċevejna. Bħalissa qed jiddaħħlu l-emendi li saru frott tal-konsultazzjonijiet li saru u fi żmien qasir ikun ippubblikat dan l-Istatut.

2.3 **Limiti Parrokkjali u Zoni.** Responsabbiltà oħra mhux ħafifa ta' dan is-Segretarjat hija l-istudju tal-limiti parrokkjali u l-iżvilupp ta' zoni ġodda. Fil-fatt twaqqfet kummissjoni fi ħdan dan is-Segretarjat b'digriet ta' Mons. Arċisqof

ta' l-10 ta' Ġunju 1988. Din il-kummissjoni ltaqgħet diversi drabi u studjat dawn l-inħawi:

2.3.1 Flimkien ma' l-Arċipriet ta' S. Elena B'Kara u l-kappillani ta' San Ġiljan u l-Għargħur ġiet studjata z-zona li tinkludi Penbroke, l-Ibraġġ, High Ridge parti mill-Madliena u Baħar iċ-Ċagħaq. B'digriet ta' Mons. Arċisqof tas-6 ta' Novembru, 1989 din ġiet dikjarat zona interparrokkjali awtonoma.

2.3.2 Sar qbil li l-limiti tal-Mosta u n-Naxxar ma jinbidlux. Fil-Mosta minbarra z-zona tal-Bidnija għandu jkun hemm tliet zoni prinċipali oħra: Marija, Omm il-Knisja fl-inħawi Ta' Mliet; Santa Margerita u Sant' Andrija. Dawn il-konkluzzjonijiet ġew approvati b'digriet ta' Mons. Arċisqof tat-28 t'Ottubru, 1988.

2.3.3 Dwar in-Naxxar sar qbil li għandu jkun hemm tliet zoni prinċipali: tas-Sagħjtar, li għaliha għad trid tinstab biċċa art għall-bini ta' ċentru pastorali; San Pawl tat-Tarġa u l-Iklin li għandha tkun ittrattata bħala zona interparrokkjali mal-parroċċi ta' San Ġużepp Ħaddiem B'Kara u Ħal Lija.

2.3.4 Ħal Qormi inħass il-bżonn li jkun hemm tibdil. Fl-inħawi madwar l-iskola ta' St. Michael's huma aktar viċin il-parroċċa ta' Fleur-des-Lys u għalhekk aktar jistgħu jintlaħqu pastoralment minn din il-parroċċa.

2.3.5 Ġew studjati l-inħawi tal-Ħandaq biex jiġu stabbiliti limiti ġodda bejn il-parroċċi ta' San Ġorġ u San Bastjan. S'issa għad ma ntlaħaqx ftehim.

2.3.6 Fil-parroċċa ta' San Ġorġ hemm żvilupp ġdid Ta' Farzina. Sar tentattiv, li ma rnexxiex, biex tiġi akkwistata biċċa art għal ċentru pastorali. Minflok se tiġi użata biċċa art imsejjħa Ta' Candida f'St. Edward's Str.

2.3.7 Fil-parroċċa ta' San Bastjan hemm żewġ zoni prinċipali, Tal-Bajjad u tad-Duluri. F'Tal Bajjad il-knisja għandha biċċa art tagħha li fuqha jista' jinbena ċentru pastorali.

2.3.8 Fuq ir-Rabat ġie deċiż li ma jinbidlux il-limiti għalkemm hija parroċċa vasta. Hemm ħafna kampanja u l-inħawi tagħhom għandhom il-kappella tagħhom. Il-Baħrija, l-Imtaħleb, S. Katarina, Għemieri u Buskett għandhom jibqgħu kunsidrati bħala viċendi waqt li oħrajn jiġu nkorporati ma' l-erba' zoni prinċipali: madwar S. Pawl; in-Nigret; Tal-Virtù u S. Duminku; u S. Agata. Minħabba l-pjan ta' żvilupp, l-Imtarfa għandha tiġi kkunsidrata bħala zona awtonoma bil-possibbiltà li 'l quddiem issir parroċċa.

2.3.9 Għall-Parroċċa ta' Fleur-des-Lys qed jiġi suġġerit tibdil fil-limiti fejn tmiss ma' S. Ġorġ, Qormi u S. Elena, B'Kara.

2.3.10 Għall-parroċċa ta' Santa Venera nħatret sotto-kummissjoni apposta li ssuġġerit li l-Knisja l-ġdida għandha titkompla u li fiha għandha tiġi trasferita s-sedi tal-parroċċa, u fl-istess ħin għandu jinbena ċentru pastorali ħdejn il-knisja l-Qadima. Dan twettaq b'digriet ta' Mons. Arċisqof ta' l-10 ta' Novembru, 1989.

2.4 **Proprjetà għall-użu Pastorali fil-Parroċċi.** Is-Segretarjat huwa wkoll responsabbli li jaqdi ta' liason bejn il-parroċċi u t-Taqsima Proprjetà. Qabel it-Taqsima Proprjetà tniedi xi art għall-bejgħ,

il-ftehim hu li l-ewwel jiġi żgurat li l-parroċċa m'għandiex bżonnha għal użu pastorali. Peress li matul din is-sena, il-parroċċi ġew mitluba li jissottomettu l-artijiet u proprjetà li jaħsbu li jistgħu jiġu bżonn, is-Segretarjat kien inkarigat li jiċċekkja mal-kappillani l-utilità prattika ta' kull applikazzjoni.

2.5 **Pjan Pastorali Parrokkjali.** Is-Segretarjat ta' l-għajnuna tiegħu lil diversi parroċċi li xtaqu jfasslu pjan pastorali parrokkjali. Ma' dawn inżidu wkoll diversi żjajjar fil-parroċċi skond il-ħtieġa li tinqala' u biex tingħata għajnuna u jipparteċipa f'seminars u laqgħat parrokkjali.

2.6 **Kunsill.** Il-Kunsill tas-Segretarjat għamel xi żmien li ma kienx jiltaqa'. Minbarra dawk imsemmija aktar qabel, is-suġġetti li ġew diskussi kienu:

- il-qagħda tal-kunsilli parrokkjali
- *guidelines* għaz-zoni parrokkjali
- iz-zoni interparrokkjali
- iddiskutejna s-suġġetti jekk għandhom jitwaqqfu parroċċi ġodda jew zoni pastorali.
- l-aspetti kollha tal-Festi fil-ħajja Maltija.

## 3. SEGRETARJAT GĦAL-LITURĠIJA

Dan is-Segretarjat twaqqaf b'digriet ta' l-Arċisqof u b'digriet ieħor inbidel id-delegat ta' Mons. Arċisqof. Il-ħidma prinċipali ta' dan is-Segretarjat kienu dawn:

3.1 **Twaqqif tal-Kunsilli.** Il-Kunsill twaqqaf fis-26 ta' Ġunju, 1989 u minn dak iż-żmien saru 5 laqgħat, u matulhom ġew diskussi dawn il-punti:

- il-possibiltà ta' lezzjonarju u quddies għat-tfal;
- it-twaqqif mill-ġdid tal-Kummissjoni Mużika Sagra u xi persuni li jistgħu jiffurmawha;
- l-organizzazzjoni ta' kors għal trainers tal-letturi.

3.2 **Ministri Straordinarji tat-Tqarbin.** B'digriet tas-26 ta' Ottubru, 1988 Mons. Arċisqof ta permess biex il-lajċi jkunu jistgħu jkunu ministri straordinarji tat-tqarbin. L-ewwel kors għal dawn il-ministri sar f'Jannar, 1989 u minn dan ikkwalifikaw 228 ministru; u ieħor f'Ottubru 1989 u kwalifikaw 60 oħra minn diversi parroċċi, knejjes tar-reliġjużi u skejjel.

3.3 **Numru ta' Quddies il-Ħadd.** Inġabret statistika tal-quddies kollu li jsir is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd f'kull Knisja ta' kull parroċċa. Dawn ġew imqabbla mal-popolazzjoni tal-parroċċa kif inhi mniżżla fid-direttorju tad-djoċesi u fiċ-ċensiment tal-gvern. Din l-informazzjoni ġiet diskussa mas-saċerdoti ta' kull distrett fil-laqgħat distrettwali t' Ottubru – Novembru, 1989. Issa bdew jinħadmu d-dettalji f'diskussjonijiet mal-kappillani ta' l-ewwel distrett.

3.4 **Kummissjonijiet Liturġiċi Parrokkjali.** Sar questionaire fuq dawn il-Kummissjonijiet. Wieġbu 28. Minn dawn 14 qalu li għandhom kummissjoni liturġika parrokkjali. Dan jurina li għadna 'l bogħod ħafna milli jkollna kummissjoni liturġika f'kull parroċċa għalkemm ħafna minn dawk li wieġbu qalu li jixtiequ li jkollhom l-għajnuna tas-Segreterjat biex titwaqqaf u/jew tkun aktar ħajja. Saret ukoll laqgħa għar-rappreżentanti tal-kummissjonijiet parrokkjali.

3.5 **Partecipazzjoni fil-Kant.** Intbagħtet informazzjoni lill-Kappillani u lill-korijiet parrokkjali dwar il-partecipazzjoni tan-nies u s-siwi li għad għandu l-kant gregorjan. Bħala għajnuna prattika ntbagħtet lil kull kappillan kopja ta' quddiesa fuq dan l-istil miktuba minn Dun Ġwann Galea.

3.6 **Inbid tal-Quddiesa.** Saret analiżi ta' l-inbid tal-quddiesa. Minn dan irriżulta li l-kompożizzjoni tiegħu hija 'l hemm mil-limiti normali ta' nbid ġenwin. Hemm bżonn isiru aktar testijiet biex inkunu nistgħu nitkellmu aħjar. Kull ditta li eżaminajna l-inbid tagħha infurmajnieha li jekk sa ċertu żmien ma ttejjibx il-kwalità ta' l-inbid, il-knejjes se jkollhom direttiva ma jużawhx aktar. Kull ditta ċaħdet li qed tagħmel inbid ta' kwalità inferjuri għal dak li hu mistenni.

## 4. SEGRETARJAT GHALL-EDUKAZZJONI U KULTURA.

4.1 Dan is-Segretarjat, bħall-oħrajn twaqqaf fl-1986. Imma nistgħu ngħidu li l-ħidma tas-Segretarjat kienet żvillup fuq l-R.C.C.S. Prinċipalment il-ħidma tas-Segretarjat kienet fuq dawn il-materji:

- finanzjament għall-iskejjel tal-Knisja
- kriterji tad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja
- salarji ta' l-għalliema fl-iskejjel tal-Knisja
- it-tmexxija ta' kawża fil-qorti bejn il-Knisja u l-Gvern
- il-liċenzji ta' l-iskejjel.

4.2 Fl-1 ta' Jannar, 1988 inbidel id-delegat ta' l-Arċisqof għal dan is-Segretarjat. Fis-16 ta' Settembru, 1988 twaqqaf il-Kunsill tas-Segretarjat u l-Kap tat-Taqsima Kultura sar jifforma parti mis-Segretarjat. Il-Kunsill iltaqa' regolarment kull xahar. Billi l-kunsill induna li l-ħidma tiegħu l-aktar kienet qed tikkonċentra fuq l-iskejjel tal-Knisja, u t-taqsima tal-kultura kienet qed tiġi traskurata, minn Settembru 1989 ġie deċiż li l-laqgħat jalternaw bejn kultura u edukazzjoni. Il-ħidma li twettqet kienet:

- esegwixxa l-ordni dwar kriterji għad-dħul fl-iskejjel
- jiġbor dokumentazzjoni *(press cuttings)* u statistiċi kull sena fuq l-iskejjel
- kuntatt mas-superjuri maġġuri;
- sorveljanza b'mod ġenerali fuq l-iskejjel
- stampa d-dokument fuq l-iskejjel kattoliċi biex jitqassam lill-għalliema
- kuntatt ma' gruppi ta' ġenituri u P.T.A. dwar kriterji tad-dħul u *rationalization.*
- kuntatt ma' ġenituri ta' tfal ħandikappati
- kuntatt mas-Segretarjat tat-Tħabbir tal-Kelma dwar *syllabus* u korsijiet.
- laqgħat għall-għalliema
- laqgħat mal-kapijiet ta' l-iskejjel dwar *rationalization*
- laqgħat mad-dipartiment ta' l-edukazzjoni dwar *syllabus*
- laqgħat ma' l-M.U.T. dwar kundizzjonijiet tax-xogħol ta' l-għalliema, speċjalment wara r-riorganizzazzjoni tas-salarji fl-1986 - 88
- ta s-sehem tiegħu fil-*colloqium* għall-għalliema organizzat mill-Ġiżwiti u għas-seminar ta' tlett ijiem dwar l-iskejjel kattoliċi li sar f'April, 1989 mill-Brothers ta' De La Salle b'kelliema barranin.

4.3 Biex jgħin fl-integrazzjoni ta' l-iskejjel fis-soċjetà ċivili, id-Delegat ta' l-Arċisqof wettaq ukoll dawn il-ħidmiet:

- attenda bosta drabi okkażjonijiet fl-iskejjel u wera apprezzament għall-attivi-

tajiet soċjali u kulturali li organizzaw;

– saħaq fuq ir-role ta' l-għalliema lajċi fl-iskejjel tal-Knisja u qassam kopji tad-dokument *Lay Witnesses in Catholic Schools* lill-kapijiet ta' l-iskejjel biex jistudjawh ma' l-għalliema tagħhom.

– ma' dan kollu rrispetta kif inhu sewwa u xieraq il-karizma partikolari ta' kull Istitut Reliġjuż

– żamm kuntatt ma' l-F.P.T.A. kien preżenti għall-laqgħa tal-Kunsill il-ġdid ma' l-Arċisqof.

– ta sehmu fil-Kunsill tal-Moviment Għalliema ta' l-Azzjoni Kattolika.

4.4 Dwar l-iskejjel ta' l-Istat, is-Segretarjat ma kellux żmien jagħmel attivitajiet ħlief li jkun preżenti u jgħin fil-laqgħat tar-*religious counsellors.*

4.5 F'dan is-Segretarjat issir ħidma kontinwa dwar il-finanzjament ta' l-iskejjel u dwar trattativi bejn il-Knisja Maltija u l-Gvern jew is-Santa Sede u l-Gvern. Għadu qed isir ħafna xogħol biex isseħħ *rationalization* li tassigura organizzazzjoni aħjar ta' l-iskejjel primarji tal-Knisja u li d-dħul fihom ikun aktar trasparenti u titnaqqas pressjoni żejda ta' eżamijiet.

Naturalment is-Segretarjat kien mgħobbi b'ħafna responsabbiltà fis-snin tal-kriżi ta' l-iskejjel u għamel sehmu flimkien ma' l-R.C.C.S. biex il-ħidma pastorali tal-Knisja Maltija fl-iskejjel tkompli sejra.

### 4.6 ISTITUT KATTOLIKU

4.6.1 L-istruttura ta' l-Istitut Kattoliku hija mibnija fuq tliet fatturi:

– 8 għaqdiet djoċesani li għandhom is-sede tagħhom fl-Istitut;

– Spazju offrut lill-għaqdiet u movimenti għall-laqgħat, seminars, eċċ.

– programm ta' ħidma organizzat mid-direzzjoni ta' l-Istitut.

4.6.2 Waħda mill-attivitajiet prinċipali hija l-organizzazzjoni ta' korsijiet ippjanati minn Kummissjoni apposta. Saru 61 kors differenti mill-1987 'l hawn li kienu mqassmin hekk:

| | | |
|---|---|---|
| 11-il kors | Ommijiet u Ġenituri | 602 |
| 14-il kors | Psikoloġija | 977 |
| 3 korsijiet | Komunitajiet reliġjużi | 290 |
| 10 korsijiet | Suġġetti ta' teoloġija | 490 |
| 2 korsijiet | Eżerċizzi Randan | 300 |
| 8 korsijiet | Computer | 360 |
| 3 korsijiet | Reliġjon livell avvanzat | 193 |
| 3 korsijiet | Filosfija livell avvanzat | 150 |
| 5 korsijiet | Spiritwalità | 250 |
| 2 korsijiet | Kungressi u seminars | 140 |
| 61 | | 3760 |

Sar ftehim maċ-Ċentru ta' Spiritwalità Injazjana biex għas-sena d-dieħla jikber il-programm fil-qasam ta' spiritwalità.

4.6.3 Id-direzzjoni ppubblikat ukoll l-atti tal-kungressi u seminars u ta ħafna drammi reliġjużi oriġinali miktubin għat-teatru ta' l-Istitut. L-iskop tal-pubblikazzjoni hija biex iħajjru gruppi oħrajn, speċjalment fil-parroċċi biex ittellgħu dawn il-produzzjonijiet. Ġew ippubblikati 12.

4.6.4 Teżisti wkoll skema ta' privat b'xejn li ilha ssir sitt snin u li minnha benefikaw eluf ta' studenti. Is-suġġetti huma reliġjon, *mathematics, accounts, physics, biology,* Ingliż, Malti, Franċiż u Taljan.

4.6.5 Ħidma oħra mportanti hija l-librerija li fiha madwar 7000 ktieb tal-liberija

ta' l-Istitut u ta' l-*Institute of Religious Studies* li wieħed jista' jissellef. Jinsellfu madwar 800 ktieb fis-sena. Għandna l-ideja li din il-librerija tgħin il-libreriji parrokkjali. Fil-fatt fl-1985 sar survey ta' dawn il-librerji, imma l-ideja għadha ma bdietx minħabba raġunijiet finanzjarji.

Minn dan l-istħarriġ ħareġ li 18-il Kappillan wieġbu li għandhom librerija parrokjali b'medja ta' 50 ktieb misluf kull ġimgħa.

4.6.6 Attività kulturali mportanti fl-Istitut tikkonċentra fuq it-teatru. L-Istitut għandu żewġ kumpanijiet teatrali u orkestra. Dawn huma M.A.S.K. (Membri Atturi Stitut Kattoliku), Palkett u C.I.O. *(Catholic Institute Orchestra).*

4.6.6.1 Il-M.A.S.K. tieħu ħsieb produzzjonijiet teatrali ta' livell għoli. Fost l-aktar mistennija mill-pubbliku hija l-produzzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li għal dawn l-aħħar sitt snin pproduċiet drammi oriġinali. Il-M.A.S.K. torganizza wkoll leactures dwar l-arti teatrali lill-membri tagħha. Il-M.A.S.K. tagħmel erba' produzzjonijiet fis-sena, imma qed issibha diffiċli biex ittella' dawn il-produzzjonijiet minħabba finanzi.

4.6.6.2 Palkett hija kumpanija li tistieden atturi popolari mal-folol u torganizza kummiedji li minbarra mezz ta' divertiment għall-familji, iservi ukoll bħala fund raising għall-Istitut jew għall-produzzjonijiet oħra li jġibu telf finanzjarju. Palkett tagħmel ħames produzzjonijiet fis-sena.

4.6.6.3 Ic-C.I.O. hija orkestra żagħżugħa li torganizza żewġ kunċerti fit-teatru biex tagħmel inkoraġġiment l-istess żgħażagħ. Sfortunatament l-attivitajiet tagħha se jieqfu għal sentejn minħabba li s-surmast żagħżugħ tagħha ħa scholarship.

4.6.6.4 Minbarra dan, l-Istitut jaħdem produzzjonijiet teatrali b'kollaborazzjoni mal-Koperaturi. Dawn huma atturi professjonisti fost l-aqwa f'Malta. Dawn jaghmlu tliet produzzjonijiet fis-sena. Minħabba problemi finanzjarji dawn il-produzzjonijiet m'għadhomx isiru fit-Teatru ta' l-Istitut. Dan il-grupp igħin ħafna ukoll fid-direzzjoni ta' produzzjonijiet u fil-programm ta' taħriġ tal-M.A.S.K.

4.6.6.5 Minn din is-sena l-Istitut ħa ukoll ir-responsabbiltà tal-*Malta Branch, Lancashire School of Music.*

4.6.6.6 Barra minn hekk kull *weekend* fit-teatru jkun hemm produzzjoni differenti. Dawn ivarjaw minn drammi, kunċerti, kummiedji, *rock operas,* serati tal-ħaddiema, premjazzjonijiet ta' l-iskejjel, *talent shows* u oħrajn. Ħafna drabi jkun hemm produzzjoni ukoll fost il-ġimgħa.

Il-produzzjonijiet tat-teatru f'dawn l-aħħar tliet snin kienu mqassmin hekk bl-attendenza tagħhom.

| | | |
|---|---|---|
| 57 | kummiedji | 97200 |
| 3 | kummiedji soċjali | 2950 |
| 10 | kunċerti | 5390 |
| 9 | attivitajiet għat-tfal | 6850 |
| 7 | serati għall-ħaddiema | 5100 |
| 4 | lejliet kulturali | 3000 |
| 29 | serati edukattivi | 17700 |
| 3 | *rock operas* | 4100 |
| 2 | drammi | 3000 |
| 9 | drammi reliġjużi | 20650 |
| 133 | | 164900 |

4.6.7. L-Istitut kattoliku jiġbor l-attivitajiet kollha li jsiru f'fuljett jismu *Ilħna.*

Dan il-fuljett joħroġ kull xahar mill-1986 u jiġu ppubblikati 600 kopja li jitqassmu lill-membri ta' l-Istitut, lill-Kappillani u l-komunitajiet reliġjużi.

## 5. SEGRETARJAT GĦALL-ĦIDMA SOĊJALI U KARITÀ.

Taħt dan is-Segretarjat se nagħtu l-ħidma li twettqet mill-Caritas, għaliex fil-fatt għadhom sejrin id-diskussjonijiet biex issir fil-prattika d-distinzjoni bejn is-Segretarjat u l-Caritas u biex jitwaqqaf kunsill tas-Segretarjat.

5.1 **Anzjani.** B'risq l-anzjani il-Caritas ħadet dawn l-inizjattivi:

– waqfet grupp Ġirien Ħbieb għan-Nies Weħidhom fl-14-il parroċċa;

– fetħet 35 *day centre;*

– ħolqot l-Assoċjazzjoni *Vie Montante* għall-iżvillupp tal-ħajja spiritwali u appostolika ta' l-anzjani;

– fetħet ħanut *(Independent. Living Advice Centre)* fil-Furjana li joffri għajnuniet materjali għal dawk l-anzjani diżabilitati;

– bdiet programm b'risq l-anzjani fl-iskejjel tal-Knisja;

– ippubblikat żewġ kotba żgħar dwar problemi partikolari ta' l-anzjani;

– ippubblikat tliet kotba b' tipi kbar għall-anzjani;

– għandha grupp ta' voluntieri li jżuru regolarment lill-anzjani fi 8 djar residenzjali tal-Knisja;

– tagħti regolarment taħriġ lill-voluntieri u lill-Istaff tad-Djar għall-Anzjani li għandha l-Knisja. Ippubblikat ukoll ktejjeb biex jgħin lill-voluntieri;

5.2.1 **Drogati.** Fil-qasam tal-prevenzjoni:

– waqqfet gruppi ta' prevenzjoni u azzjoni kontra l-abbuż tad-droga f'24 parroċċa;

– ħadet passi biex l-istudenti ta' diversi skejjel privati jkunu mgħallma Life Skills;

– ħolqot opinjoni pubblika dwar l-abbuż tad-drogi fuq il-mezzi ta' kommunikazzjoni;

– ħarġet grupp ta' kelliema fuq is-suġġett li joffru s-servizzi meħtieġa li jorganizza taħditiet fuq is-suġġett;

– ħolqot l-Assoċjazzjoni Caritas għall-prevenzjoni u azzjoni kontra l-abbuż tad-droga;

– ħolqot l-Assoċjazzjoni *Youth for Drug Free Youth,*

– daħlet ukoll f'postijiet tax-xogħol u għamlet korsijiet fost minn iħaddem u l-ħaddiema;

– ippublikat żewġ kotba u bosta fuljetti fuq is-suġġetti.

5.2.2 Fil-qasam tar-rijabilitazzjoni

– għenet biex jinfetaħ *Deboxification Centre* fl-Isptar San Luqa;

– saħqet fuq il-ħtieġa li l-ġenituri tad-drogati jieħdu sehem fit-terapija ta' wliedhom;

– fetħet *Induction Centre*

– fetħet Komunità Terapewtika ta' San Blas bi programm residenzjali.

5.3 **Grupp Familji fid-Diffikultà** flimkien mas-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika jipprovdi għajnuna lil dawk il-familji li jsibu rwieħhom f'sitwazzjoni ta' faqar materjali. Dan il-grupp jagħmel kuntatt ma' dawn il-familji u jirreferihom għall-għajnuna li għandhom bżonn.

5.4 **Grupp Ġenituri Weħidhom.** Dan huwa grupp ta' ommijiet xebbiet jew

ġenituri weħidhom li jiltaqgħu darba fix-xahar biex bejniethom jaqsmu l-problemi morali, soċjali u legali tagħhom.

5.5 **Handikappati.** Il-Caritas żammet preżenza limitata fost il-ħandikkapati peress li diġà hawn diversi gruppi jaħdmu fosthom. Ħolqot *liason* mal-grupp tal-ġenituri tal-ħandikappati u l-*Grupp Muscular Dystrophy* peress li xi wħud mill-voluntieri offrew lill-ġenituri li jmorru d-dar u joqgħodu ma' wliedhom.

5.6 **Pazjenti Mentali.** Il-Caritas għandha grupp ta' voluntieri li jsiru ħbieb mal-pazjenti mentali, iżuruhom u joħorġuhom fiż–żmien li jkunu l-isptar u mbagħad jibqgħu jiltaqgħu magħhom anke wara li joħorġu mill-isptar. Fetħet *Thursday Club* fil-Furjana għall-ex-pazjenti mentali li jfittxu ħbiberija u terapija.

5.7 **Lagħba Anonimi.** Minbarra l-laqgħat regolari li jsiru fil-Caritas ta' l-*Alcoholics Anonymous* u *Al-Anon*, inbeda servizz ġdid tal-*Gamblers Anonymous* għal dawk li jixtiequ jikkontrollaw il-vizzju tal-logħob.

5.8 **Servizz ta' Pariri.** Il-Caritas iffurmat grupp ta' *Counsellors (Social workers)* li voluntarjament jagħtu servizz ta' pariri flimkien ma' l-istaff kwalifikat.

## 6. SEGRETARJAT GĦALL-MEZZI TA' KOMMUNIKAZZJONI SOĊJALI.

Il-ħidma li se nsemmu hija dak li qed issir mill-Media Centre peress li anke f'dan is-Segretarjat għadu ma twaqqafx il-Kunsill.

6.1 **Stamperija.** Mill-1 ta' Jannar, 1988 permezz tal-*Media Centre* ħa responsabbiltà ta' l-istamperija *Il-Ħajja*. Beda mmedjatament bi pjan ta' żvilupp li l-għan tiegħu kien l-immordernizzar ta' l-istamperija u l-bidla tal-bini f'ċentru djoċesan li jiġbor fih is-servizzi kollha li d-djoċesi toffri f'dan il-qasam, jiġifieri: stamperija, *publishing house*, studios, *bookshop*, l-uffiċċju tal-ġurnal, kamra ta' talb, sala tal-konferenzi. Il-pjan ta' l-istamperija kien jinkludi:

- inxtrat stamperija *offset*,
- sar programm ta' taħriġ lin-nies li kienu diġà mpjegati u oħrajn ġodda;
- ġie rranġat l-ambjent tal-bini;
- ingħata isem ġdid, *Media Centre Print* biex joħloq identità ġdida;

6.2 **Ħwienet tal-Kotba.** Il-*Media Centre* hija responsabbli ta' żewġ ħwienet tal-kotba: "Il-Qarrej Nisrani" fil-Belt u l-*Media Centre Bookshop* fil-Blata l-Bajda. F'dan il-ħanut jingħata wkoll servizz ta' *photocopying* u *stencilling.*

6.3 **Video Library.** Dan huwa l-aktar proġett riċenti, u jinsab fil-ħanut tal-Blata l-Bajda. Dan il-proġett ġie ffinanzjat parzjalment permezz ta' "self" minn parroċċi u gruppi. Bħalissa hemm 354 video differenti.

6.4 **Klabb Qari Nisrani** huwa *publishing house* li joħroġ kotba b'ispirazzjoni nisranija. Il-Klabb jippubblika erba' kotba fis-sena għall-membri tal-Klabb kif ukoll kotba oħra. Mill-1982, meta twaqqaf, ippubblika 43 ktieb.

6.5 **Media Centre Publications** jieħu responsabbiltà ta' produzzjoni ta' kull kwalità ta' xogħol għall-istampa.

6.6 **Il-Ġens** huwa l-ġurnal ta' darba fil-

ġimgħa li beda joħroġ wara li waqfet il-pubblikazzjoni ta' Il-Ħajja. Din il-gazzetta hija differenti mill-gazzetti l-oħra għax issemma' l-opinjonijiet kollha dwar is-suġġetti trattati, tenfasizza stejjer umani u ġawk investigattivi.

6.7 **Xandir Reliġjuż.** Ix-Xandir reliġjuż jitmexxa b'kollaborazzjoni kbira ma' Xandir Malta. F'dawn l-aħħar sentejn seħħew dawn l-iżviluppi:

– twaqqaf Adivsory Board maħtur mis-Segretarjat u Xandir Malta li jiltaqa' minn żmien għal żmien biex jagħti pariri dwar programmi reliġjużi;

– ħatar numru ta' producers għal programmi differenti, għaliex il-policy hi li nużaw l-akbar numru possibbli ta' nies;

– il-programm Xrara Dawl, ħsieb qasir li kien isir filgħodu b'ripetizzjoni filgħaxija issa sar tliet minuti u qed ikun differenti minn filgħodu għal filgħaxija u qed isir minn saċerdoti u lajċi;

– ir-Rużarju qed isir mninn familji mmexxi minn membri tal-*Legion of Mary;*

– il-quddiesa qed issir mill-kappella ta' l-Ursolini flok fl-Istudios;

– il-programm Mergħat huwa l-programm reliġjuż ewlieni fuq ir-radju u jxandar aħbarijiet, kommentarji u ntervisti;

– żdied programm ġdid dwar it-tagħlim soċjali tal-Knisja u dan jalterna ma' programm fuq it-talb;

– il-programm reliġjuż prinċipali fuq TVM huwa Dawlilħajja li llum huwa l-aktar programm li jarawh telespettaturi;

– il-Kelma tal-Mulej fuq TVM u Jum il-Mulej fuq ir-radju jagħtu tifsira tal-qari tal-liturġija.

6.8 **Radju tal-Knisja.** L-ewwel studju li sar mill-*Mediterranean Technical Services Ltd,* juri li l-ispiża meħtieġa hija kbira. Ġew ikkontestati diversi partijiet ta' dan ir-rapport u bħalissa qed tinħadem proposta mid-ditta Marconi. Radju tal-Knisja jkun jista' jimxi 'l quddiem jekk ikun hemm ħafna ħidma minn voluntarji. Idealment għandu jiġi avviċinat xi moviment fi ħdan il-Knisja li jipprovdi s-servizz tiegħu lill-*Media Cetnre* li jkollu t-tmexxija f'idejh.

6.9 **Gwida tal-Films.** L-iżviluppi li saru naqqsu l-importanza taċ-ċinema u għalhekk wieħed għandu jikkonsidra jekk iwaqqafx flok ikabbar din il-Gwida. Kienet toħroġ ukoll gwida tal-programmi tat-T.V. imma ma kelliex suċċess u se tieqaf fi tmiem l-1989. Imma l-gwida morali tal-programmi jixxandru f'Il-Ġens, *The Times* u *Sunday Times.*

6.10 **Group Media.** Il-*Media Centre* bagħat persuna barra minn Malta biex tagħmel kors fuq l-awdjoviżivi. Din issa qed tmexxi din it-taqsima. Minn żmien għal żmien qed joħorġu cassettes b'tema spiritwali, u s'issa ġew prodotti disa' cassettes. *Tape-slides presentations* kienu ġew ippubblikati 56, imma issa saru xi ħaġa rari. Għalkemm hemm pjan biex jerġgħu jibdew. Għadu kif ġew ppubblikat l-ewwel *video-cassette* bil-Malti fuq it-talb.

6.11 ***Media Education.*** Sar ħafna xogħol f'dan il-qasam. Ġew ippubblikati kotba għall-*Grades 4, 5 u 6* tal-livell primarju u ktieb għall-*Form 1 u 2* tas-sekondarji. Kważi l-iskejjel kollha tal-Knisja jgħallmu dan is-suġġett f'dawn il-livelli. Ġew organizzati wkoll diversi korsijiet għall-għalliema.

**7. SEGRETARJAT GĦALL-EMIGRAZZJONI U TURIŻMU.**

Is-Segretarjat iħaddan fih il-Kummissjoni Emigranti

l-Appostolat tal-Baħar
l-Appostolat ta'l-Avjazzjoni
St. Paul's Tourist Council.

Miegħu huma marbuta wkoll: il-
*Catholic Enquiry Centre*
*Christian Information Centre*
il-Kummissjoni Ekumenika u non-kristjani
Saċerdoti Maltin barra mid-Djoċesi
Moviment Missjunarju.

7.1 **Kummissjoni Emigranti** matul l-1989 kellha 383 każ ġdid matul l-1989 diġà mibdija. Dawn kienu jikkonsistu:

| | |
|---|---|
| Awstralja | 95 |
| U.K. | 80 |
| Kanada/U.S.A./oħrajn | 125 |
| Każi ta' żwiġijiet | 30 |
| Rifuġjati | 50 |
| ICMC | 3 |

In-natura ta' dawn il-każi hija l-qagħda ta' familji, kondotta, mard, mewt,tfittxija ta' nies, korrezzjoni ta' reġistri, pensjonijiet leġitimazzjoni ta' tfal, adozzjonijiet, ritorn ta; emigranti, mili ta' formoli, pariri, riċerka, regolarizzazzjoni ta' żwiġijiet u jitressqu domandi ghal divorzju u annullamenti ta' żwiġijiet quddiem it-Tribunali Ekkleżjastiċi.

Għat-22 sena fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm, il-Kummissjoni torganizza Lotterija ta' biljett b'xejn għall-Awstralja u Toronto/ New York bejn l-ommijiet li ilhom ma jiltaqgħu ma' wliedhom mhux anqas minn tliet snin. In-numru ta' applikanti kienu hekk:

1986 – 560
1987 – 382
1988 – 569
1989 – 407

F'Jum l-Omm ukoll torganizza laqgħa soċjali għall-ommijiet tas-saċerdoti u sorijiet li qegħdin jaqdu l-knisja fil-missjonijiet f'26 pajjiż differenti.

Il-Kummissjoni f'Jannar u Ottubru torganizza korsijiet *A Good Wife to a Foreigner* għat-tfajliet li jkunu se jiżżewwġu ma' emigranti jew ma' barranin bil-ħsieb li jmorru joqgħodu barra minn Malta. Ipprovdiet dan is-servizz li tfajliet li marru joqgħodu fi 18-il pajjiż differenti. Is-suġġetti jkunu *personal hygiene*, ċittadinanza u dokumenti, ż-żwieġ nisrani, problemi taż–żwieġ f'art barranija, *how to be a good hostess.*

Matul l-1989 saret ukoll din il-ħidma pastorali:

- 3 magħmudijiet t'adulti *converts*
- 12-il magħmudija ta' tfal jew trabi
- 6 konvalidazzjoni ta' żwiġijiet
- 3 rikonċiljazzjonijiet mal-Knisja
- 18-il Griżma ta' l-Isqof lill-adulti
- 50 koppja li ġew ippreparati għaż-żwieġ
- 115 Griżma tat-tfal
- 34 l-ewwel Tqarbina tat-tfal.

Il-Kummissjoni ttella' wkoll programm ta' nofs siegħa fuq *Cable Radio,* Il-Magazin ta' l-emigranti.

Il-*Migration research Centre* iżomm kuntatt ma' ġurnalisti u persuni nkarigati mill-programm tar-radju għall-Emigranti fl-Awstralja u l-Kanada. Darbtejn fis-sena, il-Kummissjoni toħroġ ukoll pubblikazzjoni "Lil Ħutna".

Assoċjati mal-Kummissjoni hemm
–*International Wives Association* li tħaddan fiha 280 mara barranija miżżewwġin Maltin, li bdiet korsijiet Malti u tat-Taljan għall-membri;
– *Maltese American Association* li twaqqfet fl-1974;
– *Friends of Australia Association* li twaqqfet fl-1977.

Is-sede ta' dawn l-assoċjazzjonijiet hija Dar l-Emigrant.

Il-Kummissjoni għandha wkoll is-Segretarjat ta' saċerdoti Maltin barra d-Djoċesi. Dan is-segretarjat joffri l-għajnuna meħtieġa lil dawn is-saċerdoti u jżomm kuntatt magħhom, jiltaqa' magħhom fi żmien il-vaganzi u jzomm rabta mal-ġenituri tagħhom.

7.2 ***St. Paul's Tourist Council*** jagħti servizz tal-*Christian Information Centre*, jippubblika Newsletter għar-residenti stranjieri, joffri servizz biex it-turisti ikunu jistgħu jsegwu l-proċessjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u jorganizza żjajjar lill-presepji fi żmien il-Milied. Iżomm Kuntatt mal-Bord tat-Turiżmu.

7.3 **Lukandi.** Is-Segretarjat għandu wkoll r-responsabbiltà ta' servizz pastorali fil-Lukandi u kull nhar ta' Ħadd tiġi ċelebrata quddiesa għall-personall u residenti f'diversi lukandi. Is-saċerdoti nkarigati jagħtu servizz ta' qrar f'ċerti lukandi u jorganizza festi ta' devozzjoni bħal Ras ir-Randan, Duluri, Eżerċizzi Spiritwali u Ġimgħa l-Kbira.

7.4 **Xtut.** Is-Segretarjat matul is-sajf joffri wkoll quddies nhar ta' Sibt filgħaxija u l-Ħadd fuq ix-xtajtiet. Is-saċerdoti nkarigati joffru servizz ta' qrar u araw li kollox isir bid-dekor meħtieġ.

7.5 **Parroċċi Nazzjonali.** Is-Segretarjat huwa wkoll responsabbli minn 5 parroċċi nazzjonali: għall-Ingliżi, għat-Taljani, għall-Ġermaniżi, għall-Franċiżi u l-Griegi. L-attivitajiet liturġiċi jsiru fil-Knisja ta' Santa Barbara u Santa Catarina d'Italia fil-Belt kif ukoll fil-Knisja ta' Santa Maria Damascena għall-kommunità Griega. Isir quddiesa bl-Ingliż fi 15-il Knisja jew kappella. Il-Komunità Ingliża, Taljana, u Ġermaniża għandhom Kunsill Parrokkjali li jiffunzjona.

7.6 **Ħidma Ekumenika.** Il-Kummissjoni torganizza l-Ottavarju ta' l-Għaqda tal-Knejjes u żżomm relazzjoni tajbin mal-ministri u denominazzjonijiet l-oħra.

7.7 **Apostolat tal-Baħar.** Dan l-appostolat jiżvolġi fil-Knisja ta' Liesse, il-Belt kif ukoll b'viżti u kuntatt personali mal-*crews* ta' vapuri li jidħlu fil-port u fit-tarzna.

## 8. SEGRETARJAT GĦAL-LAJĊI

Dan is-Segretarjat twaqqaf fit-3 ta' Diċembru 1986 u ħa post l-uffiċċju Lajċi li kien twaqqaf fil-Kurja fl-1979. Fil-31 t'Awissu, 1987 twaqqaf il-Kunsill tas-Segretarjat.

8.1 **FORUM.** Saret kunsultazzjoni ma' l-għaqdiet kollha dwar ir-riforma tal-K.D.A.L. u fid-19 ta' Frar, 1988 ġie iffurmat il-Forum ta' l-Għaqdiet u Movimenti ta' l-Apostolat.

8.2 **Żjajjar fil-Parroċċi.** Waħda mill-ħidmiet tad-Delegat huwa li jżur il-parroċċi u jiltaqa' mal-membri ta' l-għaqdiet u movimenti kattoliċi, jispjegalhom l-objjettivi tal-pjan u t-taqsima li tittrata fuq il-Lajċi, kif ukoll biex jgħin ħalli tinħoloq kooperazzjoni bejn l-għaqdiet. Id-Delegat jirrimarka li l-kooperazzjoni għal dawn il-viżti mhux dejjem kienet tajba biżżejjed; u minħabba mpenji oħra tas-Segretarjat ma ntlaħħqux l-impenji kollha.

8.3 **Inventarju.** Sar b'mod xjentifiku l-inventarju tat-talenti u tal-potenzjal ta' l-operaturi pastorali lajċi. Ix-xogħol inqasam fi tnejn. Ċensiment fuq il-lajċi mpenjati li wieġbu 6000 u fuq l-għaqdiet u movimenti li daħlu 400 tweġiba. Sa l-aħħar ta' Diċembru kien tlesta r-riżultat ta' dan l-inventarju. Ir-rapport ikun lest fil-bidu ta' l-1990.

8.4 **Phasing.** Is-Segretarjat ħadem dan il-*phasing*. Fl-ewwel sena sar programm ta' inkoraġġiment u tisħiħ ta' l-għaqdiet u movimenti. Għal dan il-għan bdew isiru laqgħat mad-diriġenti nazzjonali. F'dan is-sens ukoll beda jiġi organizzat flimkien mal-Forum u l-K.D.Ż. kull sena Jum l-Għaqdiet. Fit-tieni Ħadd tar-Randan. Id-Delegat ta' l-Arċisqof iħoss il-ħtieġa ta' aktar affjetament min-naħa tal-Kurja għall-proġetti u programmi li jiġu ppreżentati mill-Għaqdiet/ Movimenti.

Fit-tieni fażi ntagħżlu diversi setturi biex issir ħidma ta' evanġelizzazzjoni magħhom. Intagħżlu l-professjonisti, il-gradwati, il-*businessmen*, il-ħaddiema, l-imbegħdin, l-isportivi u l-istudenti. Ġie deċiż li fejn diġà qed issir ħidma tiġi nkoraġġita u kkoordinata.

8.5 **Kunsilli Parrokjali.** Is-Segretarjat ippropona revizzjoni ta' l-Istatut tal-Kunsilli Parrokkjali fis-sens li tingħata aktar sens ta' responsabbiltà lill-lajċi fil-Knisja. Intalab ukoll li ssir ħidma biex dawn ikunu effettivi.

8.6 Is-Segretarjat ta' wkoll il-kontribut tiegħu f' dawn l-aspetti:

– ministri straordinarji tat-tqarbin

– parteċipazzjoni aktar mill-lajċi fil-liturġija

– twessiegħ ta' pastorali fost il-ħaddiema tal-fabbriki;

– inkoraġġixxa lill-Moviment tal-Gradwati ta' l-Azzjoni Kattolika u għamel kuntatt mal-komunità Ħajja Nisranija;

– fetaħ djalogu mal-gradwati ta' *Institute of Religious Studies* u pproponielhom b'mod konkret tliet proġetti li fihom jistgħu jagħtu sehmhom fil-Knisja;

– Sar kuntatt u ġie inkoraġġit l-iskema l-assoċjazzjoni *The Full Gospel Business Men's Fellowship International* li b'mod indirett tagħmel pastorali fost il-businessmen;

– saru kuntatti dwar apostolat fost l-isportivi;

– saru kuntatti mas-Segretarjat tat-Tħabbir tal-kelma dwar it-testi tar-Reliġjon fl-iskejjel sekondarji;

– saret diskussjoni fuq it-thejjija ta' l-għarajjes għaż-żwieġ;

– inkuraġġixxa lill-Fergħa romol ta' l-Azzjoni Kattolika u lill-Moviment ta' Faraġ u Tama biex isaħħu l-ħidma tagħhom fost ir-romol;

– laqgħa mas-seminaristi dwar il-vokazzjoni u l-missjoni tal-lajċi;

– tkellem fil-laqgħat distrettwali kollha tas-saċerdoti fuq l-eżortazzjoni apostolika *Christifideles Laici;*

– qed isir xogħol biex ikun ikkorrdinat u jingħata taħriġ regolari fit-tagħlim soċjali tal-Knisja;

– ġiet studjata l-possibbiltà li tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-għaqdiet u movimenti billi joffru paġna fil-fuljett/ħarġa tagħhom għall-informazzjoni fuq xulxin.

**9. K.D.Ż**

9.1 Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ twaqqfet fis-16 ta' Jannar, 1983 wara li l-K.D.A.L. kien ħass il-bżonn ta' ħidma effettiva fost iż-żgħażagħ fuq skala djoċesana. Il-K.D.Ż. għalhekk kienet tiġbor fiha rappreżentanti mill-fergħat

żgħażagħ ta' l-għaqdiet reliġjużi aċċettati mill-Kurja, u minn dawk li jaħdmu proprju għaż-żgħażagħ. Fl-1986, il-K.D.Ż. indunat li ma setgħetx tibqa' mmexxija mir-rappreżentant ta' l-għaqdiet li normalment kienu jkunu ħafna mħabbtin u għalhekk bdew jiġu *coopted* xi membri. Wara li ġie ppubblikat il-Pjan Pastorali saru diversi laqgħat u seminars biex isir ittibdil meħtieġ ħalli l-K.D.Ż. tkun konformi ma' dak li jitlob il-Pjan.

9.2 Kemm-il darba l-K.D.Ż. ippruvat tiġbor l-attivitajiet taż-żgħażagħ li kienu qed jittellgħu mill-għaqdiet differenti biex tifforma tip ta' kalendarju biex ma jkunx hemm *overlapping* fl-attivitajiet fl-istess żminijiet. S'issa jidher li l-għaqdiet ma tantx jemmnu fih.

Bejn April 1986 u Frar 1987 saru 5 laqgħat tal-Forum għar-rappreżentanti ta' l-għaqdiet u l-gruppi taż-żgħażagħ fejn ġew diskussi dawn is-suġġetti:

- il-formazzjoni nisranija taż-żgħażagħ;
- l-evanġelizzazzjoni;
- iż-żgħażagħ fi ħdan l-għaqdiet;

Għall-bidu kien hemm attendenza tajba u mbagħad sfaxxat u kellhom jieqfu.

9.3 F'Jannar 1988 u f' April 1989 saru laqgħat mill-K.D.Ż. biex tara l-għaqdiet x'qed jistennew minnha; x'għajnuna lesti li joffrul; kif ukoll biex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-ħidma tal-K.D.Ż. Il-maġġoranza tal-Presidenti/Mexxejja attendew u saħqu fuq il-bżonn tal-kummissjoni mwaqqfa b'post attrezzat u persuni adattati, inklużi *full-timers* preferibbilment lajċi.

9.4 Il-programm tal-K.D.Ż. huwa li kull sena jorganizza żewġ attivitajiet kbar għaż-żgħażagħ: il-*Jesus Festival* fil-Festa ta' Kristu Re f' Novembru u attività f'Jum iż-Żgħażagħ f'Marzu/ April. Tagħmel ukoll ċelebrazzjoni oħra fi tmiem is-sena fit-*Trade Fair Grounds*, in-Naxxar.

9.5 F'Jannar 1986 bħala *follow-up* tal-Festa żgħażagħ '85, u bi tħejjija għal-laqgħat imsejjħa Forum, u fid-dawl tal-Pjan Pastorali, il-membri tal-K.D.Ż. għamlu kuntatti mal-gruppi ta' żgħażagħ fil-Belt, San Ġiljan, Ħamrun – Kunċizzjoni, Birgu, Raħal Ġdid, Ħaż-Żebbuġ, Żurrieq, Rabat, Mosta u B'Kara. bejn Mejju u Ottubru, 1987, il-membri tal-K.D.Ż għamlu kuntatt maż-żgħażagħ ta' Ħaż-Żebbuġ, San Ġiljan, Ħal Luqa, Mellieħa u Naxxar.

9.6 Bħala riżultat tas-seminar ta' Frar, 1988 fl-1989 bdew isiru *Weekend Encounters* għall-istudenti tal-ħames sena fl-iskejjel kollha ta' Malta. F'dawn l-aħħar sentejn bdew jiġu organizzati laqgħat għall-istudenti tar-raba' u l-ħames sena kull xahrejn.

9.7 Minn Ġunju, 1987 bdew id-diskussjonijiet biex il-K.D.Ż. ikollha Ċentru Djoċesan għaż-Żgħażagħ. S'issa għadhom mhux finalizzati.

9.8 **Il-K.D.Ż.** dejjem żammet f'moħħha li xogħolha huwa kemm fil-Knisja kif ukoll fid-dinja. Għalhekk qabel l-elezzjonijiet ġenerali f'pajjiżna f'Mejju, 1987, bagħtet memorandum lill-partiti politiċi. F'dawn is-snin għamlet ukoll numru ta' stqarrijiet fl-istampa dwar sitwazzjonijiet tal-pajjiż. Il-K.D.Ż. iżżomm kuntatt mat-taqsima Żgħażagħ tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u kultura kif ukoll ħadet interess fil-Federazzjoni Għaqdiet Żgħażagħ Maltin (F.Għ. Ż.M.) u f'xi mumenti ħadet anke l-inizjattiva li

tlaqqa' l-għaqdiet rappreżentati fi ħdan il-K.D.Ż. li huma wkoll membri tal-F.Għ. Ż.M. Il-K.D.Ż. iżżomm ukoll kuntatt mal-Grupp Djoċesan Appostolat taż-Żgħażagħ t'Għawdex.

## 10. PASTORALI ĦADDIEMA

10.1 It-tip ta' ħidma tinkludi fejn hu possibbli qrar, ċelebrazzjoni tal-quddies u eżerċizzi fi żmien ir-Randan. Il-frekwenza tvarja minn post għall-ieħor.

10.2 Diffikultà prinċipali hija l-koordinament għal dawk li huma mpenjati f'din il-pastorali. Dan hu meħtieġ għaliex ninsabu konvinti li dak li qed isir mhux biżżejjed biex joħoloq ambjent nisrani.

## 11. SEGRETARJAT GĦAT-TĦABBIR TAL-KELMA

11.1 Wara l-pubblikazzjoni tal-Pjan, il-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali bdiet tagħmel parti mis-Segretarjat għat-Tħabbir tal-Kelma u Katekeżi, b' digriet tat-11 ta' Mejju 1988.

11.1.1 Il-Kunsill huwa ffurmat u iltaqa' sitt darbiet. Is-Segretarjat sostanzjalment jimxi fuq in-natura ta' katekeżi u jipprova jwieġeb għall-karatteristiċi u ħtiġijiet tas-soċjetà Maltija kif imniżżlin fil-Pjan.

11.1.2 It-Taqsima Katekeżi fil-Parroċċi u Edukazzjoni Reliġjuża fl-iskejjel għadhom mhux iffurmati. Jonqos xi ħadd kwalifikat li jieħu ħsieb is-sezzjoni taż-Żgħażagħ u Adulti fil-Parroċċi u n-nomina ta' l-E.O. fid-dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Biex ngħinu din it-taqsima, saru laqgħat minn fost dawk li ggradwaw fl-I.R.S. li jixtiequ jaħdmu fost l-adulti. Saru wkoll laqgħat għal grupp ieħor li jixtieq jagħti sehem fl-Edukazzjoni reliġjuża fl-iskejjel sekondarji. Irid isir xogħol kbir f'dan il-qasam li huwa r-revizzjoni tas-*syllabus* u tat-testi fl-iskejjel primarji.

11.1.3 It-Taqsima formazzjoni u Riżorsi taħdem b'mod sodisfaċenti. Twaqqaf (għalkemm għad mhux uffiċjalment) Istitut għall-Ministeru tal-Kelma li jieħu ħsieb jorganizza l-korsijiet ta' fuqhom ġew ir-rekordjati lectures tal-korsijiet li saru matul is-snin.

11.2 Fuq it-tfal (settur skola primarja jew mill-Griżma 'l isfel qegħdin organizzati tajjeb ħafna. Fis-sena 1988/1989 tlesta l-aħħar ktieb tas-serje Lejn il-Missier u hekk il-programm tal-parroċċi u ta' l-iskola, bit-text book u teacher's guides huma lesti u qegħdin jinħadmu. Bħala għajnuna fil-katekeżi tat-tfal, il-Kummissjoni Kateketika ippubblikat numru ta' posters mibnija fuq il-lezzjoni li jsegwu t-tfal fil-parroċċi u fl-iskejjel.

11.3 Flimkien mas-Segretarjat għal-Liturġija qed nippreparaw Missal li jkun indirizzat għat-tfal.

11.4 Fuq l-istudenti ta' wara l-Griżma fil-parroċċi m'għandna pprparat l-ebda programm u test. Il-Kummissjoni pprovdiet xi temi bis-slides li jolqtu l-problemi ta' l-addolexxenti. Jinħass il-bżonn ta' xi ħadd (saċerdot / reliġjuż/a / lajk kwalifikat li jidħol għal dan is-settur. Irid isir xogħol kbir fil-parroċċi għat-tfal ta' wara l-Griżma li ma jmorrux fl-Għaqdiet. Il-Kummissjoni ppubblikat cassette bi ktieb miegħu, li jippreżenta tmien episodji drammatizzati mill-Evanġelju, li jittrattaw sitwazzjonijiet li jolqtu l-aktar lill-adoloxxenti.

11.5 L-Għaqda Biblika qiegħda taħseb biex tfassal u tippubblika Bibbja li tkun indirizzata għall-użu taż-żgħażagħ.

11.6 Għall-Adulti, din hija t-tielet sena li l-Kummissjoni Kateketika qiegħda torganizza kors indirizzat għal dawk li jixtiequ jorganizzaw il-katekeżi ta' l-adulti fil-parroċċi b'mod sistemat. L-attendenza, bħala medja tkun ta' ħmistax-il persuna. Bħala frott konkret ta' dawn bdew inizjattivi f'H' Attard u fil-Għargħur.

11.7 Reġa' ġie stampat il-ktieb: "Ma' Wliedna lejn Alla" biex jgħin il-ġenituri fl-edukazzjoni reliġjuża ta' wliedhom fil-familja. Ta' min jara, kif ilu maħsub żmien, jekk jigix ippublikat ktieb għall-ġenituri tat-tfal tal-Griżma.

11.8 Saret ħidma biex il-ktieb il-Magħmudija tat-Tarbija Tagħna jiġi rivedut. Ix-xogħol sar, imma l-istamperija li daħlet għal-*layout* tiegħu għadha m'għamlet xejn.

11.9 Ta' min jara l-utilità u l-possibiltà li jkollna test ta' katekeżi għall-Adulti. Bla dubju dan huwa proġett kbir, li jitlob il-kollaborazzjoni ta' ħafna setturi u ta' nies kompetenti kemm fil-messaġġ u kif ukoll fil-metodu.

11.10 Biex jinżamm kuntatt mal-katekeżi fil-Parroċċi, isiru tmien laqgħat fis-sena għad-delegati tal-parroċċi. F'dawn l-aħħar sentejn 51 parroċċa żammew dan il-kuntatt permezz tal-laqgħat. Barra minn dawn, il-Kummissjoni tgħin lill-parroċċi fil-laqgħat tal-ġenituri, kif ukoll korsijiet u seminars li jsriu fuq bażi parrokkjali.

11.11 Dwar il-formazzjoni tal-katekisti qiegħed isir ħafna xogħol. Il-Kummissjoni żżomm kors kważi kuljum matul is-sena skolastika. Dawn il-korsijiet jiġbru t-taqsimijiet prinċipali tal-katekeżi: kontenut, metodoloġija, teknika, tfal, adolexxenti u adulti. Ma jidhirx li jsir sforz biżżejjed biex għall-anqas kull parroċċa tibgħat persuna waaħda fis-sena.

11.12 Għall-għalliema tar-reliġjon fl-iskejjel, mis-sena l-oħra beda jsir kors ta' aġġornament lill-għalliema ta' l-iskejjel primarji. Is-sena l-oħra sar għall-għalliema tas-sitt sena. Din is-sena qiegħed isir għall-għalliema tal-ħames sena. Kull darba jkun hemm mal-mitejn għalliem li jinqasmu fi tliet gruppi. Bdew ukoll laqgħat regolari mar-*Religious Counsellors* fl-iskejjel ta' l-istat. Irid isir sforz biex l-istess kuntatti jinżammu ma' l-għalliema u mad-Diretturi Spiritwali fl-iskejjel tal-Knisja.

## 12. KUMMISSJONI DJOĊESANA FAMILJA

12.1 Din il-Kummissjoni twaqqfet mill-ġdid b'digriet ta' Mons. Ariċisqof fl-24 ta' Ġunju, 1988. Il-Kummissjoni ltaqgħet tnax-il darba. Fl-ewwel sena ngħatat prijorita kif il-Kummissjoni tista' taħdem b'mod prattiku fil-parroċċi.

12.2 Inżammu żewġ laqgħat mal-Kummissjonijiet Parrokkjali Familja, fejn inqraw żewġ *papers* fuq il-pastorali fil-familja fil-parroċċa u dwar kif nistgħu nibnu din il-komunità.

12.3 Intbagħat kwestjonarju lil kull kappillan. Għal dan il-kwestjonarju wieġbu 42 parroċċa u minnu rriżulta li:

– 22 parroċċa għandhom Kummissjoni Familja

– 2 parroċċi għandhom persuna nkarigata mill-pastorali tal-familja.

12.4 Billi mill-laqgħat mal-Kummissjonijiet tal-Parroċċi ingħatat ideja ta' x' taħriġ għandhom bżonn il-kummissjonijiet, f'Ottubru beda kors dwar il-Pastorali għall-Familja. Dan il-kors ikompli għal disa' xhur.

## 13. KUMMISSJONI ĠUSTIZZJA U PAĊI

13.1 Mit-twaqqif tagħha il-Kummissjoni għamlet 47 laqgħa. L-ewwel ħidma kienet studju biex jiġu ffurmulati bil-miktub l-għanjiet u l-istatut ta' l-istess kummissjoni. Saru laqgħat ma' l-Aġent President u nies importanti oħra biex il-membri jieħdu l-orjentament dwar l-għanijiet u l-ħidma tal-kummissjoni.

13.2 Tħejja dokument dwar ir-Rikonċiljazzjoni Nazzjonali b'idejat x'seta' jsir fil-prattika. Tqassmu 4,000 kopja. F'Jum il-Paċi jitħejja fuljett dwar x'jista' jagħmel kull individwu għall-Paċi. Minn dawn jitqassmu madwar 30,000 kopja. Ippubblikat ukoll ktejjeb fuq is-suġġett Il-Knisja u l-Istat. Diversi drabi membri tal-Kummissjoni ħadu sehem fi programmi fuq ix-Xandir dwar pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni.

13.3 Il-Kummissjoni tat ukoll il-veduti tagħha dwar il-*policy* għall-aljenazzjoni tal-proprjetà tad-Djoċesi u dwar l-akkwist ta' art biex tinbena skola privata.

13.4 Wara l-puublikazzjoni ta' l-Enċiklika "Solecitudo Rei Socialis", beda kuntatt fil-parroċċi b'serje ta' taħditiet. Saru 4 taħdidiet f'żewġ parroċċi. Dan kien esperiment u hemm il-ħsieb li jitkompla.

13.5 Saru kuntatti ma' Kummissjonijiet oħra ta' barra speċjalment mal-Komunità Ewropea u mal-Kunsill Pontifiċju għall-Ġustizzja u Paċi.

13.6 Fis- 27 t'Ottubru 1988, fuq talba tal-Kunsill Pontifiċju Ġustizzja u Paċi saret laqgħa qasira ta' talb li għaliha attendew u ħadu sehem attiv fiha membri parlamentari miż-żewġ naħat tal-Kamra. Din saret quddiem rappreżentanza ta' studenti mill-iskejjel sekondarji tal-Gvern u privati.

13.7 Sar week-end seminar taħt it-tmexxija ta' Patri Bartolomeo Sorge li għalih attendew madwar 70 persuna.

13.8 Il-Kummissjoni għamlet studju dwar id-Diskriminazzjoni fuq il-Post tax-Xogħol u ppubblikat fuljett u sar ukoll forum fuq il-konklużjonijiet ta' dan l-istudju.

## 14. UFFIĊĊJU GĦAR-RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI.

14.1 Dan l-uffiċċju twaqqaf b'digriet ta' Mons. Arċisqof ta' l-14 ta' Diċembru 1987; u miegħu hemm ukoll iċ-Ċentru ta' Dokumentazzjoni.

14.2 Il-ħidmiet prinċipali li qed iwettqu dan l-uffiċċju huma dawn:

– riformi lill-Mass Media lokali b'komunikati uffiċċjali dwar il-ħajja tal-Knisja f'Malta u dwar attivitajiet jew dokumenti tas-Santa Sede. Fl-1988 inħarġu 183 stqarrija għall-istampa u fl-1989 ħarġu 191.

– fejn ikun hemm il-bżonn jittraduċi bl-Ingliż l-istqarrijiet għall-istampa u d-diskorsi ta' Mons. Arċisqof.

– jipprovdi kull ġimgħa lill-ġurnali Il-Ġens u Leħen is-Sewwa kif ukoll lid-

direzzjoni tar-radju Mergħat, b'aħbarijiet mid-dinja kattolika.

–jipprovdi lill-Mass Media b'materjal ta' sfond jew ta' aġġornament, kif ukoll artikli, dwar suġġetti attwali li jolqtu l-ħajja tal-Knisja.

– iżomm kuntatt mal-ġurnalisti.

– joħroġ regolarment in-newsletter "Il-Kuntatt" għad-Delegati ta' l-Arċisqof u l-mexxejja tal-Kummissjonijiet Djoċesani.

–jagħmel monitoring regolari tal-gazzett u tax-xandir.

–jiġbor l-pubblikazzjonijiet tal-parroċċi u dokumenti li jaslu minn barra.

# WERREJ ĠENERALI


**Dokumenti Pontifiċji**
Ittra lill-Mons. Coppa, mibgħut tal-Papa għall-festi ta' l-Indipendenza
Ittra egħluq il-50 sena tal-bidu tal-gwerra 22
Letter concerning the situation in Lebanon 205
Ittra għall-100 sena ta' l-Opra San pIetru Appostlu 210
Ittra lis-saċerdoti fl-okkażjoni ta' Ħamis ix-Xirka 397
Messaġġ tal-Papa lill-Konferenza Episkopali Pollaka 31
Messaġġ tal-Papa għall-Jum il-Paċi 1990 178
Messaġġ tal-Papa għall-Jum iż-Żgħażagħ 1990 184
Messaġġ tal-Papa għall-Jum l-Emigrant 36
Messaġġ tal-Papa għall-Jum il-Vokazzjonijiet 1990 381
Messaġġ tal-Papa għall-Jum il-komunikazzjonijiet Soċjali 401
Messaġġ tal-Papa għall-Ġurnata Missjunarja 404
Esortazzjoni Appostolika dwar San Ġużepp 187
Diskors lill-President tal-Konferenzi Episkopali ta' l-Ewropa 407

**Dokumenti tas-Santa Sede**
Guidelines for the study of the Church's social doctrine 41
Inter-religious cooperation in communication 218
Dwar xi aspetti tal-meditazzjoni nisranija 228
Why study the Fathers 405
Il-vokazzjoni ekklesjali tat-teologu 291
Ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern Malti dwar l-iskejjel 291

**Dokumenti oħra**
Final Document of the European Ecumenical assembly on Peace & Justice 239

**Dokumenti tal-Konferenza Epsikopali**
Iż-żjara tal-Papa 294
Il-Jum dinji dwar l-Aids 295
Ittra pastorali dwar iż-żjara tal-Papa 297
Stqarrija dwar il-ġrajjiet fir-Rumanija 298
Pastorali għar-Randan 1990 423

**Diskorsi u Messaġġi ta' l-Arċisqof**
Messaġġ fil-175 sena tal-korp tal-Pulizija 128
Messaġġ fl-okkażjoni tal-25 sena ta' l-indipendenza 130
Messaġġ nhar il-15-il sena mill-ordinazzjoni episkopali tiegħu 131
Messaġġ nhar il-ħdax-il anniversajru tal-Papa 299
Messaġġ lis-saċerdoti djoċesani 302
Messaġġ lill-għalliema fis-70 sena tal-M.U.T 303
Messaġġ fil-festa ta' Kristu Re 305
Messaġġ għall-Jum il-Paċi 1990 307
Messaġġ għall-Milied 310
Messaġġ lill-persuni fil-ħabs 380
Messaġġ għall-Jum il-ħajja 426
Messaġġ lill-ġurnalisti 427
Messaġġ nhar il-festa tal-Gandlora 430

## Ċirkolarijiet tal-Kurja


217 Tifkira obbligatorja tal-Martri Vietnamiti 134
218 Żjara pastorali ta' l-Arċisqof lill-emigranti fil-Kanada u l-U.S.A. 135
219 25 sena ta' l-indipendenza 136
220 Il-15-il sena ta' l-ordinazzjoni episkopali ta' l-Arċisqof 137
221 Anniversarju tal-Papa – Ġurnata Missjunarja 312
222 Ġurnata Missjunarja 312
222 Kristu Re – Talba għal Lebanon – Jum l-Emigranti 313
223 Talb għall-Paċi – Diċembru 1989 318
224 Mixgħela tal-Knejjes 318
225 Ġabra għall-Karità 1990 – Jum dinji tal-Hansenians 433
226 Randan 1990 434
227 Jum l-għaqdiet u jum il-ħandikappati 435
228 Ġimgħa ta' sagrifiċċju 1990 436
229 L-Ewwel ta' Mejju – Ġimgħa ta' talb għal ħutna fil-ħabs 437
230 Jum l-Art Imqaddsa 1990 439
231 Istruzzjonijiet dwar iż-żjara tal-Papa 440
232 Ċelebrazzjoni ta' barka 442
233 Għajnuniet lin-nies milquta mit-terremot ta' l-Iran 443


## Dokumenti oħra


L-offerti tal-parroċċi lis-Seminarju – Randan 1989 138
Dħul fl-iskejjel tal-Knisja 139
Intenzjonijiet ta' l-Appostolat tat-Talb 1990 170
Quddiesa għall-paċi fil-Libanu 314
Ċelebrazzjoni għall-paċi fid-dinja – Diċembru 1990 319

Ottavarju għall-Għaqda ta' l-Insara 1

Rapport tat-Tribunal ekklesjastiku 444

Rapport dwar il-Pjan Pastorali 1989 509

Nomini ġodda 330,443

Ħutna fis-Saċerdozju li mietu fl-1989 384,480

God and the Trinity in the Fathers: The first two centuries 99
God and the Trinity in the Fathers: From Nicaea to Ephesus 367
God and the Trinity in the Fathers: From Ephesus to Chalcedon; St. Augustine 447


## Eżempju ta' omelija


I Ħadd ta' l-Avvent: Ikunu lesti ghax is-salvazzjoni hi fil-qrib 140
II ta' l-Avvent: Hejju triq il-Mulej 142
III Avvent: Il-Mulej ġej biex isalvana 144
IV Ħadd tal-Avvent: Omm l-Għimmanu-el 146
25 Diċembru: Dehret il-grazzja ta' Alla lill-bnedmin kollha 148
Ħadd wara l-Milied: Il-Familja Mqaddsa 150
L-ewwel tas-sena: Nagħtu bidu għal sena ġdida taħt il-ħarsien ta' l-Omm ta' Alla 151
L-ewwel Ħadd ta' Jannar: L-Epifanija tal-Mulej 153
II Ħadd tas-sena: Inkunu nies ta' prinċipju 155
III Ħadd tas-sena: Il-bidu tal-missjoni ta' Ġesù u s-sejħa ta' l-Appostli 157
IV Ħadd tas-sena: Il-qofol tal-ħajja nisranija 159
V Ħadd tas-sena: Dawl tad-dinja 161
VI Ħadd tas-sena: Il-perfezzjoni tal-liġi 162
VII Ħadd tas-sena: L-imħabba tal-proxxmu 166

VIII Ħadd tas-sena: 168
X Ħadd tas-sena: Il-misteru tat-Trinità Qaddisa 356
XI Ħadd tas-sena: Il-misteru tal-Ġisem u d-Demm għażiż tal-Mulej 359
XII Ħadd tas-sena: San Ġwann Battista 361
XIII Ħadd tas-sena: Ngħixu ħajja ġdida 363
XIV Ħadd tas-sena: Ix-xebh ma' Kristu 365
XV Ħadd tas-sena: Il-Kelma ta' Alla 366
XVI Ħadd tas-sena: L-indiema u l-maħfra tad-dnubiet 368
XVII Ħadd tas-sena: Teżor ta' siwi kbir 370
XVIII Ħadd tas-sena: L-Ewkaristija 372
XIX Ħadd tas-sena: Il-ħtieġa tal-fidi 373
XX Ħadd tas-sena: Is-sejħa tal-ġnus kollha għall-fidi 378
XXI Ħadd tas-sena: Min hu Kristu għalina 481
XXII Ħadd tas-sena: Il-misteru tat-tbatija 483
XXIII Ħadd tas-sena: Twissijiet li aħwa 484
XXIV Ħadd tas-sena: Il-maħfra tad-dnubiet 486
XXV Ħadd tas-sena: Inġibu ruħna kif jixraq l-Evanġelju ħa jkollna l-ħajja ta' dejjem 488
XXVI Ħadd tas-sena: Nagħmlu tassew ir-rieda ta' Alla 490
XXVII Ħadd tas-sena: L-Għalqa tal-Mulej 491
XXVIII Ħadd tas-sena: Il-mejda tal-Mulej 493
XXIX Ħadd tas-sena: Il-Ġurnata Missjunarja 494
XXX Ħadd tas-sena: Il-kmandament ta' l-imħabba 496
XXXI Ħadd tas-sena: Il-qadi veru ta' Alla 498
XXXII Ħadd tas-sena: L-imsiebaħ mixgħula 500
XXXIII Ħadd tas-sena: L-użu tajjeb tat-talenti tagħna 502
XXXIV Ħadd tas-sena: Kristu, sultan tal-ħolqien kollu 565

I Ħadd tar-Randan: Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq il-kotrot il-grazzja 331
II Ħadd tar-Randan: Is-sejħat ta' Alla 332
III Ħadd tar-Randan: L-ilma ħaj li jnixxi sal-ħajja ta' dejjem 334
IV Ħadd tar-Randan: L-Imdawwlin mill-Mulej 336
V Ħadd tar-Randan: Jien hu l-qawmien u l-ħajja 338
Ħadd il-Palm: Il-Misteru ta' l-Għid 340
I Ħadd ta' l-Għid: Il-jum li għamel il-Mulej 341
II Ħadd ta' l-Għid: 343
III Ħadd ta' l-Għid: Il-ħajja tagħna f'art barranija 345
IV Ħadd ta' l-Għid: Ragħaj u għassies ta' ruħna 347
V Ħadd ta' l-Għid: Ġens maħtur 349
VI Ħadd ta' l-Għid: Difesur ieħor 351
VII Ħadd ta' l-Għid: Il-missjoni ta' l-Appostli 353
Għid il-Ħamsin: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu" 355

10 ta' Frar: San Pawlu Missierna 164
24 ta' Ġunju: San Ġwann Battista 361
15 ta' Awissu: Santa Marija 376